IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.1.2016
COM(2016) 31 final

2016/0014 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 9 final}
{SWD(2016) 10 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-qafas legali għall-approvazzjoni tat-tip tal-prodotti tal-karozzi jkopri tliet kategoriji ta' vetturi: vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, muturi u trakters. L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi rivedut il-qafas legali għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom. Il-qafas legali għaż-żewġ kategoriji l-oħrajn ta' vetturi diġà kien soġġett għal reviżjoni ewlenija fl-2013.

Fil-preżent, ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom huma stabbiliti fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-"Direttiva Qafas")[1]. Dan il-qafas għandu l-għan li jiffaċilita l-moviment liberu tal-vetturi bil-mutur u tal-karrijiet tagħhom fis-suq intern billi jistabbilixxi rekwiżiti armonizzati maħsuba biex jilħqu għanijiet ambjentali u ta' sikurezza komuni. Id-Direttiva 2007/46/KE tkopri l-vetturi bil-mutur għat-trasport ta' passiġġieri (il-kategorija M) u ta' merkanzija (il-kategorija N), u l-karrijiet tagħhom (il-kategorija O), kif ukoll is-sistemi u l-komponenti tagħhom. Hija tipprovdi qafas li skontu qegħdin joperaw atti regolatorji separati u speċifiċi b'rekwiżiti ambjentali u ta' sigurtà. Dawn l-atti regolatorji jittrattaw għadd kbir ta' rekwiżiti tekniċi dettaljati għal tipi differenti ta' vetturi, sistemi u komponenti.

Bħala parti mill-impenji li għamlet il-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha CARS2020 għal industrija tal-karozzi Ewropea b'saħħitha, kompetittiva u sostenibbli[2], il-qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vetturi bil-mutur kien soġġett għal kontroll tal-idoneità komprensiv fl-2013. Hija kkonfermat li l-qafas legali tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE huwa xieraq sabiex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-armonizzazzjoni, it-tħaddim effettiv tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta. Madankollu, kien rikonoxxut ukoll li d-differenzi fl-interpretazzjoni u l-istrettezza fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti madwar l-Istati Membri qegħdin inaqqsu l-effettività tal-qafas. Għalhekk, id-dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar dan il-Kontroll tal-Idoneità rrikonoxxa li hemm lok għal titjib u identifika r-reviżjoni tad-Direttiva 2007/46/KE bħala kwistjoni ta' prijorità, bil-ħtieġa li ssir enfasi fuq l-aspetti li ġejjin:

– l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq sabiex jikkumplimentaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip;

– kjarifika tal-proċeduri ta' salvagwardja u sejħiet lura mis-suq, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' estensjonijiet għall-approvazzjonijiet għat-tipi ta' vetturi eżistenti;

– it-titjib tal-infurzar tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip permezz tal-armonizzazzjoni u t-titjib tal-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-proċeduri tal-produzzjoni applikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mis-servizzi tekniċi;

– kjarifika dwar l-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista u tal-awtoritajiet u l-partijiet involuti fl-infurzar tal-qafas; u

– it-titjib tal-adegwatezza tal-iskemi alternattivi tal-approvazzjoni tat-tip (approvazzjonijiet individwali u ta' serje żgħar nazzjonali) u tal-proċess tal-

[1] ĠU L 263, 9.10.2007, p.1

[2] COM/2012/0636 finali

approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà xierqa għal swieq niċeċ u SMEs, madankollu, mingħajr ma jiġu mfixkla l-kundizzjonijiet ekwi.

Għalkemm il-kontroll tal-idoneità kkonferma li l-qafas regolatorju eżistenti għandu l-merti tiegħu sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika, ġie kkritikat ħafna wara li nstab li manifattur Ġermaniż (VW) kien ilu bosta snin juża softwer li jimmanipula l-prestazzjoni tal-emissjonijiet tal-karozzi tiegħu. Fi żmien ġimgħa minn meta faqqa' dan l-iskandlu, il-Kummissjoni ħabbret li hija sejra ssaħħaħ is-sistema ta' approvazzjoni tat-tip, b'mod partikolari billi tiżgura li jkun hemm mekkaniżmi superviżorji adegwati sabiex tara li ssir applikazzjoni korretta u armonizzata tal-proċeduri ta' approvazzjoni tat-tip. F'suq intern bi 28 Stat Membru u f'settur soġġett għal progress teknoloġiku u xjentifiku bla heda, diverġenzi sostanzjali fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli jinvolvu r-riskju li jxekklu l-effettività tas-sistema u, għalhekk, l-objettivi ewlenin tal-politika ta' żgurar tas-sikurezza u s-saħħa taċ-ċittadini u l-ħarsien tal-ambjent. Wara l-iskandlu tal-VW, bosta partijiet interessati talbu b'mod apert li għandha ssir reviżjoni bħal din.

Din ir-reviżjoni għandha l-għan li tegħleb dawn il-problemi u d-diskrepanzi u li terġa' tikseb il-fiduċja taċ-ċittadini fil-kapaċità tas-sistema regolatorja sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent.

1.2. Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

– Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi.

– Ir-Regolament 765/2008/KE dwar l-akkreditament u s-sorveljanza tas-suq, li jinkludi regoli għall-politika Ewropea dwar l-akkreditament[3] (il-kontroll tal-kompetenza tal-laboratorji u tal-korpi ta' ċertifikazzjoni/spezzjoni li jagħtu ċ-ċertifikati fl-UE) u għall-politika fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli tal-prodotti minn pajjiżi terzi (għal prodotti sikuri, irrispettivament mill-oriġini tagħhom).

– Id-Deċiżjoni 768/2008/KE li tistabbilixxi qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti[4], li tinkludi dispożizzjonijiet standard li jridu jintużaw fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-suq intern għal prodotti (eż. definizzjonijiet, obbligi tal-operaturi ekonomiċi, klawżola ta' salvagwardja, eċċ.).

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni Ewropea nediet konsultazzjoni pubblika fl-2010[5], bil-għan li tiġbor il-fehmiet tal-partijiet interessati dwar l-intenzjoni tagħha li tirrevedi d-direttiva qafas. L-għan ta' din il-konsultazzjoni pubblika kien li tivverifika jekk l-oqsma identifikati mis-servizzi tal-Kummissjoni bħala li għandhom potenzjal li jtejbu l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vetturi bil-mutur

3 [3]ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

4 [4]ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.

5 http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/documents/consultations/2010-internal-market/index_mt.htm

jipprovdux il-kamp ta' applikazzjoni u l-enfasi xierqa għar-reviżjoni prevista tad-Direttiva Qafas 2007/46/KE.

Waslu erbgħin reazzjoni rilevanti li, b'mod ġenerali, indikaw appoġġ qawwi għall-għanijiet tal-inizjattiva. Filwaqt li 74% tal-parteċipanti qablu li l-qafas tal-approvazzjoni tat-tip attwali kien diġà ta' kwalità pjuttost għolja, 57.6% tagħhom kienu tal-fehma li, madankollu, seta' jsir aktar sabiex tiġi enfasizzata u ffokata b'mod xieraq l-applikazzjoni legali tal-prinċipji tas-sorveljanza tas-suq, b'47% tal-parteċipanti jgħidu li d-dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq eżistenti huma ineffettivi, filwaqt li 2.9% biss qablu li kienu effettivi. Dan ir-riżultat wera biċ-ċar li l-partijiet interessati jaqblu li jista', u għandu, jsir aktar sabiex jiġu kkumplimentati l-kontrolli ex-ante offruti mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip b'dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq ex-post.

Is-servizzi tal-Kummissjoni kkummissjonaw ukoll għadd ta' studji esterni li jakkumpanjaw u jikkontribwixxu għall-proċess tal-Valutazzjoni tal-Impatt. Fl-ewwel nofs tal-2011[6], twettaq studju ta' evalwazzjoni ex-post dwar id-direttiva qafas twettaq segwit minn studju dwar il-valutazzjoni tal-impatt (IA)[7] fit-tieni nofs tal-2011. Dan l-istudju evalwa l-impatt tal-għażliet possibbli żviluppati għal kull waħda mill-ħtiġijiet identifikati mis-servizzi tal-Kummissjoni u li kienu kkonfermati bħala rilevanti mill-konsultazzjoni pubblika. Abbażi tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika u l-istudju tal-IA, ġie identifikat kombinament preferut ta' għażliet politiċi biex dawn il-ħtiġijiet jiġu indirizzati.

Fl-2012/2013 twettqet ħidma ulterjuri dwar it-tħejjija tal-valutazzjoni tal-impatt u r-reviżjoni tad-Direttiva Qafas permezz ta' proġett pilota dwar il-kontroll tal-idoneità. Għal dak il-għan, ingħata kuntratt ta' studju li kien iffinalizzat f'Marzu 2013. F'Novembru 2013 ġie ppubblikat dokument ta' ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni[8], li jirrapporta dwar l-eżitu tal-proġett pilota dwar il-kontroll tal-idoneità, li jenfasizza l-prijoritajiet għar-reviżjoni prevista tad-Direttiva 2007/46/KE (Ara l-punt 1.1 aktar 'il fuq).

Kien hemm involviment b'livell għoli tal-partijiet interessati fil-kuntest tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21, li rriżulta f'għadd ta' rakkomandazzjonijiet b'rabta mal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip li implimentat il-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni CARS 2020 tagħha li adottat f'Novembru 2012.

Fl-aħħarnett, u skont l-impenji magħmula mill-Kummissjoni Ewropea fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha CARS2020, fit-tieni nofs tal-2013 twettaq studju dwar l-analiżi tal-impatt fuq il-kompetittività sabiex jikkumplimenta l-azzjonijiet imsemmija fuq. Il-ħtieġa għal miżuri ta' mitigazzjoni għall-SMEs ġiet ikkunsidrata fil-kuntest ta' dan l-istudju, li wera li għall-kombinament tal-għażliet politiċi miżmuma mhux ser ikun hemm impatti sinifikanti għall-SMEs fis-settur b'tali mod li dawn ikunu jeħtieġu miżuri ta' mitigazzjoni.

Barra minn hekk, matul il-proċess sħiħ tal-valutazzjoni tal-impatt saru skambji speċifiċi mal-awtoritajiet tal-Istati Membri waqt laqgħat tal-Kumitat Tekniku għall-Vetturi bil-Mutur (Technical Committee Motor Vehicles - TCMV) u tal-Grupp ta' Esperti tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip (Type-Approval Authorities Experts Group - TAAEG). L-iskambji ta' fehmiet mal-industrija u mal-

6 http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/files/projects/report-internal-market-legislation_mt.pdf

7 http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/files/projects/impact-assessment-internal-market-legislation_mt.pdf

8 SWD(2013) 466 finali

assoċjazzjonijiet tal-utenti dwar l-inizjattiva seħħew fil-qafas għall-Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur (Motor Vehicles Working Group - MVWG). Il-partijiet interessati kollha kienu kkonsultati wkoll mill-kuntratturi tal-istudju estern għall-ġbir ta' dejta u fehmiet.

Xprunat mill-feġġa tal-iskandlu dwar l-emissjonijiet ta' VW, fil-5 ta' Ottubru 2015 il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar il-kejl tal-emissjonijiet fis-settur awtomobilistiku, li fiha sejjaħ lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ b'mod sinifikanti r-reġim tal-approvazzjoni tat-tip attwali tal-UE, inkluża iktar sorveljanza tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tar-reġim ta' sorveljanza, koordinazzjoni u segwitu tas-suq għal vetturi mibjugħin fl-Unjoni.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Il-bażi legali

Il-bażi legali tal-proposta hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

3.2. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-leġiżlazzjoni qafas għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tas-suq intern għall-merkanzija. Din il-proposta tipprevedi li trendi l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' din il-leġiżlazzjoni aktar effettivi bħala parti mill-għan politiku ġenerali li japprofondixxi l-istrateġija tas-suq intern.

Għalkemm l-Istati Membri huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fit-territorju tagħhom, l-iżgurar ta' approċċ armonizzat u kkoordinat ibbażat fuq kriterji applikabbli b'mod komuni u applikat b'mod uniformi mill-Istati Membri huwa essenzjali sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE permezz ta' interpretazzjoni, implimentazzjoni u infurzar armonizzati tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip u appoġġjati minn dispożizzjonijiet armonizzati dwar is-sorveljanza tas-suq sabiex l-Istati Membri jiġu pprovduti b'mezzi adegwati għall-kontrolli wara t-tqegħid fis-suq u għat-teħid ta' azzjoni ta' rimedju komuni kontra l-preżenza ta' prodotti mhux konformi u mhux sikuri fis-suq.

Id-differenzi fl-organizzazzjoni nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip u tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri jistgħu jagħtu lok għal infurzar mhux armonizzat meta jiġu kkunsidrati fil-qafas tas-Suq Intern tal-Unjoni, li ma għadx għandu fruntieri interni u fejn il-kontrolli fil-fruntieri nazzjonali prattikament spiċċaw fix-xejn. Sabiex jiġi evitat li l-prodotti mhux konformi jitpoġġew fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri jiddependu wkoll ħafna fuq l-effettività tal-politika tal-infurzar tal-ġirien tagħhom. Konsegwentement, in-nuqqasijiet fl-infurzar minn Stat Membru wieħed jistgħu jimminaw serjament l-isforzi magħmula minn Stati Membri oħrajn sabiex jipprevjenu l-prodotti mhux konformi milli jidħlu fis-suq tagħhom. Din l-interdipendenza hija msaħħa mill-fatt li l-kompetenza tal-awtoritajiet tal-infurzar hija limitata għat-territorju nazzjonali. Meta tkun meħtieġa azzjoni ta' rimedju lil hinn mill-fruntiera, dawn l-awtoritajiet għandhom jistrieħu fuq il-kollegi tagħhom fi Stati Membri oħrajn.

Dan minħabba l-fatt li l-qafas tal-approvazzjoni tat-tip huwa bbażat fuq il-prinċipju li l-vetturi ġodda kollha prodotti b'konformità ma' tip ta' vettura approvat minn Stat Membru wieħed jibbenifikaw mid-dritt li jkunu kkummerċjalizzati u rreġistrati liberament fl-Istati Membri l-oħrajn. Dan id-dritt japplika għal dawn il-vetturi kollha, irrispettivament mill-oriġini tal-produzzjoni tagħhom. Dan ifisser li anki l-vetturi

prodotti barra mill-UE jistgħu jiġu importati liberament fl-UE, diment li l-manifattur ikun iċċertifika li dawn ġew prodotti b'konformità ma' tip ta' vettura approvat f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE. Minħabba n-natura globali tas-settur tal-karozzi, b'importazzjonijiet sostanzjali ta' prodotti tal-karozzi minn barra l-UE, din id-dimensjoni transkonfinali importanti titlob għal azzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi.

Li kieku l-azzjonijiet kellhom jittieħdu b'mod individwali mill-Istati Membri fil-livell nazzjonali għall-indirizzar tal-problemi tas-suq, dan jista' jinvolvi r-riskju li jinħolqu ostakoli għall-moviment liberu tal-vetturi bil-mutur garantit mil-leġiżlazzjoni qafas. B'hekk, huwa ġustifikat li tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE.

3.3. Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għaliex ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-iżgurar tal-funzjonament xieraq tas-suq intern, filwaqt li fl-istess ħin ikun hemm livell għoli ta' sigurtà pubblika u ħarsien ambjentali.

Il-miżuri proposti għat-tisħiħ u l-armonizzazzjoni ulterjuri tal-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip huma bbażati fuq il-prinċipji maqbula stipulati fil-qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti, kif ukoll fuq id-dispożizzjonijiet ta' referenza għal-leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodotti kif stipulat fl-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE. Fejn neċessarju u ġustifikat, dawn id-dispożizzjonijiet ġew adatatti għall-ispeċifiċitajiet tas-settur tal-karozzi, b'mod partikolari bil-għan li tiġi rikonoxxuta l-eżistenza ta' qafas tal-approvazzjoni tat-tip diġà stabbilit sewwa, kif ukoll bil-għan li tiġi żgurata l-koerenza sħiħa ma' dan il-qafas. B'mod partikolari, dan kien il-każ għad-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, fuq naħa waħda, u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u s-servizzi tekniċi nnominati minnhom, fuq in-naħa l-oħra.

3.4. L-għażla tal-istrumenti

L-użu ta' Regolament jitqies bħala xieraq fis-sens li jipprovdi l-garanzija meħtieġa għall-applikazzjoni u l-infurzar diretti u armonizzati, filwaqt li ma jitlobx it-traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri.

Il-proposta tkompli tibni fuq l-"approċċ b'livelli maqsuma" diġà introdott fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vetturi bil-mutur. Dan l-approċċ jipprovdi għal leġiżlazzjoni fi tliet stadji:

– id-dispożizzjonijiet fundamentali u l-kamp ta' applikazzjoni huma stabbiliti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'Regolament ibbażat fuq l-Artikolu 114 tat-TFUE b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

– l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati assoċjati mad-dispożizzjonijiet fundamentali ser jiġu stipulati f'atti delegati adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

– l-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet amministrattivi, bħall-mudell għad-dokument ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip, iċ-ċertifikat tal-konformità, eċċ. ser jiġu adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

L-implikazzjonijiet għall-baġit ta' din il-proposta huma kif ġej:

- Il-persunal tal-Kummissjoni għandu jorganizza u jieħu sehem f'"valutazzjonijiet konġunti" tas-servizzi tekniċi;
- Il-kostijiet għall-assessuri nazzjonali li jieħdu sehem fil-"valutazzjonijiet konġunti" tas-servizzi tekniċi skont ir-regoli tal-Kummissjoni dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrbin mill-esperti;
- Il-persunal tal-Kummissjoni għandu jipprovdi appoġġ xjentifiku, tekniku u loġistiku lis-sistema ta' evalwazzjoni bejn il-pari (awditjar konġunt tas-servizzi tekniċi) u għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fil-qasam tal-prodotti awtomobilistiċi;
- Il-persunal tal-Kummissjoni għandu jimmaniġġja u jkompli jiżviluppa l-qafas regolatorju tal-UE għall-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u tas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi (il-funzjonament ta' dan ir-Regolament u t-tħejjija tal-atti delegati/ta' implimentazzjoni) u sabiex isostnu u jissorveljaw lill-Istati Membri fl-iżgurar tal-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tiegħu;
- Il-kostijiet għall-organizzazzjoni tal-Forum dwar l-Infurzar stabbilit fl-Artikolu 10, inkluż ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-Istati Membri;
- Il-kostijiet għall-istabbiliment u l-ġestjoni tal-mekkaniżmu superviżorju fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-konformità mwettqin mis-servizzi tekniċi;
- Il-kostijiet sabiex isir l-ittestjar tal-osservanza u l-konformità tal-vetturi bil-mutur mill-Kummissjoni u
- Il-kostijiet għall-parteċipazzjoni fil-kooperazzjoni regolatorja internazzjonali, b'mod partikolari fin-NU/KEE;

Id-dettalji dwar il-kostijiet huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

Fid-dawl tal-limiti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, l-implimentazzjoni tal-proposta leġiżlattiva se jkollha tinbena fuq riżorsi eżistenti u tkun imfassla b'tali mod li ma jkunx hemm il-bżonn ta' riżorsi finanzjarji addizzjonali skont il-baġit tal-UE. L-azzjonijet previsti f'dan l-abbozz ta' proposta għal Regolament mhu se jkollhom l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE fuq u lil hinn l-approprjazzjonijiet diġà previsti fl-ipprogrammar finanzjarju uffiċjali tal-Kummissjoni billi kull rekwiżit għal riżorsi finanzjarji se jkollu jiġi ssodisfat permezz ta' dħul assenjat u riallokazzjoni interna.

Għall-perjodu wara l-31 ta' Diċembru 2020, l-ammont għandu jkun soġġett għall-qafas finanzjarju multiannwali fis-seħħ għall-perjodu li jibda fl-2021, skont l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

5.1. Iż-Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost jikkonċerna materji relatati maż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u, għalhekk, għandu jiġi estiż għaż-ŻEE.

5.2. Ir-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta ser twassal għar-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

2016/0014 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[9],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Is-suq intern jinkludi żona mingħajr fruntieri interni fejn għandu jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital. Ir-regoli tas-suq intern għandhom ikunu trasparenti, sempliċi u konsistenti, sabiex b'hekk jiġu pprovduti ċertezza u ċarezza legali għall-benefiċċju tan-negozji u tal-konsumaturi.

(2) Għal dak il-għan, ġie stabbilit qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE komprensiv għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi mid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10].

(3) Valutazzjoni tal-qafas legali tal-Unjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, imwettqa fl-2013[11], uriet li l-qafas stabbilit mid-Direttiva 2007/46/KE huwa addattat sabiex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-armonizzazzjoni, it-tħaddim effettiv tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta u, għalhekk, għandu jkompli jiġi applikat.

(4) Madankollu, f'dik il-valutazzjoni ġie konkluż li hemm il-ħtieġa li jiġu introdotti dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq sabiex jikkumplimentaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip, il-ħtieġa li jiġu ċċarati l-proċeduri ta' sejħiet lura u ta' salvagwardja, kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' estensjonijiet għall-approvazzjonijiet għat-tipi ta' vetturi eżistenti, il-ħtieġa li jittejjeb l-infurzar tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip permezz tal-armonizzazzjoni u t-tisħiħ tal-approvazzjoni tat-

[9] ĠU C , , p. .

[10] Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

[11] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Kontroll tal-Idoneità tal-qafas legali tal-UE għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur" (SWD(2013) 466 finali).

tip u l-konformità tal-proċeduri tal-produzzjoni applikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mis-servizzi tekniċi, il-ħtieġa li jiġu ċċarati r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista, kif ukoll tal-awtoritajiet u tal-partijiet involuti fl-infurzar tal-qafas, u l-ħtieġa li tittejjeb l-adegwatezza tal-iskemi alternattivi tal-approvazzjoni tat-tip (approvazzjonijiet individwali u ta' serje żgħar nazzjonali) u tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà xierqa għal swieq niċeċ u SMEs, madankollu, mingħajr ma jiġu mfixkla l-kundizzjonijiet ekwi.

(5) Barra minn hekk, il-problemi riċenti li nstabu matul l-implimentazzjoni tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip kixfu dgħjufijiet partikolari u juru li hemm bżonn ta' reviżjoni fundamentali sabiex jiġi żgurat qafas regolatorju robust, trasparenti, prevedibbli u sostenibbli li jipprevedi li jkun hemm livell għoli ta' sikurezza u ta' saħħa u protezzjoni ambjentali.

(6) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji armonizzati għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, u l-approvazzjoni tal-vettura individwali, bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-suq intern għall-benefiċċju tan-negozji u l-konsumaturi u jiġi offrut livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni tas-saħħa u l-ambjent.

(7) Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi sostantivi tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur tal-kategoriji M u N u l-karrijiet tagħhom (il-kategorija O) u għas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi bil-għan li jiġi żgurat livell adegwat ta' sikurezza u prestazzjoni ambjentali. Dawn il-kategoriji jkopru vetturi bil-mutur għat-trasport tal-passiġġieri, vetturi bil-mutur għat-trasport tal-merkanzija u l-karrijiet tagħhom, rispettivament.

(8) Dan ir-Regolament għandu jsaħħaħ il-qafas attwali tal-approvazzjoni tat-tip, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq. Is-sorveljanza tas-suq fis-settur tal-karozzi għandha tiġi introdotta billi jiġu speċifikati l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista, ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tal-infurzar fl-Istati Membri, kif ukoll il-miżuri li jridu jittieħdu meta jitpoġġew fis-suq prodotti tal-karozzi li jirrappreżentaw riskji serji għas-sikurezza jew għall-ambjent jew li ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip.

(9) Għandha tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip permezz tat-titjib tad-dispożizzjonijiet dwar il-konformità tal-produzzjoni billi, inter alia, tipprovdi awditjar perjodiku obbligatorju tal-metodi ta' kontroll tal-konformità u l-konformità kontinwa tal-prodotti kkonċernati u t-tisħiħ tar-rekwiżiti relatati mal-kompetenza, l-obbligi u l-prestazzjoni tas-servizzi tekniċi li jwettqu t-testijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura sħiħa taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip. Il-funzjonament xieraq tas-servizzi tekniċi huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza, protezzjoni u l-ambjent u l-fiduċja taċ-ċittadini fis-sistema. Il-kriterji għad-dežinjazzjoni tas-servizzi tekniċi pprovduti mid-Direttiva 2007/46/KE għandhom jiġu stabbiliti f'iktar dettall tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tagħhom. Il-metodi ta' valutazzjoni tas-servizzi tekniċi fl-Istati Membri għandhom tendenza li jvarjaw b'mod progressiv minħabba l-kumplessità tal-ħidma tagħhom. Għalhekk, hemm bżonn li jiġi pprovdut għal obbligi proċedurali li jiżguraw skambju tal-informazzjoni u monitoraġġ tal-prattiki tal-Istati membri għall-valutazzjoni, id-dežinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi tagħhom.

Dawn l-obbligi proċedurali għandhom ineħħu kwalunkwe diskrepanza eżistenti fil-metodi użati u fl-interpretazzjoni tal-kriterji għad-dežinjazzjoni tas-servizzi tekniċi.

(10) Il-bżonn għall-kontroll u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi mill-awtoritajiet tad-dežinjazzjoni żdied mindu l-progress tekniku żied ir-riskju li s-servizzi tekniċi ma jkollhomx il-kompetenza meħtieġa biex jiġu ttestjati teknoloġiji ġodda jew apparati li joħorġu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dežinjazzjoni tagħhom. Peress li l-progress tekniku jqassar iċ-ċikli tal-prodotti u peress li l-intervalli tal-valutazzjonijiet fuq il-post għal sorveljanza u tal-monitoraġġ ivarjaw bejn l-awtoritajiet tad-dežinjazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi fir-rigward tal-intervalli tas-sorveljanza u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi.

(11) Għalhekk, id-dežinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi mill-Istati Membri, skont il-kriterji dettaljati u stretti, għandhom ikunu soġġetti għal kontrolli superviżorji fil-livell tal-Unjoni, inkluż awditjar indipendenti bħala kundizzjoni għat-tiġdid tan-notifika tagħhom wara ħames snin. Il-pożizzjoni tas-servizzi tekniċi fir-rigward tal-manifatturi għandha tissaħħaħ, inklużi d-dritt u d-dmir tagħhom li jwettqu spezzjonijiet mhux imħabbrin fil-fabbriki u li jagħmlu testijiet fiżiċi jew tal-laboratorju fuq prodotti koperti minn dan ir-Regolament, sabiex jiżguraw li l-manifatturi jibqgħu konformi b'mod kontinwu wara li jkunu kisbu approvazzjoni tat-tip għall-prodotti tagħhom.

(12) Sabiex jiżdiedu t-trasparenza u l-fiduċja reċiproka u sabiex jiġu allinjati u żviluppati iktar il-kriterji għall-valutazzjoni, id-dežinjazzjoni u n-notifika tas-servizzi tekniċi, kif ukoll il-proċeduri ta' estensjoni u tiġdid, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin u mal-Kummissjoni. Għandhom jikkonsultaw lil xulxin u lill-Kummissjoni fuq kwistjonijiet ta' rilevanza ġenerali għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jinformaw lil xulxin u lill-Kummissjoni dwar il-mudell tal-lista ta' kontroll tagħhom.

(13) Meta d-dežinjazzjoni ta' servizz tekniku tkun ibbażata fuq l-akkreditazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12], il-korpi ta' akkreditazzjoni u l-awtoritajiet tad-dežinjazzjoni għandhom jiskambjaw informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-kompetenza tas-servizzi tekniċi.

(14) L-Istati Membri għandhom jimponu tariffi għad-dežinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-monitoraġġ ta' dawk is-servizzi tekniċi mill-Istati Membri u sabiex jistabbilixxu kundizzjonijiet ekwi għas-servizzi tekniċi. Sabiex tiġi żgurata trasparenza, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn qabel ma jadottaw il-livell u l-istruttura tat-tariffi.

(15) Meta, minkejja l-miżuri meħudin sabiex tiġi żgurata applikazzjoni koerenti u segwitu tar-rekwiżiti mill-Istati Membri, il-kompetenza ta' servizz tekniku tkun f'dubju, il-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà li tinvestiga każijiet individwali.

(16) Sabiex jiġi żgurat li t-testijiet u r-rapporti pprovduti mis-servizzi tekniċi ma jkunux influwenzati minn ċirkustanzi mhux leġittimi, l-organizzazzjoni u l-operat tas-servizzi tekniċi għandhom jiżguraw imparzjalità sħiħa. Sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod koerenti u sistematiku, is-servizzi tekniċi għandu jkollhom sistema ta' ġestjoni sodisfaċenti inklużi dispożizzjonijiet dwar servizzi professjonali. Sabiex is-

[12] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

servizzi tekniċi jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom b'mod xieraq, il-livell ta' għarfien u kompetenza u indipendenza tal-persunal għandu jkun iggarantit f'kull ħin.

(17) L-indipendenza tas-servizzi tekniċi fir-rigward tal-manifatturi għandha tiġi żgurata, inkluż billi jiġu evitati pagamenti diretti jew indiretti mill-manifatturi għall-ispezzjonijiet u t-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip li jkunu wettqu. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu struttura ta' tariffi għall-approvazzjonijiet tat-tip li għandha tkopri l-kostijiet għat-twettiq tat-testijiet u l-ispezzjonijiet kollha tal-approvazzjonijiet tat-tip li jwettqu s-servizzi tekniċi maħturin mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, kif ukoll il-kostijiet amministrattivi għall-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip u l-kostijiet għat-twettiq tat-testijiet u l-ispezzjonijiet tal-konformità ex-post.

(18) Hemm il-ħtieġa ta' mekkaniżmu robust li jinforza l-konformità biex jiżgura li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jiġu ssodisfati. L-iżgurar tal-konformità mal-approvazzjoni tat-tip u tal-konformità mar-rekwiżiti tal-produzzjoni tal-leġiżlazzjoni li tirregola s-settur tal-karozzi għandu jibqa' r-responsabbiltà ewlenija tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni, minħabba li dan huwa obbligu marbut mill-qrib mal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip u jirrikjedi għarfien dettaljat dwar il-kontenut tiegħu. Għalhekk huwa importanti li l-prestazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tiġi vverifikata b'mod regolari permezz ta' evalwazzjoni bejn il-pari, sabiex jiġi żgurat li jiġi applikat livell uniformi ta' kwalità u stringenza mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni kollha meta jinfurzaw ir-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip. Barra minn hekk, huwa importanti li jsir provvediment għall-verifika tal-korrettezza tal-approvazzjoni tat-tip stess.

(19) Koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali bl-iskambju ta' informazzjoni u valutazzjonijiet koordinati taħt id-direzzjoni ta' awtorità ta' koordinazzjoni hija fundamentali sabiex jiġi żgurat livell konsistentement għoli ta' sikurezza u saħħa u ħarsien tal-ambjent fis-suq intern. Dan għandu jwassal għal użu iktar effiċjenti tar-riżorsi skarsi fil-livell nazzjonali. Għal dan il-għan, għandu jiġi stabbilit Forum li fih l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiskambjaw informazzjoni dwar u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom li huma marbutin mal-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip. Il-kooperazzjoni bħalissa informali bejn l-Istati Membri f'dan ir-rigward tkun tibbenefika minn qafas iktar formali.

(20) Ir-regoli dwar is-sorveljanza tas-suq tal-Unjoni u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 japplikaw għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi mingħajr ma l-Istati Membri jinżammu milli jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu dawk il-kompiti. Is-sorveljanza tas-suq tista' tkun kompetenza kondiviża bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti sabiex jiġu kkunsidrati s-sistemi nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Il-koordinazzjoni u l-monitoraġġ effettivi fil-livell tal-Unjoni u fil-livell nazzjonali għandhom jiggarantixxu li l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jinfurzaw il-qafas ġdid tal-approvazzjoni tat-tip u tas-sorveljanza tas-suq.

(21) Huwa neċessarju li jiġu inklużi regoli dwar is-sorveljanza tas-suq f'dan ir-Regolament sabiex isaħħu d-drittijiet u l-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, sabiex jiżguraw koordinazzjoni effettiva tal-attivitajiet tagħhom ta' sorveljanza tas-suq u sabiex jiċċaraw il-proċeduri applikabbli.

(22) Sabiex tiżdied it-trasparenza fil-proċess tal-approvazzjoni u jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni u l-verifika indipendenti mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-Kummissjoni, id-dokumentazzjoni tal-approvazzjoni

tat-tip għandha tiġi pprovduta f'format elettroniku u għandha ssir disponibbli għall-pubbliku, soġġett għal eżenzjonijiet minħabba protezzjoni tal-interessi kummerċjali u l-protezzjoni tad-dejta personali.

(23) L-obbligi tal-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq stipulati f'dan ir-Regolament huma aktar speċifiċi minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 sabiex jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip u l-ħtieġa li dak il-qafas jiġi komplimentat b'mekkaniżmu effettiv ta' sorveljanza tas-suq li jiżgura verifika ex post robusta tal-konformità tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament.

(24) Dawn l-obbligi iktar speċifiċi għall-awtoritajiet nazzjonali previsti f'dan ir-Regolament għandhom jinkludu ttestjar u spezzjonijeit ta' verifika tal-konformità ex post ta' numru suffiċjenti ta' vetturi mqegħdin fis-suq. L-għażla tal-vetturi li sejrin ikunu soġġetti għal din il-verifika tal-konformità ex post għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju xierqa li tqis is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità possibbli u l-probabbiltà li sseħħ.

(25) Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha torganizza u twettaq jew titlob li twettaq testijiet u spezzjonijiet ta' verifika tal-konformità ex post, indipendentement minn dawk li jagħmlu l-Istati Membri fid-dawl tal-obbligi nazzjonali tagħhom ta' sorveljanza tas-suq. Meta dawn it-testijiet jistabbilixxu li hemm nuqqas ta' konformità, jew meta jinstab li ngħatat approvazzjoni tat-tip abbażi ta' dejta inkorretta l-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt li tieħu azzjonijiet ta' rimedju madwar l-Unjoni sabiex terġa' ġġib lura l-konformità tal-vetturi kkonċernati u biex jiġu investigati r-raġunijiet għall-inkorrettezza tal-approvazzjoni tat-tip. Għandu jiġi żgurat finanzjament xieraq fil-baġit ġenerali tal-Unjoni sabiex ikunu jistgħu jsiru t-tali ttestjar u spezzjonijiet ta' verifika tal-konformità. Fid-dawl tal-limiti baġitarji tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, l-implimentazzjoni tal-proposta leġiżlattiva sejjer ikollha tinbena fuq riżorsi eżistenti u tkun imfassla b'tali mod li ma tiġġenerax riżorsi finanzjarji addizzjonali. Il-Kummissjoni għandu jkollha d-dritt timponi multi amministrattivi fejn jiġi stabbilit li hemm nuqqas ta' konformità.

(26) Sabiex jiġu żgurati livell għoli ta' sikurezza funzjonali tal-vetturi, il-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u ta' utenti oħrajn tat-triq, kif ukoll il-ħarsien ambjentali, ir-rekwiżiti tekniċi u l-istandards ambjentali applikabbli għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati għandhom ikomplu jiġu armonizzati u adattati għall-progress tekniku u xjentifiku.

(27) L-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jiġu affettwati mill-fatt li ċerti sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati jew parts u tagħmir jistgħu jiġu mmuntati mal-vettura jew f'vettura wara li dik il-vettura tkun tpoġġiet fis-suq, ġiet irreġistrata jew iddaħħlet fis-servizz. Għalhekk, għandhom jittieħdu miżuri xierqa li jiżguraw li s-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati jew il-parts u t-tagħmir li jistgħu jiġu mmuntati mal-vetturi jew fil-vetturi u li jistgħu jfixklu b'mod sinifikanti l-funzjonament tas-sistemi li huma essenzjali għall-ħarsien ambjentali jew għas-sikurezza funzjonali jiġu kkontrollati minn awtorità tal-approvazzjoni qabel jitpoġġew fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz.

(28) Is-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tippermetti lil kull Stat Membru jikkonferma li kull tip ta' vettura u kull tip ta' sistema, komponent u unità teknika separata maħsuba għal tali tip ta' vettura jkunu għaddew mit-testijiet u mill-ispezzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament sabiex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip ta' dan ir-Regolament u li l-manifattur

tagħhom ikun kiseb ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip għalihom. Is-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE tobbliga lil manifattur sabiex jipproduċi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati tiegħu b'konformità mat-tip approvat. Manifattur ta' vettura għandu jiċċertifika dan billi joħroġ ċertifikat ta' konformità għal kull vettura. Kull vettura akkumpanjata minn ċertifikat validu ta' konformità għandha tiġi permessa li tkun disponibbli fis-suq u li tiġi rreġistrata sabiex tintuża madwar l-Unjoni kollha.

(29) Il-konformità tal-produzzjoni hija wieħed mill-pedamenti tas-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u, għalhekk, l-arranġamenti stabbiliti mill-manifattur sabiex jiżgura tali konformità għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti jew minn servizz tekniku kkwalifikat b'mod xieraq maħtur għal dak il-għan u jkunu soġġetti għal verifika regolari permezz ta' awditjar perjodiku indipendenti. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jiżguraw il-verifika tal-konformità kontinwa tal-prodotti kkonċernati.

(30) Il-validità kontinwa tal-approvazzjonijiet tat-tip tesiġi li l-manifattur jgħarraf lill-awtorità li tkun approvat it-tip ta' vettura tiegħu dwar kwalunkwe bidla fil-karatteristiċi tat-tip jew tar-rekwiżiti tas-sikurezza u tal-prestazzjoni ambjentali applikabbli għal dak it-tip. Għalhekk, huwa importanti li l-validità taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip maħruġa tkun limitata fiż-żmien u li dawk iċ-ċertifikati jkunu jistgħu jiġġeddu biss meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat u tkun sodisfatta li t-tip ta' vettura jkompli jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli kollha. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet għall-estensjoni tal-approvazzjonijiet tat-tip għandhom jiġu kkjarifikati sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-proċeduri u l-infurzar tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip madwar l-Unjoni.

(31) Il-valutazzjoni tar-riskji serji rrapportati għas-sikurezza u l-ħsara għas-saħħa tal-pubbliku u l-ambjent għandha ssir f'livell nazzjonali, iżda għandha tiġi żgurata koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni meta jkun possibbli li r-riskju jew il-ħsara rrapportati jkunu jeżistu anki lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru wieħed bil-għan li jinqasmu r-riżorsi u tiġi żgurata konsistenza rigward l-azzjoni korrettiva li trid tittieħed sabiex jiġu mitigati r-riskju u l-ħsara identifikati.

(32) Sabiex jiġi żgurat li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati kollha mqiegħda fis-suq joffru livell għoli ta' sikurezza u ħarsien ambjentali, il-manifattur jew kwalunkwe operatur ekonomiku ieħor fil-katina tal-provvista għandu jieħu miżuri ta' korrezzjoni effettivi, inkluż is-sejħa lura tal-vetturi mis-suq, meta vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tippreżenta riskju serju għall-utenti jew għall-ambjent kif imsemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jingħataw is-setgħa li jivvalutaw u jivverifikaw jekk dawk il-miżuri humiex biżżejjed. L-awtoritajiet ta' Stati Membri oħrajn għandu jkollhom id-dritt li jieħdu miżuri ta' salvagwardja f'każ li jqisu li l-miżuri korrettivi tal-manifattur ma jkunux biżżejjed.

(33) Għandha tiġi pprovduta flessibbiltà xierqa permezz ta' skemi alternattivi tal-approvazzjoni tat-tip għall-manifatturi li jipproduċu vetturi f'serje żgħar. Huma għandhom ikunu jistgħu jibbenifikaw mill-vantaġġi tas-suq intern tal-Unjoni, diment li l-vetturi tagħhom ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifiċi tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vetturi prodotti f'serje żgħar. F'ċerti każijiet limitati, huwa xieraq li tiġi permessa l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal serje żgħar. Sabiex jiġi evitat l-użu ħażin, kwalunkwe proċedura ssimplifikata għall-vetturi prodotti f'serje żgħar għandha tiġi ristretta għal każijiet ta' produzzjoni limitata ħafna. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi definit

preċiżament il-kunċett tal-vetturi prodotti f'serje żgħar f'termini tal-għadd ta' vetturi prodotti, ir-rekwiżiti li jridu jiġu rrispettati u l-kundizzjonijiet għat-tqegħid ta' dawk il-vetturi fis-suq. Huwa ugwalment importanti li tiġi speċifikata skema ta' approvazzjoni alternattiva għal vetturi individwali, b'mod partikolari sabiex tiġi pprovduta biżżejjed flessibbiltà għall-approvazzjoni tal-vetturi mibnija f'diversi stadji.

(34) L-Unjoni hija parti kontraenti mill-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, it-tagħmir u l-parts li jistgħu jiġu mmuntati mal-vetturi bir-roti u/jew jintużaw fuq vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ("Ftehim Rivedut tal-1958")[13]. L-Unjoni aċċettat għadd sinifikanti ta' regolamenti annessi mal-Ftehim Rivedut tal-1958 u, għalhekk, għandha l-obbligu li taċċetta l-approvazzjonijiet tat-tip maħruġa skont dawk ir-regolamenti bħala konformi mar-rekwiżiti ekwivalenti tal-Unjoni. Bl-iskop li tissimplifika l-qafas tagħha tal-approvazzjoni tat-tip u tallinjah mal-qafas internazzjonali tal-UNECE, l-Unjoni, fir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] ħassret id-Direttivi speċifiċi tagħha dwar l-approvazzjoni tat-tip u ssostitwiethom bl-applikazzjoni obbligatorja tar-regolamenti rilevanti tal-UNECE. Bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip, il-manifatturi ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jitħallew ifittxu approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament, fejn xieraq, direttament billi jiksbu approvazzjoni skont ir-regolamenti rilevanti tal-UNECE msemmija fl-Annessi għal dan ir-Regolament.

(35) Konsegwentement, ir-regolamenti tal-UNECE u l-emendi tagħhom, li l-Unjoni vvotat favurihom jew li tapplika l-Unjoni, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE[15], għandhom jiġu inkorporati fil-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament u li tadotta atti delegati sabiex tiżgura li r-referenzi għar-regolamenti tal-UNECE u l-emendi rispettivi tagħhom fil-lista tal-atti regolatorji rilevanti jinżammu aġġornati.

(36) L-aċċess mhux ristrett għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, permezz ta' format standardizzat li jista' jintuża sabiex tiġi rkuprata l-informazzjoni teknika, kif ukoll il-kompetizzjoni effettiva fis-suq tas-servizzi li jipprovdu tali informazzjoni huma meħtieġa sabiex jittejjeb il-funzjonament tas-suq intern, b'mod partikolari fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanzija, tal-libertà tal-istabbiliment u tal-libertà fil-forniment tas-servizzi. Ir-rekwiżiti għall-għoti ta' informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni sa issa kienu stipulati fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[16], ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-

---

13 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li tikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet, liema jistgħu jkunu ffittjati ma' u/jew ikunu użati ma' vetturi bir-roti u l-kundizzjonijiet għal rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet ('Ftehim Rivedut tal-1958') (ĠU L 346, 17.12.1997, p.81).

14 Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1).

15 Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

16 Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 692/2008[18] u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011[19]. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu kkonsolidati f'dan ir-Regolament u r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007, (KE) Nru 595/2009, (UE) Nru 692/2008 u (UE) Nru 582/2011 għandhom jiġu emendati kif xieraq.

(37) Mill-banda l-oħra, il-progress tekniku li jintroduċi metodi jew tekniki ġodda għad-dijanjostika u t-tiswija tal-vetturi, bħall-aċċess rimot għall-informazzjoni u s-softwer dwar il-vettura, m'għandux idgħajjef l-għanijiet ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manteniment għall-operaturi indipendenti.

(38) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (KE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20].

(39) Sabiex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat b'dettalji tekniċi ulterjuri, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip li jikkonċernaw il-prestazzjoni għall-ambjent u għas-sikurezza ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għal tali vetturi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni jkollha konsultazzjonijiet adegwati waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(40) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu implimentati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-penali imposti lill-Kummissjoni kull sena, sabiex jimmonitorjaw il-koerenza tal-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

(41) Fl-interessi taċ-ċarezza, tar-razzjonalità u tas-simplifikazzjoni, id-Direttiva 2007/46/KE għandha titħassar u tiġi sostitwita b'dan ir-Regolament. L-adozzjoni ta' Regolament tiżgura li d-dispożizzjonijiet ikunu direttament applikabbli u li jkunu jistgħu jiġu aġġornati b'mod f'waqtu u aktar effikaċi sabiex jittieħed kont aħjar tal-progress tekniku u tal-iżviluppi regolatorji fil-kuntest tal-Ftehim Rivedut tal-1958.

---

17 Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

18 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

19 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 25.6.2011, p. 1).

20 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(42) Sabiex tiġi implimentata sewwa l-verifika ta' konformità mill-Kummissjoni u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tkun kompetenti li timponi multi amministrattivi armonizzati fuq l-operaturi ekonomiċi li nstabu li kisru dan ir-regolament irrispettivament ta' fejn il-vettura, is-sistema, l-unità teknika separata tal-komponent kellha l-approvazzjoni tat-tip oriġinarjament.

(43) Kull meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jinvolvu l-ipproċessar ta' dejta personali, dawn għandhom jitwettqu skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22], kif ukoll il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għalih.

(44) Sabiex ikun possibbli għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi biex jippreparaw għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda introdotti mill-att, għandha tiġi stabbilita data ta' applikazzjoni wara d-dħul fis-seħħ.

(45) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli armonizzati dwar ir-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tal-kategoriji M, N u O, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati u dwar is-sorveljanza tas-suq ta' tali vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I
SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1
Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-tqegħid fis-suq tal-vetturi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati ġodda kollha maħsuba għal tali vetturi msemmija fl-Artikolu 2(1). Huwa japplika wkoll għal approvazzjonijiet ta' vetturi individwali.

2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti għas-sorveljanza tas-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li huma soġġetti għal approvazzjoni skont dan ir-Regolament, kif ukoll ta' parts u tagħmir għal tali vetturi.

---

21 Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

22 Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

Artikolu 2
Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal vetturi bil-mutur tal-kategoriji M u N u għall-karrijiet tagħhom tal-kategorija O, li huma maħsuba biex jintużaw fuq toroq pubbliċi, inklużi dawk iddisinjati u mibnija fi stadju wieħed jew aktar, u għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati, kif ukoll għal parts u tagħmir, iddisinjati u mibnija għal tali vetturi u karrijiet.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-vetturi li ġejjin:

   (a) vetturi li jintużaw għall-agrikoltura jew għall-forestrija, kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23];

   (b) vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli, kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24];

   (c) vetturi li jintużaw fuq binarji.

3. Għall-vetturi u l-makkinarji li ġejjin, il-manifattur jista' japplika għall-approvazzjoni tat-tip jew għall-approvazzjoni ta' vettura individwali skont dan ir-Regolament, diment li dawk il-vetturi jissodisfaw ir-rekwiżiti sostantivi ta' dan ir-Regolament:

   (a) vetturi ddisinjati u mibnija għall-użu prinċipalment f'siti ta' kostruzzjoni jew f'barrieri, u f'faċilitajiet ta' portijiet jew ajruporti;

   (b) vetturi mfassla u mibnija għall-użu mill-forzi armati, mid-difiża ċivili, mis-servizzi tat-tifi tan-nar u mill-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku;

   (c) kwalunkwe vettura awtopropulsiva ddisinjata u mibnija speċifikament sabiex twettaq xogħol u li, minħabba l-karatteristiċi tal-kostruzzjoni tagħha, mhijiex addattata għall-ġarr tal-passiġġieri jew għat-trasport tal-merkanzija.

4. Għall-vetturi li ġejjin, il-manifattur jista' japplika għal approvazzjoni ta' vettura individwali skont dan ir-Regolament:

   (a) vetturi maħsuba esklussivament għat-tlielaq fit-toroq;

   (b) prototipi ta' vetturi li jintużaw fit-triq taħt ir-responsabbiltà ta' manifattur sabiex iwettaq programm ta' test speċifiku, diment li dawn ikunu ġew iddisinjati u mibnija speċifikament għal dak il-għan.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'approvazzjoni tat-tip' tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tiċċertifika li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;

[23] Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.03.2013, p. 1).

[24] Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.03.2013, p. 52).

(2) ‘sorveljanza tas-suq’ tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq sabiex jiżguraw li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, kif ukoll il-parts u t-tagħmir magħmula disponibbli fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti u ma jipperikolawx is-saħħa, is-sikurezza jew kwalunkwe aspett ieħor tal-protezzjoni tal-interess pubbliku;

(3) ‘vettura’ tfisser kwalunkwe vettura bil-mutur jew il-karru tagħha kif definiti fil-punti (10) u (11);

(4) ‘sistema’ tfisser assemblaġġ ta’ apparat ikkombinat biex iwettaq funzjoni speċifika waħda jew aktar f’vettura u li huwa soġġett għar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament jew kwalunkwe mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV;

(5) ‘komponent’ tfisser apparat li huwa maħsub biex ikun parti minn vettura u li jista’ jkollu t-tip tiegħu approvat indipendentement minn dik il-vettura u li huwa soġġett għar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament jew kwalunkwe mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV;

(6) ‘unità teknika separata’ tfisser apparat maħsub biex ikun parti minn vettura li jista’ jkollu t-tip tiegħu approvat separatament, iżda biss fir-rigward ta’ tip speċifiku wieħed jew aktar ta’ vettura u li huwa soġġett għar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament jew kwalunkwe mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV;

(7) ‘parts’ tfisser oġġetti li jintużaw għall-assemblaġġ, għat-tiswija u għall-manutenzjoni ta’ vettura, kif ukoll spare parts;

(8) ‘tagħmir’ tfisser kwalunkwe oġġetti minbarra parts li jistgħu jiġu miżjuda jew installati fuq vettura;

(9) ‘manifattur’ tfisser persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-aspetti kollha tal-approvazzjoni tat-tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, jew għall-approvazzjoni ta’ vettura individwali, jew għall-proċess ta’ awtorizzazzjoni għal parts u tagħmir, sabiex tkun żgurata l-konformità tal-produzzjoni u li hija responsabbli wkoll għal kwistjonijiet tas-sorveljanza tas-suq għal dawk il-vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts u tagħmir immanifatturati, irrispettivament minn jekk dik il-persuna tkunx involuta direttament jew le fl-istadji kollha tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernata;

(10) ‘vettura bil-mutur’ tfisser kwalunkwe vettura bil-magna ddisinjata u mibnija sabiex titmexxa minnha nnifisha, li jkollha mill-inqas erba’ roti, li tkun kompleta jew mhux kompleta, b’veloċità massima skont id-disinn ta’ aktar minn 25 km/siegħa;

(11) ‘karru’ tfisser kwalunkwe vettura mhux awtopropulsiva fuq ir-roti ddisinjata u mibnija biex tiġi rmunkata minn vettura bil-mutur;

(12) ‘awtorità tal-approvazzjoni’ tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet ta’ Stat Membru, innotifikata lill-Kummissjoni minn dak l-Istat Membru, b’kompetenza għall-aspetti kollha tal-approvazzjoni tat-tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, jew tal-approvazzjoni ta’ vettura individwali, għall-proċess tal-awtorizzazzjoni għal parts u tagħmir, għall-ħruġ u, jekk xieraq, l-irtirar jew ir-rifjut ta’ ċertifikati ta’ approvazzjoni, biex taġixxi bħala l-punt ta’ kuntatt għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, biex taħtar is-servizzi tekniċi u biex tiżgura li l-manifattur jissodisfa l-obbligi tiegħu rigward il-konformità tal-produzzjoni;

(13) ‘awtorità tas-sorveljanza tas-suq’ tfisser l-awtorità jew l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għat-twettiq tas-sorveljanza tas-suq fit-territorju tal-Istat Membru;

(14) ‘awtorità nazzjonali’ tfisser awtorità tal-approvazzjoni jew kwalunkwe awtorità oħra involuta fis-sorveljanza tas-suq, fil-kontroll tal-fruntieri jew fir-reġistrazzjoni fi Stat Membru u responsabbli minnhom fir-rigward ta’ vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati u parts jew tagħmir;

(15) ‘tqegħid fis-suq’ tfisser li vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir isiru disponibbli għall-ewwel darba fl-Unjoni;

(16) ‘reġistrazzjoni’ tfisser l-awtorizzazzjoni amministrattiva temporanja jew permanenti għad-dħul fis-servizz fit-traffiku bit-triq ta’ vettura, inkluża l-identifikazzjoni tal-vettura u l-ħruġ ta’ numru tas-serje;

(17) ‘dħul fis-servizz’ tfisser l-ewwel użu fl-Unjoni, għall-iskop intenzjonat, ta’ vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir;

(18) ‘operatur ekonomiku’ tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant tal-manifattur, l-importatur jew id-distributur;

(19) ‘approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha’ tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ vettura mhux kompleta, kompleta jew li ġiet kompluta jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;

(20) ‘approvazzjoni tat-tip f’diversi stadji’ tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni waħda jew aktar jiċċertifikaw li, skont l-istat tal-ikkompletar, tip ta’ vettura mhux kompleta jew kompluta jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;

(21) ‘vettura mhux kompleta’ tfisser kwalunkwe vettura li jonqosha mill-inqas stadju ieħor biex tkun kompleta u tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta’ dan ir-Regolament u tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV;

(22) ‘approvazzjoni tat-tip tal-UE’ tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta’ dan ir-Regolament u tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV;

(23) ‘ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip’ tfisser id-dokument li bih l-awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika uffiċjalment li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkollhom it-tip tagħhom approvat;

(24) ‘rappreżentant tal-manifattur’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tiġi debitament maħtura mill-manifattur sabiex tirrappreżenta lill-manifattur quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni jew l-awtorità ta’ sorveljanza tas-suq u sabiex taġixxi f’isem il-manifattur fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament;

(25) ‘importatur’ tfisser persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni, li tqiegħed fis-suq vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir li jkunu ġew manifatturati f’pajjiż terz;

(26) ‘approvazzjoni tat-tip nazzjonali’ tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti stabbiliti mil-liġi nazzjonali ta’ Stat Membru, fejn il-validità ta’ tali approvazzjoni tkun limitata għat-territorju ta’ dak l-Istat Membru;

(27) ‘ċertifikat ta’ konformità’ tfisser id-dokument stabbilit fl-Anness IX, maħruġ mill-manifattur, li jiċċertifika li vettura manifatturata tikkonforma mat-tip approvat ta’ vettura;

(28) ‘distributur’ tfisser negozjant jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, minbarra l-manifattur jew l-importatur, li tagħmel disponibbli fis-suq vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir;

(29) ‘tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq’ tfisser kwalunkwe forniment ta’ vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir għad-distribuzzjoni jew l-użu fis-suq fl-andament ta’ attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas jew inkella bla ħlas;

(30) ‘approvazzjoni tat-tip pass pass’ tfisser il-proċedura li tikkonsisti fil-ġbir pass pass tas-sett sħiħ ta’ ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati li jifformaw parti minn vettura, u li twassal, fl-istadju finali, għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha;

(31) ‘approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed’ tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata b’mod sħiħ jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti permezz ta’ operazzjoni waħda;

(32) ‘approvazzjoni tat-tip imħallta’ tfisser approvazzjoni tat-tip pass pass li għaliha jkunu nkisbu approvazzjoni tat-tip ta’ sistema waħda jew aktar matul l-istadju finali tal-approvazzjoni tal-vettura kollha, mingħajr il-ħtieġa li jinħarġu ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal dawk is-sistemi;

(33) ‘vettura kompluta’ tfisser vettura li tirriżulta mill-approvazzjoni tat-tip f’diversi stadji li tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta’ dan ir-Regolament u tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV;

(34) ‘vettura kompleta’ tfisser vettura li mgħandhiex bżonn tiġi kkompletata sabiex tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta’ dan ir-Regolament u tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV;

(35) ‘tip ta’ vettura’ tfisser kategorija partikolari ta’ vetturi li mhumiex differenti tal-inqas fil-kriterji essenzjali speċifikati fil-Parti B tal-Anness II, u li jista’ jkollhom varjanti u verżjonijiet imsemmija fl-istess kategorija;

(36) ‘servizz tekniku’ tfisser organizzazzjoni jew entità maħtura mill-awtorità tal-approvazzjoni bħala laboratorju tal-ittestjar sabiex iwettaq it-testijiet, jew bħala entità għall-valutazzjoni tal-konformità sabiex twettaq il-valutazzjoni inizjali u testijiet jew spezzjonijiet oħrajn;

(37) ‘vettura bażi’ tfisser kwalunkwe vettura li tintuża fl-istadju inizjali ta’ approvazzjoni tat-tip f’diversi stadji;

(38) ‘approvazzjoni tat-tip tas-sistema’ tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ sistema jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;

(39) ‘approvazzjoni tat-tip ta’ unità teknika separata’ tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ unità teknika separata jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti fir-rigward ta’ tip speċifikat wieħed jew aktar ta’ vetturi;

(40) ‘approvazzjoni tat-tip ta’ komponent’ tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li tip ta’ komponent, indipendentement minn vettura, jissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti;

(41) ‘metodu ta’ ttestjar virtwali’ tfisser simulazzjonijiet bil-kompjuter, inklużi kalkoli, sabiex juru li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata tissodisfa jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi ta’ att regolatorju elenkat fl-Anness IV mingħajr ma jkun meħtieġ l-użu ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata fiżiċi;

(42) ‘approvazzjoni ta’ vettura individwali’ tfisser il-proċedura li biha awtorità tal-approvazzjoni tiċċertifika li vettura partikolari, kemm jekk unika kif ukoll jekk le, tissodisfa d-dispożizzjonijiet amministrattivi u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti għall-approvazzjoni ta’ vettura individwali tal-UE u għall-approvazzjoni ta’ vettura individwali nazzjonali;

(43) ‘vettura ta’ tmiem is-serje’ tfisser vettura li hija parti minn ħażna u li, minħabba d-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti tekniċi ġodda li fl-isfond tagħhom ma kellhiex it-tip tagħha approvat, ma tistax tkun jew tibqa’ disponibbli fis-suq, tiġi rreġistrata jew imdaħħla fis-servizz;

(44) ‘rekwiżiti alternattivi’ tfisser dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi li għandhom l-għan li jiżguraw livell ta’ sikurezza funzjonali, ħarsien ambjentali u sikurezza okkupazzjonali li, kemm jista’ jkun prattikabbli, ikun ekwivalenti għal-livell previst minn wieħed jew aktar mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV;

(45) ‘spare parts’ tfisser oġġetti li għandhom jiġu installati fi jew fuq vettura sabiex jissostitwixxu l-parts oriġinali ta’ dik il-vettura, inklużi oġġetti li huma neċessarji għall-użu ta’ vettura, bl-eċċezzjoni tal-karburanti;

(46) ‘informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura’ tfisser l-informazzjoni kollha meħtieġa għad-dijanjożi, il-manutenzjoni, l-ispezzjoni, il-monitoraġġ perjodiku, it-tiswija, l-ipprogrammar mill-ġdid jew l-inizjalizzazzjoni mill-ġdid ta’ vettura, kif ukoll għall-immuntar ta’ parts u tagħmir fuq il-vetturi, u li tiġi pprovduta mill-manifattur lill-bejjiegħa awtorizzati u lil min isewwi, inklużi l-emendi u ż-żidiet sussegwenti kollha għal dik l-informazzjoni;

(47) ‘operatur indipendenti’ tfisser persuna fiżika jew ġuridika, minbarra bejjiegħ awtorizzat jew min isewwi, li hija direttament jew indirettament involuta fit-tiswija u fil-manutenzjoni tal-vetturi, inklużi dawk li jsewwu, manifatturi jew distributuri ta’ tagħmir tat-tiswija, għodod jew spare parts, pubblikaturi ta’ informazzjoni teknika, assoċjazzjonijiet tal-karozzi, operaturi tal-assistenza fit-triq, operaturi li joffru servizzi ta’ spezzjoni u ttestjar, operaturi li joffru taħriġ għall-istallaturi, il-manifatturi ta’ u dawk li jsewwu t-tagħmir għall-vetturi li jaħdmu b’karburanti alternattivi; tfisser ukoll dawk li jsewwu, bejjiegħa jew distributuri awtorizzati fi ħdan is-sistema tad-distribuzzjoni ta’ manifattur ta’ vettura partikolari sakemm huma jipprovdu servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni għall-vetturi li fir-rigward tagħhom mhumiex membri tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-manifattur tal-vettura;

(48) ‘persuna awtorizzata biex issewwi’ tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni għall-vetturi li joperaw fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-manifattur;

(49) ‘persuna li ssewwi b’mod indipendenti’ tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizzi ta’ tiswija u manutenzjoni għall-vetturi li ma joperawx fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-manifattur;

(50) ‘informazzjoni dwar is-sistema dijanjostika abbord (OBD) *tal-vettura*’ tfisser l-informazzjoni pprovduta minn sistema abbord vettura jew li tkun ikkonnettjata ma’ magna u li tkun kapaċi tidentifika ħsara u, fejn applikabbli, tindika l-okkorrenza tagħha permezz ta’ sistema ta’ twissija, tidentifika dik il-parti li x’aktarx tkun qed taħdem ħażin permezz tal-informazzjoni maħżuna fil-memorja ta’ kompjuter, kif ukoll tikkomunika dik l-informazzjoni off-board;

(51) ‘vettura prodotta f’serje żgħar’ tfisser tip ta’ vettura li n-numru ta’ unitajiet tagħha magħmula disponibbli fis-suq, irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz ma jaqbiżx il-limiti annwali kwantitattivi stipulati fl-Anness XII;

(52) ‘vettura bi skop speċjali’ (SPV) tfisser vettura tal-kategorija M, N jew O bil-karatteristiċi tekniċi speċifiċi biex twettaq funzjoni li tirrikjedi arranġamenti jew tagħmir speċjali;

(53) ‘semi-trejler’ tfisser vettura rmunkata, fejn il-fus(ien) huwa/huma ppożizzjonat(i) wara ċ-ċentru tal-gravità tal-vettura (meta tkun mgħobbija b’mod uniformi) u li tkun mgħammra b’apparat ta’ konnessjoni li jippermetti l-forzi vertikali jew orizzontali jiġu trasmessi lejn il-vettura tal-irmonk.

(54) “korp ta’ akkreditazzjoni nazzjonali” tfisser l-uniku korp fi Stat Membru li jwettaq l-akkreditazzjoni bl-awtorità li ngħatatlu mill-Istat kif stipulat fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

(55) “valutazzjoni fuq il-post” tfisser verifika mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip fil-bini tas-servizz tekniku jew wieħed mis-sottokuntratturi jew waħda mis-sussidjarji tiegħu;

(56) “valutazzjoni ta’ sorveljanza fuq il-post” tfisser valutazzjoni perjodika ta’ rutina fuq il-post li la hija l-valutazzjoni fuq il-post li ssir għad-dożinjazzjoni inizjali, u lanqas il-valutazzjoni fuq il-post li ssir għat-tiġdid tad-dożinjazzjoni;

Artikolu 4
Kategoriji ta' vetturi

1. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw il-kategoriji ta’ vetturi li ġejjin:

   (a) Kategorija M tinkludi l-vetturi bil-mutur iddisinjati u mibnija primarjament għall-ġarr tal-persuni u tal-bagalji tagħhom, jiġifieri:

      (i) Kategorija M_1: vetturi bil-mutur li jinkludu mhux aktar minn tmien pożizzjonijiet bil-qiegħda minbarra l-pożizzjoni bil-qiegħda tax-xufier u mingħajr spazju għal passiġġieri bil-wieqfa. In-numru ta’ pożizzjonijiet bil-qiegħda jista’ jkun ristrett għall-pożizzjoni bil-qiegħda tax-xufier;

      (ii) Kategorija M_2: vetturi bil-mutur li jinkludu aktar minn tmien pożizzjonijiet bil-qiegħda minbarra l-pożizzjoni bil-qiegħda tax-xufier u b’massa massima ta’ mhux aktar minn 5 tunnellati. Dawn il-vetturi bil-mutur jista’ jkollhom spazju għal passiġġieri bil-wieqfa;

      (iii) Kategorija M_3: vetturi bil-mutur li jinkludu aktar minn tmien pożizzjonijiet bil-qiegħda minbarra l-pożizzjoni bil-qiegħda tax-xufier u b’massa massima ta’ aktar minn 5 tunnellati. Dawn il-vetturi bil-mutur jista’ jkollhom spazju għal passiġġieri bil-wieqfa.

(a) Kategorija N tinkludi vetturi bil-mutur iddisinjati u mibnija primarjament għall-ġarr ta' merkanzija, jiġifieri:

(i) Kategorija N_1: vetturi bil-mutur b'massa massima ta' mhux aktar minn 3,5 tunnellati;

(ii) Kategorija N_2: vetturi bil-mutur b'massa massima ta' aktar minn 3,5 tunnellati iżda mhux aktar minn 12-il tunnellata;

(iii) Kategorija N_3: vetturi bil-mutur b'massa massima ta' aktar minn 12-il tunnellata.

(b) Kategorija O tinkludi trejlers iddisinjati u mibnija għall-ġarr ta' merkanzija jew ta' persuni, kif ukoll għall-akkomodazzjoni ta' persuni, jiġifieri:

(i) Kategorija O_1: trejlers b'massa massima ta' mhux aktar minn 0,75 tunnellata;

(ii) Kategorija O_2: trejlers b'massa massima ta' aktar minn 0,75 tunnellati iżda mhux aktar minn 3,5 tunnellati;

(iii) Kategorija O_3: trejlers b'massa massima ta' aktar minn 3,5 tunnellati iżda mhux aktar minn 10 tunnellati;

(iv) Kategorija O_4: trejlers b'massa massima ta' aktar minn 10 tunnellati.

2. Il-kriterji għall-kategorizzazzjoni tal-vetturi, tat-tipi ta' vetturi, tal-varjanti u tal-verżjonijiet huma speċifikati fl-Anness II.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness II dwar il-kategorizzazzjoni tas-sub-kategoriji ta' vetturi, it-tipi ta' vetturi u t-tipi ta' karozzerija bil-għan li tadattah għall-progress tekniku.

KAPITOLU II
OBBLIGI ĠENERALI

Artikolu 5
Rekwiżiti sostantivi ġenerali

1. Il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness IV bil-għan li tikkunsidra l-iżviluppi teknoloġiċi u regolatorji billi tintroduċi u taġġorna r-referenzi għall-atti regolatorji li jinkludu r-rekwiżiti li magħhom iridu jkunu konformi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati.

Artikolu 6
Obbligi tal-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jaħtru l-awtoritajiet tal-approvazzjoni u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar it-twaqqif u l-ħatra ta' tali awtoritajiet.

Dik in-notifika għandha tinkludi l-isem ta' dawk l-awtoritajiet, l-indirizz tagħhom, inkluż l-indirizz elettroniku tagħhom, kif ukoll il-kompetenzi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha lista tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, flimkien mad-dettalji tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz biss ta' dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri ma għandhomx jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, għajr fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 52.

Permezz ta' deroga minn dik ir-regola, l-Istati Membri mhumiex obbligati li jippermettu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew l-użu ta' vetturi b'approvazzjoni tat-tip skont dan ir-Regolament, iżda li jaqbżu d-dimensjonijiet armonizzati stabbiliti fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE[25].

4. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw u jwettqu sorveljanza tas-suq u kontrolli tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li jidħlu fis-suq, b'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu, fejn jaraw li hu meħtieġ u ġġustifikat, ikunu intitolati li jidħlu fil-bini tal-operaturi ekonomiċi u jissekwestraw il-kampjuni meħtieġa ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għal skopijiet ta' ttestjar tal-konformità.

6. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' approvazzjoni tat-tip tagħhom. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull erba' snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari n-numru tal-approvazzjoni tat-tip mogħtija u l-identità tal-manifatturi korrispondenti.

7. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull erba' snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku.

Artikolu 7
Obbligi tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom japprovaw biss tali vetturi, sistemi komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

[25] Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU L 235 17.9.1996, p. 59).

2. L-awtoritajiet ta’ approvazzjoni għandhom iwettqu dmirijiethom b’mod indipendenti u imparzjali. Dawn għandhom josservaw il-kunfidenzjalità meta jkun meħtieġ sabiex jitħarsu s-sigrieti kummerċjali, soġġett għall-obbligu ta’ informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) sabiex jitħarsu l-interessi tal-utenti fl-Unjoni.

3. Stat Membru fejn iktar minn awtorità tal-approvazzjoni waħda hija responsabbli għall-approvazzjoni tal-vettura inkluż approvazzjoni tal-vettura individwali, għandu jaħtar awtorità ta’ approvazzjoni unika għall-iskambju ta’ informazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u għall-obbligi stabbiliti f’Kapitolu XV ta’ dan ir-Regolament.

   L-awtoritajiet tal-approvazzjoni fi ħdan Stat Membru għandhom jikkooperaw ma’ xulxin billi jaqsmu informazzjoni rilevanti għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom.

4. Meta awtorità ta’ approvazzjoni tiġi infurmata skont l-Artikoli 8(5), 9(5), 52(4) jew 54, din għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tirrevedi l-approvazzjoni mogħtija u, fejn ikun xieraq, tikkoreġi jew tirtira l-approvazzjoni skont ir-raġunijiet u s-serjetà tad-devjazzjonijiet murija.

5. Il-Kummissjoni tista’ tadotta atti ta’ implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-kriterji komuni għall-ħatra, ir-reviżjoni u l-valutazzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni fil-livell nazzjonali. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta’ eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

Artikolu 8
Obbligi tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq

1. L-awtoritajiet ta’ sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu l-kontrolli regolari sabiex jivverifikaw il-konformità tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati mar-rekwiżiti stabbiliti f’dan ir-Regolament kif ukoll il-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip. Dawk il-kontrolli għandhom isiru fuq skala adegwata, permezz ta’ kontrolli dokumentarji u permezz ta’ testijiet b’impettu reali u tal-laboratorju fuq il-bażi ta’ kampjuni statistikament rilevanti. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet ta’ sorveljanza tas-suq għandhom jikkunsidraw il-prinċipji stabbiliti tal-valutazzjoni tar-riskju, l-ilmenti u informazzjoni oħra.

2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jitolbu lill-operaturi ekonomiċi sabiex jagħmlu d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni disponibbli skont kif iqisu meħtieġ għall-fini tat-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.

3. Għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li għandhom it-tip tagħhom approvat, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkunsidraw xierqa ċ-ċertifikati ta’ konformità ppreżentati mill-operaturi ekonomiċi.

4. L-awtoritajiet ta’ sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex javżaw lill-utenti fit-territorji tagħhom f’perjodu ta’ żmien adegwat dwar il-perikli li jkunu identifikaw b’rabta ma’ xi vettura, sistema, komponent u unità teknika separata sabiex jipprevjenu jew inaqqsu r-riskju ta’ korriment jew ħsara oħra.

   L-awtoritajiet ta’ sorveljanza tas-suq jikkooperaw mal-operaturi ekonomiċi fir-rigward ta’ azzjonijiet li jistgħu jevitaw jew inaqqsu riskji kkaġunati minn vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati mqegħdin għad-dispożizzjoni minn dawn l-operaturi.

5. Meta l-awtoritajiet ta’ sorveljanza tas-suq ta’ Stat Membru jiddeċiedu li jirtiraw vettura, sistema, komponent u unità teknika separata mis-suq, skont l-Artikolu 49(5),

għandhom jgħarrfu lill-operatur ekonomiku kkonċernat u fejn applikabbli l-awtorità tal-approvazzjoni relevanti.

6. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti u imparzjali. Għandhom josservaw il-kunfidenzjalità fejn ikun hemm bżonn sabiex iħarsu s-sigrieti kummerċjali, soġġett għall-obbligu ta' informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(3) kemm ikun hemm bżonn sabiex ikunu protetti l-interessi tal-utenti fl-Unjoni Ewropea.

7. L-Istati Membri għandhom jirrevedu u jivvalutaw b'mod perjodiku l-funzjonament tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom. It-tali reviżjonijiet u valutazzjonijiet għandhom isiru tal-inqas kull erba' snin u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu komunikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel sommarju tar-riżultati aċċessibbli għall-pubbliku.

8. L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri differenti għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq tagħhom, jikkooperaw ma' xulxin u jaqsmu ma' xulxin u mal-Kummissjoni r-riżultati tagħhom. Meta jkun xieraq, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jaqblu fuq il-qsim tax-xogħol u l-ispeċjalizzazzjoni.

9. Meta jkun hemm iktar minn awtorità waħda fi Stat Membru li tkun responsabbli għas-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli tal-fruntieri esterni, dawk l-awtoritajiet għandhom jikkooperaw ma' xulxin, billi jaqsmu informazzjoni rilevanti għar-rwol u l-funzjonijiet tagħhom.

10. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-kriterji għall-istabbiliment tal-iskala, il-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza li biha jridu jsiru l-kontrolli tal-verifiki tal-konformità tal-kampjuni meħudin imsemmijin fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

Artikolu 9
Verifika tal-konformità mill-Kummissjoni u koordinazzjoni tal-infurzar mal-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha torganizza u twettaq, jew teħtieġ li jitwettqu, fuq skala adegwata, testijiet u spezzjonijiet ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin għad-dispożizzjoni fis-suq, bil-għan li tivverifika li dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati jikkonformaw mal-approvazzjonijiet tat-tip u l-leġiżlazzjoni applikabbli kif ukoll biex tiġi żgurata l-korrettezza tal-approvazzjonijiet tat-tip.

   Dawk it-testijiet u spezzjonijiet jistgħu jsiru fuq vetturi ġodda forniti mill-manifatturi jew l-operatur ekonomiku kif previst fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt.

   Dawn it-testijiet u spezzjonijiet jistgħu iseħħu fil-każ ta' vetturi rreġistrati bi qbil mad-detentur ta' reġistrazzjoni tal-vettura.

2. Il-manifatturi li jkollhom approvazzjoni tat-tip jew l-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba, għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, numru statistikament rilevanti ta' vetturi tal-produzzjoni, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati magħżulin mill-Kummissjoni li huma rappreżentattivi għall-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati disponibbli għat-tqegħid fis-suq b'dik l-approvazzjoni tat-tip. Dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom

jiġu fornuti għall-ittestjar f'tali żmien u post u għall-perjodu li tkun teħtieġ il-Kummissjoni.

3. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel l-ittestjar imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri, għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni d-dejta kollha marbuta mal-approvazzjoni tat-tip tal-vettura, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati soġġetta għall-ittestjar tal-verifika tal-konformità. Din id-dejta għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni inkluża fiċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-annessi tiegħu li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 26(1).

Għall-vetturi approvati skont il- proċedura tat-tip bi stadju wara stadju jew f'diversi stadji, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni wkoll iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip u l-annessi tiegħu li hemm referenza għalih fl-Artikolu 26(1) għall-approvazzjonijiet tas-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati.

4. Il-manifatturi tal-vetturi għandhom jagħmlu d-dejta li hija meħtieġa għall-fini tal-ittestjar tal-verifika tal-konformità minn partijiet terzi pubblika. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi d-dejta li għandha ssir pubblika u l-kundizzjonijiet għal tali pubblikazzjoni, soġġett għall-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali u l-preservazzjoni tad-dejta personali skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

5. Meta l-Kummissjoni tistabbilixxi li l-vetturi ttestjati jew spezzjonati ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' approvazzjoni tat-tip stabbiliti f'dan ir-Regolament jew kwalunkwe att regolatorju elenkat fl-Anness IV jew li l-approvazzjoni tat-tip tkun ingħatat abbażi ta' dejta inkorretta, din għandha titlob skont l-Artikolu 54(8) mingħajr dewmien lill-operatur ikkonċernat biex jieħu l-miżuri korrettivi kollha meħtieġa biex iġib il-vetturi f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, jew inkella jieħu miżuri restrittivi, jew billi titlob lill-operatur ekonomiku biex jirtira l-vetturi kkonċernati mis-suq, jew li ssejjaħhom lura f'perjodu raġonevoli ta' żmien, skont is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità stabbilit.

Meta dawn it-testijiet u l-ispezzjonijiet ipoġġu f'dubju l-korrettezza tal-approvazzjoni tat-tip stess, il-Kummissjoni għandha tinforma l-awtorità tal-approvazzjoni jew l-awtoritajiet ikkonċernati kif ukoll il-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar is-sejbiet tagħha wara kull test ta' verifika tal-konformità li twettaq.

Artikolu 10
Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tippresjedi Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar ("il-Forum").

Dan il-Forum għandu jkun magħmul minn membri maħturin mill-Istati Membri.

2. Il-Forum għandu jikkoordina netwerk ta' awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip u għas-sorveljanza tas-suq.

Il-kompiti ta' konsulenza tiegħu għandhom jinkludu, inter alia, il-promozzjoni ta' prassi tajba, l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-problemi ta' infurzar, il-kooperazzjoni, l-iżvilupp ta' metodi tax-xogħol u għodod, żvilupp ta' proċedura ta'

skambju ta' informazzjoni elettronika, l-evalwazzjoni ta' proġetti ta' infurzar armonizzati, il-penali, u l-ispezzjonijiet konġunti.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 88 biex tistabbilixxi l-għamla, il-proċess ta' ħatra, il-kompiti ddettaljati, il-metodi ta' ħidma u r-regoli tal-proċedura tal-Forum.

Artikolu 11
Obbligi ġenerali tal-manifatturi

1. Il-manifattur għandu jiżgura li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huwa stess immanifattura u li jkunu tqiegħdu fis-suq jew iddaħħlu fis-servizz ikunu ġew manifatturati u approvati b'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, il-manifattur għandu jkun responsabbli wkoll għall-approvazzjoni u l-konformità tal-produzzjoni tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li huwa jkun żied fl-istadju tal-ikkompletar tal-vettura. Kwalunkwe manifattur li jimmodifika komponenti, sistemi jew unitajiet tekniċi separati diġà approvati fi stadji aktar bikrija għandu jkun responsabbli għall-approvazzjoni u l-konformità tal-produzzjoni tal-komponenti, tas-sistemi jew tal-unitajiet tekniċi separati mmodifikati. Il-manifattur tal-istadju preċedenti għandu jipprovdi informazzjoni lill-manifattur tal-istadju sussegwenti rigward kwalunkwe bidla li tista' taffettwa l-approvazzjoni tat-tip tal-komponent, l-approvazzjoni tat-tip tas-sistema jew l-approvazzjoni tat-tip tal-unità teknika separata jew inkella l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha. Tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta hekk kif tkun inħarġet l-estensjoni l-ġdida għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha u mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-produzzjoni tal-vettura mhux kompleta.

3. Il-manifattur li jimmodifika vettura mhux kompleta b'tali mod li din tikkwalifika bħala kategorija ta' vettura differenti, bil-konsegwenza li r-rekwiżiti diġà vvalutati fi stadju preċedenti tal-approvazzjoni tat-tip ikunu nbidlu, għandu jkun responsabbli wkoll għall-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għall-kategorija ta' vetturi li għaliha tikkwalifika l-vettura mmodifikata.

4. Għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, manifattur stabbilit barra mill-Unjoni għandu jaħtar rappreżentant waħdieni stabbilit fl-Unjoni sabiex jirrappreżenta lill-manifattur quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni. Dak il-manifattur għandu jaħtar ukoll rappreżentant waħdieni stabbilit fl-Unjoni għall-finijiet tas-sorveljanza tas-suq, li jista' jkun l-istess rappreżentant maħtur għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

5. Il-manifattur għandu jkun responsabbli għall-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni u għall-iżgurar tal-konformità tal-produzzjoni, kemm jekk ikun involut direttament jew le fl-istadji kollha tal-kostruzzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata.

6. Il-manifattur għandu jistabbilixxi proċeduri li jiżguraw li l-produzzjoni ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati f'serje tibqa' f'konformità mat-tip approvat.

7. Minbarra l-pjanċa statutorja mwaħħla mal-vetturi tagħhom u l-marki tal-approvazzjoni tat-tip imwaħħlin mal-komponenti jew mal-unitajiet tekniċi separati tagħhom skont l-Artikolu 36, il-manifattur għandu jindika ismu, l-isem kummerċjali

rreġistrat jew il-marka kummerċjali rreġistrata tiegħu, flimkien mal-indirizz ta' kuntatt tiegħu fl-Unjoni fuq il-vetturi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati tiegħu magħmula disponibbli fis-suq jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument li jakkumpanja l-komponent jew l-unità teknika separata.

Artikolu 12

Obbligi tal-manifatturi dwar il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati jew il-parts u t-tagħmir tagħhom li mhumiex f'konformità jew li jippreżentaw riskju serju

1. Manifattur li jkun tal-fehma li l-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, jew part jew tagħmir, li tpoġġew fis-suq jew iddaħħlu fis-servizz, mhumiex konformi ma' dan ir-Regolament jew li l-approvazzjoni tat-tip tkun ingħatat abbażi ta' dejta inkorretta, għandu jieħu l-miżuri xierqa minnufih sabiex iġib tali vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir f'konformità, jew inkella sabiex jirtirahom jew isejħilhom lura mis-suq, skont kif xieraq.

   Il-manifattur għandu jgħarraf minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni fid-dettall dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżuri meħuda.

2. Meta l-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir jippreżentaw riskju serju, il-manifattur għandu jipprovdi minnufih informazzjoni dettaljata dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżuri meħuda lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn il-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir ikunu tpoġġew disponibbli fis-suq jew ikunu ddaħħlu fis-servizz għal dak il-għan.

3. Il-manifattur għandu jżomm il-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(4) għal perjodu ta' għaxar snin wara t-tqegħid fis-suq ta' vettura u għal perjodu ta' ħames snin wara t-tqegħid fis-suq ta' sistema, komponent jew unità teknika separata.

   Il-manifattur tal-vettura għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni kopja taċ-ċertifikati ta' konformità msemmija fl-Artikolu 34.

4. Il-manifattur għandu, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali, jipprovdi lil dik l-awtorità, permezz tal-awtorità tal-approvazzjoni, b'kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE jew bl-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) li turi l-konformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-awtorità nazzjonali.

   Il-manifattur għandu, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, jikkoopera ma' dik l-awtorità dwar kull azzjoni meħuda b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex telimina r-riskji kkawżati mill-vettura, mis-sistema, mill-komponent, mill-unità teknika separata, mill-part jew mit-tagħmir li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq.

Artikolu 13

Obbligi tar-rappreżentanti tal-manifattur fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq

1. Ir-rappreżentant tal-manifattur għas-sorveljanza tas-suq għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mill-manifattur. Dak il-mandat għandu jipprovdi lir-rappreżentant jagħmel mill-inqas dawk li ġejjin:

(a) ikollu aċċess għall-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22 u għaċ-ċertifikat ta' konformità msemmi fl-Artikolu 34 f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Dokumentazzjoni bħal din għandha tkun magħmula disponibbli għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni għal perjodu ta' għaxar snin wara t-tqegħid fis-suq ta' vettura u għal perjodu ta' ħames snin wara t-tqegħid fis-suq ta' sistema, komponent jew unità teknika separata;

(b) isegwi talba motivata minn awtorità tal-approvazzjoni, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-produzzjoni ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata;

(c) Jikkoopera mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni jew tas-sorveljanza tas-suq, fuq it-talba tagħhom, dwar kull azzjoni meħuda biex telimina r-riskju serju li jirrappreżentaw vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir koperti minn dak il-mandat tagħhom;

(d) jgħarraf minnufih lill-manifattur dwar l-ilmenti u r-rapporti marbutin ma' riskji, inċidenti suspettati, kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati, partijiet jew tagħmir koperti minn dak il-mandat;

(e) itemm dak il-mandat jekk il-manifattur jaġixxi b'mod li jmur kontra l-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament.

2. Rappreżentant tal-manifattur li jtemm il-mandat fuq il-bażi tar-raġunijiet imsemmijin fil-punt (e) tal-paragrafu 1 għandu jgħarraf minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tat l-approvazzjoni u l-Kummissjoni.

3. Id-dettalji ta' bidla għandhom jindirizzaw l-aspetti li ġejjin:

(a) id-data tat-terminazzjoni tal-mandat mar-rappreżentant awtorizzat li sejjer jieqaf u d-data meta jibda l-mandat mar-rappreżentant tal-manifattur li sejjer jinħatar;

(a) id-data sa liema r-rappreżentant tal-manifattur li sejjer jieqaf jista' jkun indikat fl-informazzjoni fornita mill-manifattur, inkluż kwalunkwe materjal promozzjonali;

(b) it-trasferiment ta' dokumenti, inklużi aspetti marbutin mal-kunfidenzjalità u d-drittijiet ta' proprjetà;

(d) l-obbligu tar-rappreżentant tal-manifattur li sejjer jieqaf wara tmiem il-mandat sabiex jgħaddi lill-manifattur jew lir-rappreżentant tal-manifattur li sejjer jinħatar kwalunkwe lment jew rapport dwar ir-riskji u aċċidenti suspettati marbutin ma' vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, parti jew tagħmir li għalihom kien intgħażel bħala rappreżentant tal-manifattur.

Artikolu 14
Obbligi tal-importaturi

1. L-importatur għandu jqiegħed fis-suq biss dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li jkunu rċevew approvazzjoni tat-tip tal-UE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew parts u tagħmir li jkunu konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

2. Qabel iqiegħed fis-suq vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata bit-tip approvat, l-importatur għandu jivverifika li jkun ġie ppreżentat magħhom il-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(4) mill-awtorità tal-approvazzjoni, u li s-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata jkollhom il-marka tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa u jkunu konformi mal-Artikolu 11(7).

   Fil-każ ta' vettura, l-importatur għandu jiżgura li l-vettura tkun akkumpanjata miċ-ċertifikat ta' konformità meħtieġ.

3. Meta l-importatur jikkunsidra li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mhumiex f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u, b'mod partikolari, li ma jikkorrespondux għall-approvazzjoni tat-tip tagħhom, huwa ma għandux jippermetti t-tqegħid fis-suq, id-dħul fis-servizz jew ir-reġistrazzjoni ta' tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, sakemm dawn jinġiebu f'konformità. Meta huwa jikkunsidra li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir jippreżentaw riskju serju, huwa għandu jgħarraf b'dan lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati bit-tip approvat, huwa għandu jgħarraf ukoll lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip.

4. L-importatur għandu jindika ismu, l-isem kummerċjali rreġistrat jew il-marka kummerċjali rreġistrata tiegħu, flimkien mal-indirizz ta' kuntatt tiegħu fuq il-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir, jew, fejn dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ jew f'dokument li jakkumpanja s-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir.

5. L-importatur għandu jiżgura li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata jkunu akkumpanjati mill-istruzzjonijiet u l-informazzjoni mitluba mill-Artikolu 63 bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istati Membri kkonċernati.

6. L-importatur għandu, bil-għan li jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi, jinvestiga u jżomm reġistru tal-ilmenti u s-sejħiet lura ta' vetturi, sistemi, komponenti, unitajiet tekniċi separati, parts jew tagħmir li jkun qiegħed fis-suq u jżomm lid-distributuri tiegħu infurmati dwar dan il-monitoraġġ.

Artikolu 15

Obbligi tal-importaturi dwar il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati tagħhom li mhumiex f'konformità jew dwar il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati, il-parts jew it-tagħmir tagħhom li jippreżentaw riskju serju

1. Fejn vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li huwa jkun qiegħed fis-suq mill-importatur mhumiex f'konformità ma' dan ir-Regolament, l-importatur għandu minnufih jieħu l-miżuri xierqa meħtieġa sabiex iġib tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata f'konformità, jew inkella jirtirahom jew isejħilhom lura mis-suq, kif xieraq.

2. Meta vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir jippreżentaw riskju serju, l-importatur għandu jipprovdi minnufih informazzjoni dettaljata dwar ir-riskju serju lill-manifattur u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn il-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir ikunu tpoġġew disponibbli fis-suq.

   L-importatur għandu jgħarraf ukoll lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq dwar kwalunkwe azzjoni meħuda u jagħti dettalji, b'mod partikolari, dwar ir-riskju serju u l-miżuri ta' korrezzjoni meħuda mill-manifattur.

3. L-importatur għandu, għal perjodu ta' għaxar snin wara t-tqegħid fis-suq tal-vettura u għal perjodu ta' ħames snin mit-tqegħid fis-suq ta' sistema, komponent jew unità teknika separata, iżomm kopja taċ-ċertifikat ta' konformità għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq u jiżgura li l-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(4) ikun disponibbli għal dawk l-awtoritajiet, fuq talba tagħhom.

4. L-importatur għandu, fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa li turi l-konformità ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. L-importatur għandu, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, jikkoopera ma' dik l-awtorità dwar kull azzjoni meħuda b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex telimina r-riskji kkawżati mill-vettura, mis-sistema, mill-komponent, mill-unità teknika separata, mill-part jew mit-tagħmir li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq.

Artikolu 16
Obbligi tad-distributuri

Distributur għandu jivverifika, qabel jagħmel disponibbli fis-suq, jirreġistra jew idaħħal fis-servizz vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, li tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkollhom il-pjanċa statutorja jew il-marka tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa, li jkunu akkumpanjati bid-dokumenti meħtieġa, kif ukoll bi struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza, kif mitlub mill-Artikolu 63, bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru rilevanti, u li l-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 11(7) u fl-Artikolu 14(4), rispettivament.

Artikolu 17
Obbligi tad-distributuri dwar il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati tagħhom li mhumiex f'konformità jew dwar il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti, l-unitajiet tekniċi separati, il-parts jew it-tagħmir tagħhom li jippreżentaw riskju serju

1. Meta d-distributur jikkunsidra li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mhumiex f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, huwa ma għandux jippermetti t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, id-dħul fis-servizz jew ir-reġistrazzjoni ta' tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, sakemm dawn jinġiebu f'konformità.

2. Id-distributur li jikkunsidra li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li huwa jkun qiegħed għad-disponibbiltà fis-suq mhumiex f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jgħarraf lill-manifattur jew lill-importatur sabiex jiżgura li jittieħdu l-miżuri xierqa meħtieġa sabiex tali vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jinġiebu f'konformità, jew inkella jirtirahom jew isejħilhom lura mis-suq, kif xieraq, b'konformità mal-Artikolu 12(1) jew mal-Artikolu 15(1).

3. Meta l-vettura, is-sistema, il-komponent, l-unità teknika separata, il-part jew it-tagħmir jippreżentaw riskju serju, id-distributur għandu minnufih jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar dak ir-riskju serju lill-manifattur, lill-importatur u lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fejn tali vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir ikunu tpoġġew disponibbli fis-suq. Id-distributur għandu jgħarrafhom ukoll b'kull azzjoni meħuda u jagħti dettalji, b'mod partikolari dwar ir-riskju serju u l-miżuri ta' korrezzjoni meħuda mill-manifattur.

4. Id-distributur għandu, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, jikkoopera ma' dik l-awtorità fuq kull azzjoni meħuda b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 biex jelimina r-riskji kkawżati mill-vettura, mis-sistema, mill-komponent, mill-unità teknika separata, mill-part jew mit-tagħmir li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq.

Artikolu 18

Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u għad-distributuri

Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikoli 8, 11 u 12, meta l-importatur jew id-distributur jagħmel disponibbli fis-suq, jirreġistra jew ikun responsabbli għad-dħul fis-servizz ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata taħt l-isem jew il-marka kummerċjali tiegħu jew meta jimmodifika vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata b'tali mod li dawn ma jibqgħux konformi mar-rekwiżiti applikabbli.

Artikolu 19

Identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi

Fuq talba ta' awtorità tal-approvazzjoni jew ta' awtorità tas-sorveljanza tas-suq, għal perjodu ta' għaxar snin wara t-tqegħid fis-suq ta' vettura u għal perjodu ta' ħames snin wara t-tqegħid fis-suq ta' sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar dawn li ġejjin:

(a) l-identità ta' kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun fornihom b'vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir;

(b) l-identità ta' kwalunkwe operatur ekonomiku li lilu jkunu fornew vettura, sistema, komponent, unità teknika separata, part jew tagħmir.

KAPITOLU III
PROĊEDURI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE

Artikolu 20

Proċeduri għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Meta jiġi biex japplika għal approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha, il-manifattur jista' jagħżel waħda mill-proċeduri li ġejjin:

   (a) approvazzjoni tat-tip pass pass;

   (b) approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed;

   (c) proċedura ta' approvazzjoni tat-tip imħallta.

   Barra minn hekk, il-manifattur jista' jagħżel approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji għal vettura mhux kompleta jew li ġiet kompluta.

2. Għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistema, l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent u l-approvazzjoni tat-tip ta' unità teknika separata, hija applikabbli biss l-approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed.

3. Għandha tingħata approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji fir-rigward ta' tip ta' vettura mhux kompleta jew li ġiet kompluta li, wara li jiġi kkunsidrat l-istat tal-ikkompletar tal-vettura, ikun konformi mad-dettalji mogħtija fil-folder ta' informazzjoni previst

fl-Artikolu 22 u jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV.

L-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji għandha tapplika wkoll għall-vetturi kompleti kkonvertiti jew immodifikati minn manifattur ieħor wara l-ikkompletar tagħhom.

4. L-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-istadju finali tal-ikkompletar għandha tingħata biss wara li l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip approvat ta' vettura fl-istadju finali jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi applikabbli kollha fil-mument tal-approvazzjoni. Verifika għandha tinkludi kontroll dokumentarju tar-rekwiżiti kollha koperti minn approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura mhux kompleta mogħtija matul il-kors tal-proċedura f'diversi stadji, anki meta din tkun ingħatat għal kategorija differenti ta' vettura.

5. L-għażla tal-approvazzjoni tat-tip imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex taffettwa r-rekwiżiti sostantivi applikabbli li magħhom irid jikkonforma t-tip approvat ta' vettura fil-mument tal-ħruġ tal-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha.

6. L-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji tista' tintuża wkoll minn manifattur wieħed, diment li ma tintużax biex tevita r-rekwiżiti applikabbli għall-vetturi mibnija fi stadju wieħed. Il-vetturi mibnija minn manifattur wieħed ma jitqisux li nbnew f'diversi stadji għall-finijiet tal-Artikoli 39, 40 u 47 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 21
Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Il-manifattur għandu jissottometti lill-awtorità tal-approvazzjoni applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22.

2. Tista' tiġi sottomessa applikazzjoni waħda biss fir-rigward ta' tip partikolari ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata u fi Stat Membru wieħed biss.

3. Għandha tiġi sottomessa applikazzjoni separata għal kull tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li jrid jiġi approvat.

Artikolu 22
Folder ta' informazzjoni

1. Il-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 21(1) għandu jinkludi dawn li ġejjin:

   (a) dokument ta' informazzjoni, kif stabbilit fl-Anness I għal approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed jew imħallta, jew fl-Anness III għal approvazzjoni tat-tip pass pass;

   (b) id-dejta, it-tpinġijiet, ir-ritratti u l-informazzjoni rilevanti l-oħra kollha;

   (c) għall-vetturi, indikazzjoni tal-proċedura/i magħżula skont l-Artikolu 20(1);

   (d) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali mitluba mill-awtorità għall-approvazzjoni tat-tip fil-kuntest tal-proċedura ta' applikazzjoni.

2. Il-folder ta' informazzjoni għandu jiġi fornut f'format elettroniku li għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni iżda għandu jiġi fornut ukoll f'format stampat.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Annessi I u III bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u regolatorji billi taġġorna l-mudell għad-dokument ta' informazzjoni, inkluż format elettroniku armonizzat kif imsemmi fil-paragrafu 2.

Artikolu 23
Informazzjoni addizzjonali li trid tiġi pprovduta ma' applikazzjoni għal ċerti approvazzjonijiet tat-tip tal-UE

1. Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip pass pass għandha, minbarra l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22, tkun akkumpanjata bis-sett komplet ta' ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, inklużi fir-rapporti tal-ittestjar, meħtieġa skont l-atti applikabbli elenkati fl-Anness IV.

   F'każ ta' applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip ta' sistema, approvazzjoni tat-tip ta' komponent jew approvazzjoni tat-tip ta' unità teknika separata, skont l-atti applikabbli elenkati fl-Anness IV, l-awtorità tal-approvazzjoni għandu jkollha aċċess għall-folder ta' informazzjoni sakemm tinħareġ jew tiġi rrifjutata l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura kollha.

2. Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip imħallta għandha, minbarra l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22, tkun akkumpanjata biċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, inklużi r-rapporti tal-ittestjar, meħtieġa skont l-atti applikabbli elenkati fl-Anness IV.

   Għas-sistemi li għalihom ma ġie ppreżentat ebda ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, l-applikazzjoni għandha, minbarra l-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22, tkun akkumpanjata bl-informazzjoni speċifikata fl-Anness I, meħtieġa għall-approvazzjoni ta' dawk is-sistemi matul il-fażi tal-approvazzjoni tal-vettura, kif ukoll b'rapport tat-test minflok iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

3. Applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji għandha tkun akkumpanjata bl-informazzjoni li ġejja:

   (a) fl-ewwel stadju, dawk il-partijiet tal-folder ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE li huma rilevanti għall-istat tal-ikkompletar tal-vettura bażi;

   (b) fit-tieni stadju u fl-istadji sussegwenti, dawk il-partijiet tal-folder ta' informazzjoni u ċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE li huma rilevanti għall-istadju attwali tal-ikkompletar, flimkien ma' kopja taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vettura maħruġa fl-istadju preċedenti tal-kostruzzjoni, kif ukoll id-dettalji sħaħ ta' kwalunkwe bidliet jew żidiet li l-manifattur għamel fil-vettura.

   L-informazzjoni speċifikata fil-punti (a) u (b) tista' tiġi fornuta b'konformità mal-Artikolu 22(2).

4. L-awtorità tal-approvazzjoni u s-servizzi tekniċi għandu jkollhom aċċess għas-softwer u l-algoritmi tal-vettura.

   L-awtorità ta' approvazzjoni tista', fuq talba motivata, titlob ukoll lill-manifattur iforni kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tkun tista' tieħu Deċiżjoni dwar liema testijiet huma meħtieġa, jew inkella biex tiffaċilita t-twettiq ta' dawk it-testijiet.

KAPITOLU IV
IT-TWETTIQ TA' PROĊEDURI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-UE

Artikolu 24

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar it-twettiq ta' proċeduri għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Tista' tinħareġ approvazzjoni tat-tip tal-UE waħda biss għal kull tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata.

2. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun irċeviet applikazzjoni b'konformità mal-Artikolu 21 għandha tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE biss wara li tkun ivverifikat dawn kollha li ġejjin:

   (a) il-konformità tal-arranġamenti tal-produzzjoni msemmija fl-Artikolu 29;

   (b) li sa issa għadha ma nħarġet ebda approvazzjoni tat-tip għat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata kkonċernat;

   (c) il-konformità tat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata mar-rekwiżiti applikabbli;

   (d) fil-każ tal-approvazzjonijiet tat-tip għall-vettura kollha skont il-proċeduri pass pass, imħallta u f'diversi stadji, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika, b'konformità mal-Artikolu 20(4), li s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati huma koperti minn approvazzjonijiet tat-tip separati skont ir-rekwiżiti applikabbli fiż-żmien tal-għoti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha.

3. Għandhom japplikaw il-proċeduri fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, kif stabbilit fl-Anness V, u fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, kif stabbilit fl-Anness XVII.

   Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness V bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u regolatorji billi taġġorna l-proċeduri fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u l-Anness XVII fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji.

4. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiġbor flimkien pakkett ta' informazzjoni li jkun jikkonsisti mill-folder ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 22, akkumpanjat bir-rapporti tat-testijiet u d-dokumenti l-oħrajn kollha li ġew miżjuda mal-folder ta' informazzjoni mis-servizz tekniku jew mill-awtorità tal-approvazzjoni waqt it-twettiq tal-kompiti tagħhom.

   Il-pakkett ta' informazzjoni għandu jinkludi indiċi li jindika b'mod ċar il-paġni kollha u l-format ta' kull dokument u li jirreġistra b'mod kronoloġiku l-ġestjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

   L-awtorità tal-approvazzjoni għandha żżomm il-pakkett ta' informazzjoni disponibbli għal perjodu ta' għaxar snin wara t-tmiem tal-validità tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE kkonċernata.

5. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE meta hija ssib li tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, minkejja li huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli, jippreżenta riskju serju għas-sikurezza jew jista' jkun ta' dannu serju għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika. F'dak il-każ, hija għandha tibgħat minnufih lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-

Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni fajl dettaljat li jispjega r-raġunijiet għad-Deċiżjoni tagħha u li jistabbilixxi l-evidenza għas-sejbiet tagħha.

6. Skont l-Artikolu 20(4) u (5), fil-każ ta' proċeduri pass wara pass, imħalltin u dawk b'ħafna stadji, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni tat-tip tal-UE, meta ssib li s-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jew fl-atti elenkati fl-Anness IV.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha titlob lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni li approvaw is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati sabiex taġixxi skont l-Artikolu 54(2).

Artikolu 25

Notifika tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE maħruġa, emendati, irrifjutati u rtirati

1. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, fi żmien xahar minn meta toħroġ jew temenda ċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, tibgħat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, flimkien mad-dokumenti mehmuża inklużi r-rapporti tat-testijiet imsemmijin fl-Artikolu 23, għal kull tip ta' vettura, sistema, komponent u unità teknika li hija approvat. Dik il-kopja għandha tintbagħat permezz ta' sistema sigura u komuni ta' skambju elettroniku jew fil-forma ta' fajl elettroniku sigur.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tibgħat, f'intervalli ta' tliet xhur, lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni, lista tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li hija ħarġet, emendat, irrifjutat li tagħti jew irtirat matul il-perjodu preċedenti. Dik il-lista għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XIV.

3. Meta mitluba minn awtorità tal-approvazzjoni ta' Stat Membru ieħor jew il-Kummissjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi dik it-talba, tibgħat lill-awtorità tal-approvazzjoni rikjedenti kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, flimkien mad-dokumenti mehmuża, permezz ta' sistema sigura u komuni ta' skambju elettroniku jew fil-forma ta' fajl elettroniku sigur.

4. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħarraf lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni bir-rifjut jew l-irtirar minnha ta' kwalunkwe approvazzjoni tat-tip tal-UE, billi tagħti r-raġunijiet għad-Deċiżjoni tagħha.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness XIV billi taġġorna l-mudell għan-notifika tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li nħarġu, ġew emendati, irrifjutati jew irtirati.

Artikolu 26

Ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jinkludi, bħala dokumenti mehmuża, dawn li ġejjin:

(a) il-pakkett ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(4);

(b) ir-rapporti tat-testijiet mitluba mill-atti regolatorji msemmija fl-Artikolu 28(1) fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip ta' sistema, komponent jew unità teknika separata, jew il-folja bir-riżultati tat-testijiet fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha;

(c) l-isem/ismijiet u l-kampjun(i) tal-firma/firem tal-persuna/i awtorizzata/i biex tiffirma/jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' konformità u dikjarazzjoni tal-pożizzjoni tagħhom fil-kumpanija;

(d) fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha, kampjun mimli taċ-ċertifikat ta' konformità.

2. Iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jinħareġ b'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness VI u jiġi nnumerat b'konformità mas-sistema armonizzata stabbilita fl-Anness VII. Il-folja bir-riżultati tat-testijiet għandha tiġi pprovduta bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness VIII. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu disponibbli f'format elettroniku.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Annessi VI, VII u VIII bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u regolatorji billi taġġorna l-mudelli għaċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip, is-sistema ta' numerazzjoni tagħha u l-folja bir-riżultati tat-testijiet, rispettivament, inkluż li jiġu pprovduti l-formati elettroniċi rilevanti.

3. Fir-rigward ta' kull tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha:

(a) timla t-taqsimiet rilevanti kollha taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, inklużi d-dokumenti mehmuża miegħu;

(b) tħejji l-indiċi għall-pakkett ta' informazzjoni;

(c) toħroġ iċ-ċertifikat komplet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, flimkien mad-dokumenti mehmuża tiegħu u tibgħathom lill-manifattur mingħajr dewmien.

4. F'każ ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE, li l-validità tagħha kienet ristretta skont l-Artikoli 37 u 41 u l-Parti III tal-Anness IV, jew li fir-rigward tagħha ma japplikawx ċerti dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew tal-atti regolatorji msemmija fl-Anness IV, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jispeċifika dawk ir-restrizzjonijiet jew in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti.

5. Meta l-manifattur tal-vettura jagħżel il-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip imħallta, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tlesti l-pakkett ta' informazzjoni bir-referenzi għar-rapporti tat-testijiet mitluba mill-atti regolatorji msemmija fl-Artikolu 28(1) għas-sistemi, għall-komponenti jew għall-unitajiet tekniċi separati li għalihom ma jkun inħareġ ebda ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE.

6. Meta l-manifattur jagħżel il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip fi stadju wieħed, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tehmeż maċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE lista tal-atti regolatorji rilevanti b'konformità mal-mudell ipprovdut fl-Appendiċi tal-Anness VI.

Artikolu 27

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati

1. Għandha tingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward ta' sistema, komponent jew unità teknika separata li tkun konformi mad-dettalji pprovduti fil-folder ta' informazzjoni previst fl-Artikolu 22 u li tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi stipulati fl-atti rilevanti elenkati fl-Anness IV.

2. Meta l-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, kemm jekk maħsuba għal tiswija, għoti ta' service jew manutenzjoni jew le, ikunu koperti wkoll minn approvazzjoni tat-tip għal sistema fir-rigward ta' vettura, ma għandha tkun meħtieġa ebda approvazzjoni tat-tip addizzjonali għal komponent jew unità teknika separata, sakemm dan ma jkunx previst taħt l-atti rilevanti elenkati fl-Anness IV.

3. Meta komponent jew unità teknika separata jissodisfaw il-funzjoni tagħhom jew joffru karatteristika speċifika biss flimkien ma' parts oħrajn tal-vettura, sabiex b'hekk ikun possibbli li l-konformità tiġi vverifikata biss meta l-komponent jew l-unità teknika separata joperaw flimkien ma' dawk il-parts l-oħrajn tal-vettura, il-kamp ta' applikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal komponent jew unità teknika separata għandu jiġi ristrett kif xieraq.

   F'dawk il-każijiet, iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandu jispeċifika kwalunkwe restrizzjoni fuq l-użu tal-komponent jew tal-unità teknika separata u għandu jindika l-kundizzjonijiet speċjali għall-immuntar tagħhom f'vettura.

   Meta l-komponent jew l-unità teknika separata jiġu mmuntati f'vettura, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika, fil-ħin tal-approvazzjoni tal-vettura, il-konformità ma' kwalunkwe restrizzjonijiet applikabbli fuq l-użu jew il-kundizzjonijiet għall-immuntar.

Artikolu 28

Testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Il-konformità mar-rekwiżiti tekniċi ta' dan ir-Regolament u tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV għandha tintwera permezz ta' testijiet xierqa b'konformità mal-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV, imwettqa mis-servizzi tekniċi nnominati.

2. Il-manifattur għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni bil-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma mitluba skont l-atti rilevanti elenkati fl-Anness IV għat-twettiq tat-testijiet meħtieġa.

3. It-testijiet meħtieġa għandhom jitwettqu fuq dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li huma rappreżentattivi tat-tip li jrid jiġi approvat.

4. Fuq talba tal-manifattur u soġġetti għall-qbil tal-awtorità tal-approvazzjoni, il-metodi ta' ttestjar virtwali jistgħu jintużaw bħala alternattivi għall-proċeduri tal-ittestjar imsemmija fil-paragrafu 1 b'konformità mal-Anness XVI.

5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness XVI bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u regolatorji billi taġġorna l-lista ta' atti regolatorji li fir-rigward tagħhom jistgħu jintużaw metodi ta' ttestjar virtwali minn manifattur jew servizz tekniku, kif

ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi li taħthom għandhom jintużaw il-metodi ta' ttestjar virtwali.

Artikolu 29
Konformità mal-arranġamenti tal-produzzjoni

1. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa b'konformità mal-Anness X sabiex tivverifika, fejn meħtieġ b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, li l-manifattur jipproduċi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati f'konformità mat-tip approvat.

2. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha għandha tivverifika għadd statistikament rilevanti ta' kampjuni ta' vetturi u ċertifikati ta' konformità fir-rigward tal-konformità tagħhom mal-Artikoli 34 u 35 u għandha tivverifika li d-dejta fiċ-ċertifikati ta' konformità hija korretta.

3. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tivverifika, fejn meħtieġ, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn, li l-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikomplu jkunu adegwati sabiex il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati fil-produzzjoni jkomplu jikkonformaw mat-tip approvat u ċ-ċertifikati ta' konformità jkomplu jikkonformaw mal-Artikoli 34 u 35.

4. Sabiex tivverifika li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata huma konformi mat-tip approvat, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha twettaq il-kontrolli jew mit-testijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE, fuq kampjuni meħuda fil-bini tal-manifattur, inklużi l-faċilitajiet tal-produzzjoni.

5. Awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat approvazzjoni tat-tip tal-UE u li tistabbilixxi li l-manifattur ma għadux jipproduċi l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati f'konformità mat-tip approvat, jew li tistabbilixxi li ċ-ċertifikati ta' konformità ma għadhomx konformi mal-Artikoli 34 u 35, anki jekk il-produzzjoni titkompla, għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiżgura li l-proċedura għall-konformità tal-produzzjoni tiġi segwita b'mod korrett jew inkella tirtira l-approvazzjoni tat-tip.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness X bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi regolatorji u teknoloġiċi billi taġġorna l-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni.

Artikolu 30
Struttura tat-tariffi nazzjonali għall-approvazzjonijiet tat-tip u l-kostijiet tas-sorveljanza tas-suq

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu struttura tat-tariffi nazzjonali sabiex ikopru l-kostijiet għall-attivitajiet ta' approvazzjonijiet tat-tip u ta' sorveljanza tas-suq tagħhom kif ukoll għall-ittestjar u l-ispezzjonijiet tal-approvazzjoni tat-tip u l-konformità tal-produzzjoni mwettqin mis-servizzi tekniċi li għażlu.

2. Dawn it-tariffi nazzjonali għandhom ikunu imposti fuq il-manifatturi li jkunu applikaw għall-approvazzjoni tat-tip fl-Istat Membru kkonċernat. It-tariffi ma għandhomx ikunu imposti direttament mis-servizzi tekniċi.

3. L-istruttura tat-tariffi nazzjonali, għandha tkopri wkoll l-ispejjeż għall-ispezzjonijiet u t-testijiet ta' verifika tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jikkostitwixxu d-dħul estern assenjat għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 21(4) tar-Regolament Finanzjarju[26].

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-dettalji tal-istruttura tat-tariffi nazzjonali tagħhom lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni. L-ewwel notifika għandha ssir fi [*data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + sena*]. L-aġġornamenti sussegwenti tal-istrutturi tat-tariffi nazzjonali għandhom jiġu notifikati lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni fuq bażi annwali.

5. Il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi ż-żieda msemmija fil-paragrafu 3 li trid tiġi applikata għat-tariffi nazzjonali msemmijin fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

KAPITOLU V
EMENDI GĦAL U L-VALIDITÀ TAL-APPROVAZZJONIJIET TAT-TIP TAL-UE

Artikolu 31

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-emendi u l-validità tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE

1. Il-manifattur għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE bi kwalunkwe bidla fid-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni.

   L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiddeċiedi jekk dik il-bidla għandhiex tkun koperta minn emenda, fil-forma ta' reviżjoni jew estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE b'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 32, jew jekk din il-bidla teħtieġx approvazzjoni tat-tip ġdida.

2. Applikazzjoni għal dik l-emenda għandha tiġi ppreżentata esklussivament lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE oriġinali.

3. Meta l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li dik l-emenda teħtieġ ir-repetizzjoni tal-ispezzjonijiet jew tat-testijiet, hija għandha tgħarraf b'dan lill-manifattur kif xieraq.

4. Meta, abbażi tal-ispezzjonijiet jew tat-testijiet imsemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li r-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE qegħdin ikomplu jiġu ssodisfati, għandhom japplikaw il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 32.

5. Meta l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li l-bidliet fid-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta' informazzjoni huma sostanzjali, sal-punt li ma jistgħux ikunu koperti minn estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip eżistenti, hija għandha tirrifjuta li temenda l-approvazzjoni tat-tip tal-UE u titlob lill-manifattur sabiex japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE ġdida.

[26] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1–96).

Artikolu 32

Reviżjonijiet u estensjonijiet tal-approvazzjonijiet tat-tip tal-UE

1. L-emenda għandha tissejjaħ ‘reviżjoni’ meta l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li, minkejja l-bidla fid-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta’ informazzjoni, it-tip ikkonċernat ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkompli jkun konformi mar-rekwiżiti applikabbli għal dan it-tip u li, għalhekk, ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti spezzjonijiet jew testijiet.

   F’dak il-każ, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ mingħajr dewmien il-paġni riveduti tal-pakkett ta’ informazzjoni, skont kif meħtieġ, billi timmarka kull paġna riveduta biex turi b’mod ċar in-natura tal-bidla u d-data tal-ħruġ mill-ġdid, jew inkella toħroġ verżjoni aġġornata u kkonsolidata tal-pakkett ta’ informazzjoni, akkumpanjata b’deskrizzjoni dettaljata tal-bidliet.

2. L-emenda għandha tissejjaħ ‘estensjoni’ meta l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li d-dettalji rreġistrati fil-pakkett ta’ informazzjoni nbidlu u meta jkun hemm kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

   (a) meta jkunu meħtieġa spezzjonijiet jew testijiet ulterjuri sabiex tiġi vverifikata l-konformità kontinwa mar-rekwiżiti li fuqhom kienet ibbażata l-approvazzjoni tat-tip eżistenti;

   (b) meta tinbidel kwalunkwe informazzjoni fuq iċ-ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip tal-UE, għajr għad-dokumenti mehmuża miegħu;

   (c) meta r-rekwiżiti ġodda taħt kwalunkwe att elenkat fl-Anness IV isiru applikabbli għat-tip approvat ta’ vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata.

   Fil-każ ta’ estensjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ mingħajr dewmien ċertifikat aġġornat ta’ approvazzjoni tat-tip tal-UE denotat b’numru ta’ estensjoni, inkrementat skont in-numru ta’ estensjonijiet suċċessivi diġà mogħtija. Dak iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni għandu jiddikjara b’mod ċar ir-raġuni għall-estensjoni u d-data tal-ħruġ mill-ġdid u l-validità.

3. Kull meta jinħarġu l-paġni emendati jew verżjoni aġġornata u kkonsolidata, l-indiċi għall-pakkett ta’ informazzjoni għandu jiġi emendat kif xieraq sabiex juri d-data tal-aktar estensjoni jew reviżjoni riċenti, jew id-data tal-aktar konsolidazzjoni riċenti tal-verżjoni aġġornata.

4. Ma għandha tkun meħtieġa ebda estensjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta’ tip ta’ vettura jekk ir-rekwiżiti ġodda msemmija fil-punt (ċ) tal-paragrafu 2 ikunu, minn perspettiva teknika, irrilevanti għal dak it-tip ta’ vettura jew ikunu jikkonċernaw kategoriji ta’ vetturi oħrajn għajr il-kategorija li għaliha jappartjeni.

Artikolu 33

Tmiem tal-validità

1. L-approvazzjonijiet tat-tip għal vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għandhom jinħarġu għal perjodu limitat ta’ 5 snin mingħajr il-possibbiltà ta’ tiġdid. Id-data ta’ skadenza għandha tiġi indikata fiċ-ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip. Wara l-iskadenza taċ-ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip, dan jista’ jiġġedded wara applikazzjoni mill-manifattur u biss meta l-awtorità tal-approvazzjoni tkun ivverifikat li t-tip ta’ vettura, sistema, komponent u unità teknika separata huwa

konformi mar-rekwiżiti kollha tal-atti regolatorji rilevanti għall-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati ġodda ta' dak it-tip.

2. Approvazzjoni tat-tip tal-UE ta' vettura għandha ssir invalida qabel id-data ta' skadenza tagħha fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

   (a) meta r-rekwiżiti ġodda applikabbli għat-tip approvat ta' vettura jsiru obbligatorji għat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, għar-reġistrazzjoni jew għad-dħul fis-servizz tal-vetturi u meta l-approvazzjoni tat-tip ma tkunx tista' tiġi estiża skont il-punt (ċ) tal-Artikolu 32(2);

   (b) meta l-produzzjoni tal-vetturi f'konformità mat-tip approvat ta' vettura titwaqqaf b'mod permanenti fuq bażi volontarja;

   (c) meta l-validità taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tiskadi minħabba restrizzjoni msemmija fl-Artikolu 37(6);

   (d) meta l-approvazzjoni tat-tip tkun ġiet irtirata b'konformità mal-Artikolu 29(5) jew mal-Artikolu 53(1);

   (e) meta l-approvazzjoni tat-tip tkun instabet li hija bbażata fuq dikjarazzjonijiet foloz, riżultati tal-ittestjar iffalsifikati jew fejn inżammet dejta li kienet twassal għar-rifjut ta' għoti ta' approvazzjoni tat-tip.

3. Meta l-approvazzjoni tat-tip ta' varjant wieħed biss fi ħdan tip ta' vettura jew verżjoni waħda fi ħdan varjant issir invalida, l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tat-tip ta' vettura inkwistjoni għandha ssir invalida biss safejn ikunu kkonċernati l-varjant jew il-verżjoni partikolari.

4. Meta l-produzzjoni ta' tip partikolari ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata titwaqqaf b'mod permanenti, il-manifattur għandu jinnotifika b'dan mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal dak it-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata.

   Fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata għandha tgħarraf lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn kif xieraq.

5. Meta ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jkun wasal biex isir invalidu, il-manifattur għandu jinnotifika b'dan mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

6. Wara li tirċievi n-notifika magħmula mill-manifattur, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tikkomunika mingħajr dewmien lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri u l-Kummissjoni l-oħrajn l-informazzjoni kollha rilevanti għat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, għar-reġistrazzjoni jew għad-dħul fis-servizz tal-vetturi, fejn xieraq.

   Dik il-komunikazzjoni għandha tispeċifika d-data tal-produzzjoni u n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura ('VIN'), kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 19/2011[27], tal-aħħar vettura prodotta.

[27] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 19/2011 li jikkonċerna r-rekwiżiti għall-approvazzjoni skont it-tip għall-pjanċa statutorja tal-manifattur u għan-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-

KAPITOLU VI
ĊERTIFIKAT TA' KONFORMITÀ U MARKI

Artikolu 34
Dispożizzjonijiet ġenerali dwar iċ-ċertifikat ta' konformità

1. Il-manifattur għandu joħroġ ċertifikat ta' konformità bħala dokument fuq karta sabiex jakkumpanja lil kull vettura, kemm jekk kompleta, mhux kompleta jew li ġiet kompluta, li tiġi manifatturata f'konformità mat-tip approvat ta' vettura.

   Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu jingħata bla ħlas lix-xerrej flimkien mal-vettura. L-għoti tiegħu ma jistax jiddependi minn rikjesta espliċita jew l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali lill-manifattur.

   Għal perjodu ta' għaxar snin wara d-data tal-produzzjoni tal-vettura, il-manifattur għandu, fuq talba tas-sid tal-vettura, joħroġ kopja taċ-ċertifikat ta' konformità bi ħlas li ma jaqbiżx l-ispiża tal-ħruġ tiegħu. Il-kelma "kopja" għandha tkun tidher b'mod ċar fuq in-naħa ta' quddiem ta' kull ċertifikat iddupplikat.

2. Il-manifattur għandu juża l-mudell għaċ-ċertifikat ta' konformità stabbilit fl-Anness IX.

   Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness IX bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi regolatorji u teknoloġiċi billi taġġorna l-mudell għaċ-ċertifikat ta' konformità.

3. Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu jitħejja f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

4. Il-persuni awtorizzati biex jiffirmaw iċ-ċertifikati ta' konformità għandhom jiġu impjegati mill-manifattur u jkunu debitament awtorizzati sabiex jieħdu r-responsabbiltà legali sħiħa tal-manifattur fir-rigward tad-disinn u l-kostruzzjoni tal-vettura jew fir-rigward tal-konformità tal-produzzjoni tagħha.

5. Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu jimtela kollu u ma għandux jinkludi restrizzjonijiet fir-rigward tal-użu tal-vettura minbarra dawk previsti f'dan ir-Regolament jew fi kwalunkwe wieħed mill-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV.

6. Bla ħsara għall-paragrafu 1, il-manifattur jista' jibgħat ukoll iċ-ċertifikat ta' konformità b'mezzi elettroniċi lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għar-reġistrazzjoni.

Artikolu 35
Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar iċ-ċertifikat ta' konformità

1. F'każ ta' vettura mhux kompleta jew li ġiet kompluta, il-manifattur għandu jimla biss dawk l-oqsma taċ-ċertifikat ta' konformità li jikkonċernaw iż-żidiet jew il-bidliet imwettqa fl-istadju attwali tal-approvazzjoni u, fejn applikabbli, jehmeż iċ-ċertifikati kollha ta' konformità mogħtija fl-istadji preċedenti.

2. Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu, għall-vetturi bit-tip tagħhom approvat skont l-Artikolu 37, juri fit-titolu tiegħu: 'Għal vetturi kompleti/li ġew kompluti, bit-tip tagħhom approvat fl-applikazzjoni tal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru

---

trejlers tagħhom u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 8, 12.1.2011, p. 1).

…/201X tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi bil-mutur (approvazzjoni provviżorja)' [*PO: please insert the reference*].

3. Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu, għall-vetturi bit-tip tagħhom approvat skont l-Artikolu 39, juri fit-titolu tiegħu 'Għall-vetturi kompleti/li ġew kompluti bit-tip tagħhom approvat f'serje żgħar', u fil-qrib tagħha s-sena tal-produzzjoni segwita b'numru sekwenzjali, bejn 1 u n-numru indikat fit-tabella fl-Anness XII, li jagħti, fir-rigward ta' kull sena ta' produzzjoni, il-pożizzjoni ta' dik il-vettura fi ħdan il-produzzjoni allokata għal dik is-sena.

Artikolu 36
Pjanċa statutorja
u l-marka tal-approvazzjoni tat-tip ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati

1. Il-manifattur ta' vettura għandu jwaħħal ma' kull vettura manifatturata f'konformità mat-tip approvat ta' pjanċa statutorja l-marka meħtieġa skont l-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV.

2. Il-manifattur ta' komponent jew unità teknika separata għandu jwaħħal ma' kull komponent jew unità teknika separata manifatturati f'konformità mat-tip approvat, kemm jekk ikunu parti minn sistema jew le, il-marka tal-approvazzjoni tat-tip meħtieġa skont l-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV.

   Meta ma tkun meħtieġa ebda marka ta' approvazzjoni tat-tip bħal din, il-manifattur għandu jwaħħal mal-komponent jew mal-unità teknika separata mill-inqas l-isem kummerċjali jew il-marka kummerċjali tal-manifattur, kif ukoll in-numru tat-tip jew numru ta' identifikazzjoni.

3. Il-marka tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tkun konformi mal-Anness VII.

KAPITOLU VII
TEKNOLOĠIJI ĠODDA JEW KUNĊETTI ĠODDA

Artikolu 37
Eżenzjonijiet għal teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda

1. Il-manifattur jista' japplika għal approvazzjoni tat-tip tal-UE fir-rigward ta' tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li jinkorpora teknoloġiji ġodda jew kunċetti ġodda li huma inkompatibbli ma' att regolatorju wieħed jew aktar elenkati fl-Anness IV.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-UE msemmija fil-paragrafu 1 meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE tiddikjara r-raġunijiet għaliex it-teknoloġiji ġodda jew il-kunċetti ġodda jagħmlu l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata inkompatibbli ma' att regolatorju wieħed jew aktar elenkati fl-Anness IV;

   (b) l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE tiddeskrivi l-implikazzjonijiet għas-sikurezza u għall-ambjent tat-teknoloġija ġdida jew tal-kunċett ġdid u l-miżuri meħuda sabiex jiżguraw mill-inqas livell ekwivalenti

ta’ sikurezza u ħarsien ambjentali bħal dak ipprovdut mir-rekwiżiti li minnhom qed tintalab eżenzjoni;

(c) id-deskrizzjonijiet u r-riżultati tat-testijiet ippreżentati juru li l-kundizzjoni stipulata fil-punt (b) hija ssodisfata.

3. L-għoti ta’ approvazzjonijiet tat-tip tal-UE li jeżentaw it-teknoloġiji ġodda jew il-kunċetti ġodda għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tingħata permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni. Dak l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 87(2).

4. Sakemm tingħata d-Deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni tista’ toħroġ approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja, li tkun valida biss fit-territorju tal-Istat Membru ta’ dik l-awtorità tal-approvazzjoni, fir-rigward ta’ tip ta’ vettura kopert mill-eżenzjoni mitluba. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tgħarraf mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn b’dan permezz ta’ fajl li jkun fih l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

In-natura provviżorja u l-validità territorjali limitata tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandhom ikunu evidenti mill-intestatura taċ-ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip u mill-intestatura taċ-ċertifikat ta’ konformità.

5. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni ta’ Stati Membri oħrajn jistgħu jiddeċiedu li jaċċettaw l-approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja msemmija fil-paragrafu 4 fit-territorju tagħhom, diment li huma jinformaw bil-miktub lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja dwar l-aċċettazzjoni tagħhom.

6. Fejn xieraq, l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandha tispeċifika jekk hijiex soġġetta għal xi restrizzjonijiet, b’mod partikolari fir-rigward tal-għadd massimu ta’ vetturi koperti. Fil-każijiet kollha, l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tkun valida għal mill-inqas 36 xahar.

7. Meta l-Kummissjoni tirrifjuta l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tgħarraf minnufih lid-detentur tal-approvazzjoni tat-tip provviżorja msemmija fil-paragrafu 4 li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja għandha tiġi rrevokata sitt xhur wara d-data tar-rifjut tal-Kummissjoni.

Madankollu, il-vetturi li jkunu ġew manifatturati f’konformità mal-approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja qabel ma din waqfet tkun valida jistgħu jitpoġġew fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz fi kwalunkwe Stat Membru li jkun aċċetta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja skont il-paragrafu 5.

Artikolu 38
Adattament sussegwenti tal-atti regolatorji

1. Meta l-Kummissjoni tkun awtorizzat l-għoti ta’ approvazzjoni tat-tip tal-UE skont l-Artikolu 37, hija għandha minnufih tieħu l-passi meħtieġa sabiex tadatta l-atti regolatorji kkonċernati skont l-aħħar żviluppi teknoloġiċi.

Meta l-eżenzjoni skont l-Artikolu 37 tkun relatata ma’ regolament tal-UNECE, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposti sabiex temenda r-regolament tal-UNECE rilevanti b’konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness III tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE.

2. Ladarba jiġu emendati l-atti regolatorji rilevanti, kwalunkwe restrizzjoni fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-għoti ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha titneħħa.

3. Meta ma jkunux ittieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiġu adatti l-atti regolatorji msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tawtorizza l-estensjoni tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja permezz ta' Deċiżjoni u fuq talba tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE provviżorja. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

KAPITOLU VIII
VETTURI PRODOTTI F'SERJE ŻGĦAR

Artikolu 39
Approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vetturi prodotti f'serje żgħar

1. Fuq talba tal-manifattur u fi ħdan il-limiti annwali kwantitattivi stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness XII, l-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tip ta' vettura prodotta f'serje żgħar li jissodisfa mill-inqas ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 1 għall-Parti I tal-Anness IV.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal vetturi bi skopijiet speċjali.

3. Iċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vetturi prodotti f'serje żgħar għandhom jiġu nnumerati b'konformità mal-Anness VII.

Artikolu 40
Approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żgħar

1. Il-manifattur jista' japplika għal approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żgħar fi ħdan il-limiti annwali kwantitattivi stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness XII. Dawk il-limiti għandhom japplikaw għat-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, għar-reġistrazzjoni jew għad-dħul fis-servizz ta' vetturi tat-tip approvat fis-suq ta' kull Stat Membru f'sena partikolari.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw kwalunkwe tip ta' vettura msemmija fil-paragrafu 1 minn wieħed jew aktar mir-rekwiżiti sostantivi stabbiliti fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, diment li dawk l-Istati Membri jistabbilixxu rekwiżiti alternattivi rilevanti.

3. Għall-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vetturi prodotti f'serje żgħar, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha taċċetta s-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li jkollhom it-tip tagħhom approvat skont l-atti elenkati fl-Anness IV.

4. Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vetturi prodotti f'serje żgħar għandu jitfassal skont il-mudell stabbilit fl-Anness VI, iżda għandu jkollu l-intestatura 'Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żgħar' u għandu jispeċifika l-kontenut u n-natura tal-eżenzjonijiet mogħtija skont il-paragrafu 2. Iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jiġu nnumerati skont is-sistema armonizzata msemmija fl-Anness VII.

Artikolu 41

Il-validità ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żgħar

1. Il-validità ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żgħar għandha tkun ristretta għat-territorju tal-Istat Membru tal-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip.

2. Fuq talba tal-manifattur, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tibgħat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri maħtura mill-manifattur kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip u d-dokumenti mehmuża, permezz tal-posta rreġistrata jew elettronika.

3. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri maħtura mill-manifattur għandhom, fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu d-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2, jiddeċiedu jekk jaċċettawx l-approvazzjoni tat-tip jew le.

   L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali, sakemm ma jkollhomx bażi raġonevoli sabiex jemmnu li r-rekwiżiti tekniċi nazzjonali li abbażi tagħhom ikun ġie approvat it-tip ta' vettura mhumiex ekwivalenti għal tagħhom.

4. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri għandhom jikkomunikaw, fi żmien xahrejn, id-Deċiżjoni tagħhom lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali.

5. Fuq talba ta' applikant li jkun jixtieq iqiegħed fis-suq, jirreġistra jew idaħħal fis-servizz fi Stat Membru ieħor vettura b'approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żgħar, l-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal vetturi prodotti f'serje żgħar għandha tipprovdi lill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru l-ieħor b'kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip, inkluż il-pakkett ta' informazzjoni.

   L-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru l-ieħor għandha tippermetti t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' tali vettura, sakemm ma jkollhiex bażi raġonevoli sabiex temmen li r-rekwiżiti tekniċi nazzjonali li abbażi tagħhom ikun ġie approvat it-tip ta' vettura mhumiex ekwivalenti għal tagħha.

KAPITOLU IX
APPROVAZZJONIJIET TA' VETTURI INDIVIDWALI

Artikolu 42

Approvazzjonijiet ta' vetturi individwali tal-UE

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE għal vettura li tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 2 għall-Parti I tal-Anness IV jew, għal vetturi bi skop speċjali, fil-Parti III tal-Anness IV.

2. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal approvazzjoni ta' vettura individwali tal-UE mill-manifattur, jew mis-sid tal-vettura, jew inkella mir-rappreżentant ta' dan tal-aħħar, bil-kundizzjoni li r-rappreżentant ikun stabbilit fl-Unjoni.

3. L-Istati Membri ma għandhomx iwettqu testijiet distruttivi sabiex jistabbilixxu jekk il-vettura hijiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 u għandhom jużaw kwalunkwe informazzjoni rilevanti pprovduta mill-applikant għal dak il-għan.

4. Ċertifikat ta’ approvazzjoni ta’ vettura individwali tal-UE għandu jkun konformi mal-mudell stabbilit fl-Anness VI. Iċ-ċertifikati ta’ approvazzjoni ta’ vetturi individwali tal-UE għandhom jiġu nnumerati skont l-Anness VII.

5. L-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta’ vetturi b’ċertifikat validu ta’ approvazzjoni ta’ vettura individwali tal-UE.

Artikolu 43
Approvazzjonijiet ta’ vetturi individwali nazzjonali

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw vettura partikolari, kemm jekk unika kif ukoll jekk le, mill-konformità ma’ waħda jew aktar mid-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament jew mar-rekwiżiti sostantivi stipulati fl-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, bil-kundizzjoni li dawk l-Istati Membri jimponu rekwiżiti alternattivi rilevanti.

2. Għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal approvazzjoni ta’ vettura individwali nazzjonali mill-manifattur, jew mis-sid tal-vettura, jew inkella mir-rappreżentant ta’ dan tal-aħħar, bil-kundizzjoni li r-rappreżentant ikun stabbilit fl-Unjoni.

3. L-Istati Membri ma għandhomx iwettqu testijiet distruttivi sabiex jistabbilixxu jekk il-vettura hijiex konformi mar-rekwiżiti alternattivi stabbiliti fil-paragrafu 1 u għandhom jużaw kwalunkwe informazzjoni rilevanti pprovduta mill-applikant għal dak il-għan.

4. Għall-fini ta’ approvazzjoni ta’ vettura individwali nazzjonali, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha taċċetta s-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li għandhom it-tip tagħhom approvat skont l-atti elenkati fl-Anness IV.

5. Stat Membru għandu joħroġ, mingħajr dewmien, ċertifikat ta’ approvazzjoni ta’ vettura individwali nazzjonali meta l-vettura tkun konformi mad-deskrizzjoni miżjuda mal-applikazzjoni u tkun tissodisfa r-rekwiżiti alternattivi rilevanti.

6. Il-format taċ-ċertifikat ta’ approvazzjoni ta’ vettura individwali nazzjonali għandu jsegwi l-mudell taċ-ċertifikat ta’ approvazzjoni tat-tip tal-UE stabbilit fl-Anness VI u għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni meħtieġa sabiex issir applikazzjoni għar-reġistrazzjoni prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE[28].

Ċertifikat ta’ approvazzjoni ta’ vettura individwali nazzjonali għandu jkollu l-VIN tal-vettura kkonċernata u l-intestatura ‘Ċertifikat ta’ approvazzjoni ta’ vettura individwali nazzjonali’.

Artikolu 44
Il-validità tal-approvazzjonijiet ta’ vetturi individwali nazzjonali

1. Il-validità ta’ approvazzjoni ta’ vettura individwali nazzjonali għandha tkun ristretta għat-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni.

2. Fuq talba ta’ applikant li jkun jixtieq iqiegħed għad-disponibbiltà fis-suq, jirreġistra jew idaħħal fis-servizz fi Stat Membru ieħor vettura b’approvazzjoni ta’ vettura individwali nazzjonali, l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni għandu jipprovdi

[28] Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta’ April 1999 dwar id-dokumenti ta’ reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).

lill-applikant b'dikjarazzjoni tad-dispożizzjonijiet tekniċi li abbażi tagħhom ġiet approvata l-vettura.

3. Stat Membru għandu jippermetti t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vettura, li għaliha Stat Membru ieħor ikun ta approvazzjoni ta' vettura individwali nazzjonali skont l-Artikolu 43, sakemm dak l-Istat Membru ma jkollux bażi raġonevoli sabiex jemmen li r-rekwiżiti alternattivi rilevanti li abbażi tagħhom tkun ġiet approvata l-vettura mhumiex ekwivalenti għal tiegħu.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jistgħu japplikaw għall-vetturi li kellhom it-tip tagħhom approvat skont dan ir-Regolament u li ġew immodifikati qabel l-ewwel reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz tagħhom.

Artikolu 45
Dispożizzjonijiet speċifiċi

1. Il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 43 u 44 jistgħu japplikaw għal vettura partikolari matul l-istadji suċċessivi tal-ikkompletar tagħha b'konformità ma' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji.

2. Il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 43 u 44 ma jistgħux jissostitwixxu stadju intermedju fi ħdan is-sekwenza normali ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji u ma jistgħux jiġu applikati għall-finijiet tal-kisba tal-approvazzjoni fl-ewwel stadju ta' vettura.

KAPITOLU X
IT-TQEGĦID GĦAD-DISPONIBBILTÀ FIS-SUQ, IR-REĠISTRAZZJONI JEW ID-DĦUL FIS-SERVIZZ

Artikolu 46
It-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi minbarra l-vetturi ta' tmiem is-serje

1. Bla ħsara għall-Artikoli 49 sa 51, il-vetturi li għalihom l-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha hija obbligatorja, jew li għalihom il-manifattur kiseb dik l-approvazzjoni tat-tip, għandhom jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz biss jekk ikunu akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità validu maħruġ b'konformità mal-Artikoli 34 u 35.

   Il-vetturi mhux kompleti jistgħu jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq jew jiddaħħlu fis-servizz, iżda l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-vetturi jistgħu jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni u l-użu fit-toroq ta' tali vetturi.

2. Il-vetturi eżentati mir-rekwiżit dwar ċertifikat ta' konformità jistgħu wkoll jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz jekk ikunu konformi mar-rekwiżiti tekniċi rilevanti ta' dan ir-Regolament.

3. L-għadd ta' vetturi prodotti f'serje żgħar magħmula disponibbli fis-suq, irreġistrati jew imdaħħlin fis-servizz matul sena waħda ma għandux jaqbeż il-limiti annwali kwantitattivi stipulati fl-Anness XII.

Artikolu 47

It-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ta' tmiem is-serje

1. Il-vetturi ta' tmiem is-serje li l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għalihom saret invalida skont l-Artikolu 33(2)(a) jistgħu jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz biss jekk jiġu rrispettati r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 4 u l-limiti ta' żmien stipulati fil-paragrafi 2 u 4.

   L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għall-vetturi li kienu diġà fit-territorju tal-Unjoni u li sa issa la kienu disponibbli fis-suq, la qatt ġew irreġistrati u lanqas iddaħħlu fis-servizz qabel ma l-approvazzjoni tat-tip tal-UE tagħhom tilfet il-validità tagħha.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-vetturi kompleti għal perjodu ta' 12-il xahar mid-data li fiha l-approvazzjoni tat-tip tal-UE saret invalida, kif ukoll għall-vetturi li ġew kompluti għal perjodu ta' 18-il xahar minn dik id-data.

3. Manifattur li jkun jixtieq jagħmel disponibbli fis-suq, jirreġistra jew idaħħal fis-servizz vetturi ta' tmiem is-serje b'konformità mal-paragrafu 1 għandu jippreżenta talba għal dak il-għan lill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-UE. Dik it-talba għandha tispeċifika r-raġunijiet tekniċi jew ekonomiċi li jipprevjenu lil dawk il-vetturi milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ġodda tal-approvazzjoni tat-tip u għandha tinkludi l-VIN tal-vetturi kkonċernati.

   L-awtorità nazzjonali kkonċernata għandha tiddeċiedi, fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi dik it-talba, jekk għandhiex tippermetti jew le t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni u d-dħul fis-servizz ta' dawk il-vetturi fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u tiddetermina l-għadd ta' vetturi li fir-rigward tagħhom jista' jingħata l-permess.

4. Huma biss il-vetturi ta' tmiem is-serje b'ċertifikat ta' konformità validu li baqa' validu għal mill-inqas tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tiegħu, iżda li l-approvazzjoni tat-tip għalihom saret invalida skont il-punt (a) tal-Artikolu 33(2), li jistgħu jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz fl-Unjoni.

5. Iċ-ċertifikat ta' konformità tal-vetturi magħmula disponibbli fis-suq, irreġistrati jew imdaħħlin fis-servizz b'konformità ma' dan l-Artikolu għandu jinkludi entrata speċjali li tindika li dawk il-vetturi huma vetturi ta' tmiem is-serje, kif ukoll id-data sa meta dawk il-vetturi jistgħu jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz fl-Unjoni.

6. L-Istati Membri għandhom iżommu rekords tal-VIN tal-vetturi li huma ppermettew li jkunu disponibbli fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz b'konformità ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 48

It-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq jew id-dħul fis-servizz ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati

1. Il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, inklużi dawk maħsuba għas-suq ta' wara l-bejgħ, jistgħu jitqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq jew jiddaħħlu fis-servizz biss meta jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV u jkunu mmarkati b'konformità mal-Artikolu 36.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-komponenti jw għall-unitajiet tekniċi separati speċifikament mibnija jew iddisinjati għal vetturi ġodda li mhumiex koperti minn dan ir-Regolament.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq jew id-dħul fis-servizz ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati li huma eżentati skont l-Artikolu 37 jew li huma intiżi biex jintużaw fuq il-vetturi koperti minn approvazzjonijiet mogħtija skont l-Artikoli 39, 40, 42 u 43 dwar il-komponent jew l-unità teknika separata inkwistjoni.

4. L-Istati Membri jistgħu jippermettu wkoll it-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq jew id-dħul fis-servizz ta' komponenti jew unitajiet tekniċi separati li huma intiżi biex jintużaw fuq vetturi li ma kellhomx bżonn li jkollhom it-tip tagħhom approvat skont dan ir-Regolament jew skont id-Direttiva 2007/46/KE fiż-żmien meta dawk il-vetturi tqiegħdu għad-disponibbiltà fis-suq, kienu rreġistrati jew iddaħħlu fis-servizz.

KAPITOLU XI
KLAWŻOLI TA' SALVAGWARDJA

Artikolu 49
Proċedura għall-indirizzar ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jippreżentaw riskju serju fil-livell nazzjonali

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed li ħadu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u l-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, jew li għandhom raġuni suffiċjenti sabiex jemmnu li vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata koperti minn dan ir-Regolament jippreżentaw riskju serju għas-saħħa jew għas-sigurtà tal-persuni jew għal aspetti oħrajn tal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament, għandhom jgħarrfu mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni dwar is-sejbiet tagħhom.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni msemmija f'paragrafu 1 għandha twettaq evalwazzjoni fir-rigward tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati li tkun tkopri r-rekwiżiti kollha stipulati f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw b'mod sħiħ mal-awtoritajiet tal-approvazzjoni u tas-sorveljanza tas-suq.

Meta, matul il-kors ta' dik l-evalwazzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni ssib li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata mhumiex konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, hija għandha titlob mingħajr dewmien lill-operatur ekonomiku rilevanti sabiex jieħu l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jġib il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, jew inkella jieħu miżuri restrittivi biex jirtira l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata mis-suq, jew biex jirtirahom mis-suq fi żmien raġonevoli, skont in-natura tar-riskju.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-miżuri restrittivi msemmija fit-tielet subparagrafu.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni rilevanti għandha tgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u l-azzjoni meħtieġa mill-operatur ekonomiku.

4. L-operatur ekonomiku għandu, b'konformità mal-obbligi msemmija fl-Artikoli 11 sa 19, jiżgura li jittieħdu l-miżuri korrettivi kollha xierqa fir-rigward tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati mhux konformi kollha li huwa jkun qiegħed fis-suq, irreġistra jew daħħal fis-servizz fl-Unjoni.

5. Meta l-operatur ekonomiku jonqos milli jieħu miżuri korrettivi adegwati fil-perjodu msemmi fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji restrittivi kollha xierqa sabiex jipprojbixxu jew jirrestringu t-tqegħid għad-disponibbiltà fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi fis-suq nazzjonali tagħhom, jew sabiex jirtirawhom jew isejħulhom lura mis-suq.

Artikolu 50
Il-proċeduri ta' notifika u oġġezzjoni
b'rabta mal-miżuri restrittivi meħuda fil-livell nazzjonali

1. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn mingħajr dewmien dwar il-miżuri restrittivi meħuda skont l-Artikolu 49(1) u (5).

   L-informazzjoni pprovduta għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-dejta neċessarja għall-identifikazzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata mhux konformi, l-oriġini tagħhom, in-natura tan-nuqqas ta' konformità allegat u r-riskju involut, in-natura u t-tul tal-miżuri restrittivi nazzjonali meħuda u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni msemmija fl-Artikolu 49(1) għandha tindika jekk in-nuqqas ta' konformità huwiex dovut għal xi waħda minn dawn li ġejjin:

   (a) il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata ma jissodisfawx ir-rekwiżiti marbuta mas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni, il-ħarsien tal-ambjent jew ma' aspetti oħrajn tal-ħarsien tal-interessi pubbliċi koperti minn dan ir-Regolament;

   (b) nuqqasijiet fl-atti regolatorji rilevanti elenkati fl-Anness IV.

3. L-Istati Membri li mhumiex l-Istat Membru li nieda l-proċedura għandhom jgħarrfu fi żmien xahar minn meta jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar kwalunkwe miżuri restrittivi adottati u dwar kwalunkwe informazzjoni addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom b'rabta man-nuqqas ta' konformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati u, f'każ ta' nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali nnotifikata, dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom.

4. Meta, fi żmien xahar mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, titqajjem oġġezzjoni minn kwalunkwe Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura restrittiva meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha tiġi evalwata mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 51.

5. Meta, fi żmien xahar mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ma titqajjem ebda oġġezzjoni minn kwalunkwe Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura restrittiva meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies bħala ġustifikata. L-Istati Membri l-oħrajn għandhom

jiżguraw li jittieħdu miżuri restrittivi simili fir-rigward tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati.

Artikolu 51
Proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni

1. Meta, matul il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 50(3) u (4), ikunu tqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura restrittiva meħuda minn Stat Membru, jew meta l-Kummissjoni tkun tal-fehma li miżura nazzjonali tmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-miżura nazzjonali mingħajr dewmien wara li tkun ikkonsultat lill-Istati Membri u lill-operatur ekonomiku jew lill-operaturi ekonomiċi rilevanti. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta Deċiżjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali titqiesx bħala ġustifikata jew le. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

   Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-Deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u tikkomunikaha minnufih lill-operaturi ekonomiċi rilevanti. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni mingħajr dewmien u jinfurmaw lill-Kummissjoni bix-xieraq.

2. Meta l-Kummissjoni tqis il-miżura nazzjonali bħala ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li l-vettura, is-sistema, il-komponent u l-unità teknika separata mhux konformi jiġu rtirati mis-suq u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni kif xieraq. Meta l-Kummissjoni tqis il-miżura nazzjonali bħala mhux ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira jew jadatta l-miżura b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Meta l-miżura nazzjonali titqies bħala ġustifikata u tiġi attribwita għal nuqqasijiet fl-atti regolatorji msemmija fl-Anness IV, il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri xierqa kif ġej:

   (a) meta jkunu kkonċernati l-atti regolatorji, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-emendi meħtieġa għall-att ikkonċernat;

   (b) meta jkunu kkonċernati r-regolamenti tal-UNECE, il-Kummissjoni għandha tipproponi l-abbozz ta' emendi meħtieġa għar-regolamenti tal-UNECE rilevanti b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness III tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE.

Artikolu 52
Vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati konformi li jippreżentaw riskju serju għas-sikurezza jew ħsara serja lis-saħħa u l-ambjent

1. Meta, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 49(1), Stat Membru jsib li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati, għalkemm huma konformi mar-rekwiżiti applikabbli jew huma mmarkati kif suppost, jippreżentaw riskju serju għas-sikurezza jew jistgħu jkunu ta' dannu serju għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika, huwa għandu jitlob lill-operatur ekonomiku rilevanti sabiex jieħu l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jiżgura li l-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata kkonċernati, meta jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz, ma jibqgħux jippreżentaw dak ir-riskju, jew inkella għandu jieħu miżuri restrittivi sabiex jirtira l-vettura, is-sistema, il-komponent

jew l-unità teknika separata mis-suq jew sabiex isejħilhom lura fi żmien raġonevoli, skont in-natura tar-riskju.

L-Istat Membru jista' jirrifjuta li jirreġistra tali vetturi sakemm l-operatur ekonomiku jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa.

2. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li jittieħdu l-miżuri korrettivi xierqa fir-rigward tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati kollha msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Istat Membru għandu, fi żmien xahar mit-talba msemmija fil-paragrafu 1, jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bl-informazzjoni kollha disponibbli, b'mod partikolari d-dejta meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati, l-oriġini u l-katina tal-provvista tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata, in-natura tar-riskju involut u n-natura u t-tul tal-miżuri restrittivi nazzjonali meħuda.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mingħajr dewmien lill-Istati Membri u lill-operatur ekonomiku jew operaturi ekonomiċi rilevanti u, b'mod partikolari, lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip, kif ukoll tevalwa l-miżura nazzjonali meħuda. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu Deċiżjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 titqiesx ġustifikata jew le, u, fejn neċessarju, tipproponi miżuri xierqa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

5. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-Deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u tikkomunikaha minnufih lill-operatur ekonomiku jew lill-operaturi ekonomiċi rilevanti.

Artikolu 53

Dispożizzjonijiet ġenerali relatati mal-vetturi, mas-sistemi, mal-komponenti jew mal-unitajiet tekniċi separati mhux konformi

1. Meta vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità jew li jkollhom marka ta' approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat, jew ma jkunux konformi ma' dan ir-regolament jew ikunu ġew approvati fuq il-bażi ta' data mhux korretta, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew il-Kummissjoni jistgħu jieħdu l-miżuri restrittivi meħtieġa skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li jipprojbixxi jew jirrestriġi t-tqegħid fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati mhux konformi, jew jirtirawhom minn dak is-suq jew isejħulhom lura, inkluż l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip mill-awtorità tal-approvazzjoni tal-UE, sakemm l-operatur ekonomiku rilevanti jkun ħa l-miżuri korrettivi kollha xierqa bil-għan li jiżgura li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jinġiebu f'konformità.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, id-devjazzjonijiet mid-dettalji speċifikati fiċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE jew fil-pakkett ta' informazzjoni għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu nuqqas ta' konformità mat-tip approvat.

Artikolu 54

Il-proċeduri ta' notifika u oġġezzjoni relatati mal-vetturi, mas-sistemi, mal-komponenti jew mal-unitajiet tekniċi separati mhux konformi

1. Meta awtorità tal-approvazzjoni jew awtorità tas-sorveljanza tas-suq issib li vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati ma jkunux f'konformità ma' dan ir-Regolament jew li din l-approvazzjoni tat-tip ingħatat abbażi ta'dejta inkorretta jew li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati akkumpanjati b'ċertifikat ta' konformità jew li jkollhom marka ta' approvazzjoni ma jkunux konformi mat-tip approvat, tista' tieħu l-miżuri ta' restrizzjoni xierqa skont l-Artikolu 53(1).

2. L-awtorità ta' approvazzjoni jew tas-sorveljanza tas-suq jew il-Kummissjoni għandha titlob ukoll lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE sabiex tivverifika li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati fil-produzzjoni jkomplu jikkonformaw mat-tip approvat jew, fejn ikun applikabbli li l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin fis-suq jinġiebu lura f'konformità.

3. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha, fejn in-nuqqas ta' konformità ta' vettura jkun dovut għal sistema, komponent jew unità teknika separata, it-talba msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi indirizzata wkoll lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tali sistema, komponent, jew, unità teknika separata

4. Fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, fejn in-nuqqas ta' konformità ta' vettura li ġiet kompluta jkun dovut għal sistema, komponent jew unità teknika separata li jifformaw parti mill-vettura mhux kompleta jew għall-vettura mhux kompleta nnifisha, it-talba msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi indirizzata wkoll lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal tali sistema, komponent, unità teknika separata jew vettura mhux kompleta.

5. Malli tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafi 1 sa 4, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tniedi evalwazzjoni fir-rigward tal-vetturi, mas-sistemi, mal-komponenti jew mal-unitajiet tekniċi separati konċernati li jkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika wkoll id-data li fuq il-bażi tagħha tkun ingħatat l-approvazzjoni. L-operaturi ekonomiċi relevanti għandhom jikkoperaw bis-sħiħ mal-awtorità tal-approvazzjoni.

6. Meta jiġi stabbilit nuqqas ta' konformità mill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata jew għal vettura mhux kompleta, dik l-awtorità tal-approvazzjoni għandha teħtieġ mingħajr dewmien li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi kollha xierqa biex il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata tinġieb f'konformità u fejn meħtieġ l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri msemmija fl-Artikolu 53(1) mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn xahar mid-data tat-talba.

7. L-awtoritajiet nazzjonali li jkunu qed jieħdu miżuri restrittivi skont l-Artikolu 53(1) għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

8. Fejn, fi żmien xahar wara n-notifika tal-miżuri restrittivi meħuda minn awtorità tal-approvazzjoni jew ta' sorveljanza tas-suq skont l-Artikolu 53(1), titqajjem oġġezzjoni minn Stat Membru ieħor fir-rigward tal-miżura restrittiva notifikata jew

fejn il-Kummissjoni tistabbilixxi nuqqas ta' konformità skont l-Artikolu 9(5), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mingħajr dewmien mal-Istati Membri u mal-operatur jew mal-operaturi ekonomiċi rilevanti u, b'mod partikolari, mal-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip, u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali meħuda. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tieħu l-miżuri restrittivi meħtieġa previsti fl-Artikolu 53(1) permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-Deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u tikkomunikaha minnufih lill-operaturi ekonomiċi rilevanti. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni mingħajr dewmien u jinfurmaw lill-Kummissjoni bix-xieraq.

9. Fejn, fi żmien xahar wara n-notifika tal-miżuri restrittivi meħuda skont l-Artikolu 53(1), ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni minn Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura restrittiva meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies li tkun iġġustifikata. L-Istati Membri l-oħrajn għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri restrittivi simili fir-rigward tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata kkonċernati.

Artikolu 55

It-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz ta' parts jew tagħmir li jistgħu jikkawżaw riskju serju għall-funzjonament korrett tas-sistemi essenzjali

1. Parts jew tagħmir li jistgħu jikkawżaw riskju serju għall-funzjonament korrett tas-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jew jiddaħħlu fis-servizz u għandhom jiġu pprojbiti, sakemm ma jkunux ġew awtorizzati minn awtorità tal-approvazzjoni b'konformità mal-Artikolu 56(1) u (4).

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 li tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu rrispettati mill-parts u mit-tagħmir imsemmija fil-paragrafu 1.

Dawk ir-rekwiżiti jistgħu jkunu bbażati fuq l-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV jew jistgħu jkunu jikkonsistu minn tqabbil tal-parts jew tat-tagħmir mal-prestazzjoni ambjentali jew tas-sikurezza tal-parts jew tat-tagħmir oriġinali, kif xieraq. F'kull każ, ir-rekwiżiti għandhom jiżguraw li l-parts jew it-tagħmir ma jkunux ta' xkiel għall-funzjonament ta' dawk is-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness XIII bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u regolatorji billi taġġorna l-lista ta' parts jew tagħmir abbażi tal-informazzjoni rigward:

(a) is-serjetà tar-riskju għas-sikurezza jew għall-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi mmuntati bil-parts jew bit-tagħmir inkwistjoni;

(b) l-effett potenzjali fuq il-konsumaturi u l-manifatturi fis-suq ta' wara l-bejgħ ta' awtorizzazzjoni possibbli għall-parts jew għat-tagħmir skont l-Artikolu 56(1).

4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-parts jew għat-tagħmir oriġinali u għall-parts jew għat-tagħmir li jappartjenu għal sistema li kellha t-tip tagħha approvat

b'konformità mal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV, ħlief meta l-approvazzjoni tat-tip tkun relatata ma' aspetti oħrajn għajr ir-riskju serju msemmi fil-paragrafu 1.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, parts jew tagħmir oriġinali tfisser parts jew tagħmir li jiġu manifatturati skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tal-produzzjoni pprovduti mill-manifattur tal-vettura għall-assemblaġġ tal-vettura inkwistjoni.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-parts jew għat-tagħmir esklussivament prodotti għall-vetturi tat-tlielaq. Il-parts jew it-tagħmir elenkati fl-Anness XIII li jintużaw kemm fit-tlielaq kif ukoll fit-triq ma għandhomx jitqiegħdu disponibbli għall-vetturi maħsuba biex jintużaw fit-toroq pubbliċi, sakemm ma jkunux konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-atti delegati msemmija fil-paragrafu 2 u jkunu ġew awtorizzati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

Artikolu 56
Rekwiżiti relatati għal parts jew tagħmir li jistgħu jikkawżaw riskju serju għall-funzjonament korrett ta' sistemi essenzjali

1. Manifattur ta' parts jew ta' tagħmir jista' japplika għall-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1) billi jippreżenta lill-awtorità tal-approvazzjoni applikazzjoni akkumpanjata b'rapport tat-test li jitfassal minn servizz tekniku nnominat u li jiċċertifika li l-parts jew it-tagħmir li għalihom tintalab awtorizzazzjoni jkunu konformi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 55(2). Il-manifattur jista' jippreżenta applikazzjoni waħda biss għal kull tip ta' part jew tagħmir u lil awtorità tal-approvazzjoni waħda biss.

2. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi d-dettalji tal-manifattur tal-parts jew tat-tagħmir, it-tip, in-numri tal-part jew tal-identifikazzjoni tal-parts jew tat-tagħmir, l-isem tal-manifattur tal-vettura, it-tip ta' vettura u, fejn xieraq, is-sena tal-kostruzzjoni jew kwalunkwe informazzjoni oħra li tippermetti l-identifikazzjoni tal-vettura li magħha għandhom jiġu mmuntati l-parts jew it-tagħmir.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tawtorizza t-tqegħid fis-suq u d-dħul fis-servizz tal-parts jew tat-tagħmir meta hija ssib, wara li tikkunsidra r-rapport tat-test imsemmi fil-paragrafu 1 u evidenza oħra, li l-parts jew it-tagħmir inkwistjoni huma konformi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 55(2).

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha toħroġ u tibgħat lill-manifattur, mingħajr dewmien, ċertifikat ta' awtorizzazzjoni f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Appendiċi 1 tal-Anness XI, innumerat f'konformità mal-punt 2 tal-Anness XI.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness XI bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u regolatorji billi taġġorna l-mudell u s-sistema ta' numerazzjoni għaċ-ċertifikat ta' awtorizzazzjoni.

3. Il-manifattur għandu jgħarraf mingħajr dewmien lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-awtorizzazzjoni dwar kwalunkwe bidla li taffettwa l-kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni. Dik l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tiddeċiedi jekk l-awtorizzazzjoni għandhiex tiġi riveduta jew maħruġa mill-ġdid u jekk hemmx bżonn li jsiru testijiet oħrajn.

Il-manifattur għandu jiżgura li l-parts jew it-tagħmir jiġu prodotti u jkomplu jiġu prodotti taħt il-kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni.

4. Qabel toħroġ kull awtorizzazzjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tivverifika l-eżistenza tal-arranġamenti u tal-proċeduri sabiex jiġi żgurat il-kontroll effettiv tal-konformità tal-produzzjoni.

Meta l-awtorità tal-approvazzjoni ssib li l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni ma għadhomx issodisfati, hija għandha titlob lill-manifattur sabiex jieħu l-miżuri meħtieġa bil-għan li jiżgura li l-parts jew it-tagħmir jinġiebu f'konformità. Fejn meħtieġ, hija għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.

5. Fuq talba ta' awtorità nazzjonali ta' Stat Membru ieħor, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni għandha, fi żmien xahar minn meta tirċievi dik it-talba, tibgħat lil tal-ewwel kopja taċ-ċertifikat ta' awtorizzazzjoni maħruġ flimkien mad-dokumenti mehmuża miegħu permezz ta' sistema sigura u komuni ta' skambju elettroniku. Il-kopja tista' wkoll tieħu l-forma ta' fajl elettroniku sigur.

6. Awtorità tal-approvazzjoni li ma taqbilx mal-awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru ieħor għandha tressaq ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil tagħha għall-attenzjoni tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa sabiex tirrisolvi n-nuqqas ta' qbil, li jistgħu jinkludu, fejn meħtieġ, il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni, wara li tkun ikkonsultat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni rilevanti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

7. Sakemm tiġi stabbilita l-lista msemmija fl-Artikolu 55(3), l-Istati Membri jistgħu jżommu d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrattaw il-parts jew it-tagħmir li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament korrett tas-sistemi li huma essenzjali għas-sikurezza tal-vettura jew għall-prestazzjoni ambjentali tagħha.

Artikolu 57

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar is-sejħa lura ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati

1. Manifattur li jkun ingħata approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha u li huwa obbligat li jsejjaħ lura l-vetturi mis-suq b'konformità mal-Artikolu 12(1), l-Artikolu 15(1), l-Artikolu 17(2), l-Artikolu 49(1), l-Artikolu 49(6), l-Artikolu 51(4), l-Artikolu 52(1), u l-Artikolu 53(1) ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, għandu jgħarraf b'dan minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha.

2. Manifattur ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati, li jkun ingħata approvazzjoni tat-tip tal-UE u li huwa obbligat li jsejjaħ lura s-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati mis-suq b'konformità mal-Artikolu 12(1), l-Artikolu 15(1), l-Artikolu 17(2), l-Artikolu 49(1), l-Artikolu 49(6), l-Artikolu 51(4), l-Artikolu 52(1), u l-Artikolu 53(1) ta' dan ir-Regolament jew l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, għandu jgħarraf b'dan minnufih lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE.

3. Il-manifattur għandu jipproponi lill-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip sett ta' rimedji xierqa maħsuba biex iġibu l-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati f'konformità u, fejn ikun xieraqsabiex jinnewtralizzaw ir-riskju serju msemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

L-awtorità tal-approvazzjoni għandha twettaq evalwazzjoni sabiex tivverifika jekk ir-rimedji proposti humiex suffiċjenti u f'waqthom biżżejjed, u għandha tikkomunika r-rimedji li hija tkun approvat lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Artikolu 58

Dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-sejħa lura mis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati

1. Meta awtorità tal-approvazzjoni jew il-Kummissjoni tqis li r-rimedji msemmija fl-Artikolu 57(3) mhumiex biżżejjed jew mhumiex qegħdin jiġu implimentati malajr biżżejjed, huma għandhom jinnotifikaw it-tħassib tagħhom lill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE u tal-Kummissjoni mingħajr dewmien.

   L-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha titlob lill-manifattur jieħu miżuri korrettivi sabiex jindirizza t-tħassib innotifikat. Meta l-manifattur ma jipproponix u ma jimplimentax miżuri korrettivi effettivi, l-awtorità tal-approvazzjoni li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għandha tieħu l-miżuri restrittivi kollha meħtieġa, inkluż l-irtirar tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE u sejħa lura mandatorja, u tgħarraf lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni dwar il-miżuri restrittivi meħuda. Fil-każ ta' rtirar tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tgħarraf mingħajr dewmien lill-manifattur dwar dak l-irtirar permezz ta' ittra rreġistrata jew b'mezz elettroniku ekwivalenti.

2. Meta awtorità tal-approvazzjoni tqis li l-miżuri restrittivi meħuda mill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE skont l-Artikolu 58(1) mhumiex suffiċjenti jew puntwali biżżejjed, hija għandha tgħarraf b'dan lill-Kummissjoni u għandha tieħu l-miżuri restrittivi xierqa sabiex tipprojbixxi jew tirrestrinġi t-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq, ir-reġistrazzjoni jew id-dħul fis-servizz tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati mhux konformi kkonċernati fis-suq nazzjonali tagħhom, jew tirtirahom mis-suq jew issejjaħhom lura.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet xierqa mal-partijiet involuti u tiddeċiedi jekk il-miżuri restrittivi meħudin mill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip humiex suffiċjenti u puntwali biżżejjed, u fejn ikun meħtieġ, tipproponi miżuri xierqa bil-għan li tiżgura li terġa' tinkiseb il-konformità u/jew ir-riskju serju msemmi fl-Artikolu 57(3) jiġi nnewtralizzat b'mod effettiv. Dik id-deċiżjoni għandha tindirizza wkoll l-adegwatezza tal-miżuri restrittivi meħudin mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni li jkunu qiesu l-azzjoni meħuda mill-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-UE bħala mhux suffiċjenti jew puntwali biżżejjed. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

   Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-Deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kkonċernati u tikkomunikaha minnufih lill-operaturi ekonomiċi rilevanti.

4. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni mingħajr dewmien u jgħarrfu lill-Kummissjoni kif xieraq.

5. Meta, fi żmien xahar mill-wasla tan-notifika rigward ir-rimedji approvati msemmija fl-Artikolu 57(3), ma titqajjem ebda oġġezzjoni kontra dawk ir-rimedji minn xi Stat Membru ieħor jew mill-Kummissjoni, dawk ir-rimedji għandhom jitqiesu bħala

ġustifikati. L-Istati Membri l-oħrajn għandhom jiżguraw li dawk ir-rimedji jiġu applikati fir-rigward tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati kkonċernati li kienu tqiegħdu disponibbli fis-suq, ġew irreġistrati jew iddaħħlu fis-servizz fit-territorju tagħhom.

Artikolu 59

Dritt għal smigħ tal-operaturi ekonomiċi, notifika tad-deċiżjonijiet u r-rimedji disponibbli

1. Ħlief f'każijiet fejn hija meħtieġa azzjoni immedjata għal raġunijiet ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem jew għas-sigurtà u għall-ambjent, l-operatur ekonomiku kkonċernat għandu jingħata l-opportunità li jagħmel sottomissjonijiet lill-awtorità nazzjonali f'perjodu ta' żmien xieraq qabel kwalunkwe miżura skont l-Artikoli 49 sa 58 tiġi adottata mill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri.

   Jekk ittieħdu azzjonijiet mingħajr ma nstema' l-operatur ekonomiku, dan għandu jkollu l-opportunità li jagħmel sottomissjonijiet malajr kemm jista' jkun u l-awtorità nazzjonali għandha tirrevedi l-miżura minnufih wara dan.

2. Kwalunkwe miżura adottata mill-awtoritajiet nazzjonali għandha tiddikjara l-motivi eżatti li fuqhom hija bbażata.

   Meta l-miżura tkun indirizzata għal operatur speċifiku, għandha tiġi nnotifikata mingħajr dewmien lill-operatur ekonomiku kkonċernat, li għandu, fl-istess ħin, ikun mgħarraf dwar ir-rimedji disponibbli skont il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat u dwar il-limiti ta' żmien li huma soġġetti għalih it-tali rimedji.

   Meta l-miżura għandha kamp ta' applikazzjoni ġenerali, din għandha tiġi ppubblikata fil-ġurnal uffiċjali nazzjonali jew f'istrument ekwivalenti.

3. Kwalunkwe miżura adottata mill-awtoritajiet nazzjonali għandha tiġi rtirata jew emendata minnufih malli l-operatur ekonomiku juri li jkun ittieħdet azzjoni korrettiva effettiva.

KAPITOLU XII
REGOLAMENTI INTERNAZZJONALI

Artikolu 60

Ir-Regolamenti tal-UNECE meħtieġa għal approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Ir-regolamenti tal-UNECE jew l-emendi għalihom, li l-Unjoni vvotat favurihom jew li tapplika l-Unjoni u li huma elenkati fl-Anness IV, għandhom ikunu parti mir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vettura.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-approvazzjonijiet mogħtija b'konformità mar-regolamenti tal-UNECE msemmija fil-paragrafu 1 u, fejn applikabbli, il-marki ta' approvazzjoni rilevanti, minflok l-approvazzjonijiet u l-marki ta' approvazzjoni korrispondenti mogħtija b'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti regolatorji adottati skont dan ir-Regolament.

3. Meta l-Unjoni tkun ivvotat favur regolament tal-UNECE jew l-emendi għalih għall-fini ta' approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex tagħmel ir-regolament tal-UNECE jew l-emendi għalih obbligatorji jew sabiex temenda dan ir-Regolament, kif xieraq.

Dak l-att delegat għandu jispeċifika d-dati tal-applikazzjoni obbligatorja tar-regolament tal-UNECE jew tal-emendi għalih u jinkludi dispożizzjonijiet tranżitorji, fejn xieraq.

Artikolu 61
L-ekwivalenza tar-regolamenti tal-UNECE għall-fini ta' approvazzjoni tat-tip tal-UE

1. Ir-regolamenti tal-UNECE elenkati fil-Parti II tal-Anness IV huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għall-atti regolatorji korrispondenti sakemm ikollhom l-istess kamp ta' applikazzjoni u suġġett.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tal-Istati Membri għandhom jaċċettaw l-approvazzjonijiet tat-tip mogħtija b'konformità mar-regolamenti tal-UNECE msemmija fil-paragrafu 1 u, fejn applikabbli, il-marki ta' approvazzjoni rilevanti, minflok l-approvazzjonijiet tat-tip u l-marki ta' approvazzjoni korrispondenti li ngħataw b'konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti regolatorji adottati skont dan ir-Regolament.

Artikolu 62
Ekwivalenza ma' regolamenti oħrajn

Il-Kunsill jista', billi jaġixxi permezz ta' maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jirrikonoxxi l-ekwivalenza bejn il-kundizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati stipulati minn dan ir-Regolament u l-kundizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet stipulati mir-regolamenti internazzjonali jew mir-regolamenti ta' pajjiżi terzi fil-qafas tal-ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

KAPITOLU XIII
FORNIMENT TA' INFORMAZZJONI TEKNIKA

Artikolu 63
Informazzjoni intiża għall-utenti

1. Il-manifattur ma għandu jforni ebda informazzjoni teknika relatata mad-dettalji tat-tip ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata previsti f'dan ir-Regolament, jew fl-atti delegati jew ta' implimentazzjoni adottati skont dan ir-Regolament, li tmur lil hinn mid-dettalji tat-tip approvat mill-awtorità tal-approvazzjoni.

2. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli għall-utenti l-informazzjoni rilevanti u l-istruzzjonijiet meħtieġa kollha li jiddeskrivu kwalunkwe kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet speċjali marbuta mal-użu ta' vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi fornuta bil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-vettura, is-sistema, il-komponent jew l-unità teknika separata għandhom jitqiegħdu fis-suq, jiġu rreġistrati jew jiddaħħlu fis-servizz. Hija għandha tiġi pprovduta fil-manwal tas-sid wara li tiġi aċċettata mill-awtorità tal-approvazzjoni.

Artikolu 64
Informazzjoni intiża għall-manifatturi

1. Il-manifattur tal-vettura għandu jagħmel disponibbli għall-manifatturi ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati d-dettalji kollha li huma meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati jew sabiex jikseb l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 55(1).

   Il-manifattur tal-vettura jista' jimponi ftehim vinkolanti fuq il-manifatturi ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati sabiex jipproteġi l-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li mhijiex fid-dominju pubbliku, inkluża informazzjoni relatata mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

2. Il-manifattur ta' sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati għandu jipprovdi lill-manifattur tal-vettura bl-informazzjoni dettaljata kollha dwar ir-restrizzjonijiet li japplikaw għall-approvazzjonijiet tat-tip tiegħu u li huma msemmija fl-Artikolu 27(3) jew inkella huma imposti minn att regolatorju elenkat fl-Anness IV.

KAPITOLU XIV
AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI DWAR IT-TISWIJA U L-MANUTENZJONI

Artikolu 65
L-obbligi tal-manifatturi li jipprovdu informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi

1. Il-manifatturi għandhom jipprovdu lill-operaturi indipendenti b'aċċess standardizzat u mhux ristrett għal informazzjoni dwar l-OBD tal-vetturi, tagħmir dijanjostiku u tagħmir ieħor, għodod, inkluż kwalunkwe softwer rilevanti, u informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi.

   Il-manifatturi għandhom jipprovdu faċilità standardizzata, sigura u remota li tippermetti lill-persuni indipendenti li jsewwu jwettqu operazzjonijiet li jinvolvu l-aċċess għas-sistema tas-sigurtà tal-vettura.

2. Sakemm il-Kummissjoni tadotta l-istandard rilevanti permezz tal-ħidma tal-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) jew tal-korpi ta' standardizzazzjoni komparabbli, l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha tiġi ppreżentata b'mod li tkun faċilment aċċessibbli u b'mod li tkun tista' tiġi pproċessata minn operaturi indipendenti bi sforz raġonevoli.

   L-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għandha titpoġġa disponibbli fuq is-siti elettroniċi tal-manifatturi bl-użu ta' format standardizzat jew, jekk dan ma jkunx fattibbli, minħabba n-natura tal-informazzjoni, f'format ieħor xieraq. B'mod partikolari, dan l-aċċess għandu jingħata b'mod li ma jkunx diskriminatorju, meta mqabbel mal-forniment jew l-aċċess mogħtija lill-bejjiegħa awtorizzati u lill-persuni awtorizzati biex isewwu.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u taġġorna l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi xierqa dwar kif għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura. Il-Kummissjoni għandha

tikkunsidra t-teknoloġija tal-informatika attwali, l-iżviluppi prevedibbli fit-teknoloġija tal-vetturi, l-istandards ISO attwali u l-possibbiltà ta' standard ISO dinji.

4. Id-dettalji tar-rekwiżiti fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, b'mod partikolari l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar kif għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, huma stipulati fl-Anness XVIII.

5. Il-manifatturi għandhom ukoll jagħmlu l-materjal tat-taħriġ disponibbli għall-operaturi indipendenti għall-bejjiegħa u għal dawk awtorizzati biex isewwu.

6. Il-manifattur għandu jiżgura li l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura tkun dejjem aċċessibbli, ħlief kif meħtieġ għall-finijiet ta' manutenzjoni tas-sistema ta' informazzjoni.

   Il-manifattur għandu jagħmel l-emendi u ż-żidiet sussegwenti fl-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura disponibbli fuq is-siti elettroniċi tiegħu fl-istess waqt li jagħmilhom disponibbli għal dawk awtorizzati biex isewwu.

7. Għall-finijiet tal-manifattura u l-għoti ta' service tal-parts ta' sostituzzjoni jew service kompatibbli mal-OBD u tal-għodod dijanjostiċi u t-tagħmir tal-ittestjar, il-manifatturi għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura fuq bażi mhux diskriminatorja lil kwalunkwe manifattur interessat ta' jew persuna li ssewwi komponent, għodda dijanjostika jew tagħmir tal-ittestjar.

8. Għall-finijiet tad-disinn, tal-manifattura u tat-tiswija ta' tagħmir tal-karozzi għal vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi, il-manifatturi għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura fuq bażi mhux diskriminatorja lil kwalunkwe manifattur jew installatur interessat ta' jew persuna li ssewwi tagħmir għal vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi.

9. Il-persuni indipendenti li jsewwu għandu jkollhom aċċess mingħajr ħlas għar-rekords dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vettura li jinżammu f'database ċentrali tal-manifattur tal-vettura jew f'database f'ismu.

   Dawk il-persuni indipendenti li jsewwu għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni fid-database rilevanti dwar it-tiswija u l-manutenzjoni li jkunu wettqu.

10. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda u tissupplimenta l-Anness XVIII bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u regolatorji jew jiġi evitat l-użu ħażin billi taġġorna r-rekwiżiti dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD tal-vettura u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura u billi tadotta u tintegra l-istandards imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 66

Obbligi fir-rigward ta' diversi detenturi tal-approvazzjoni tat-tip

1. Il-manifattur responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip rispettiva ta' sistema, komponent jew unità teknika separata jew għal stadju partikolari ta' vettura għandu jkun responsabbli, fil-każ ta' approvazzjoni tat-tip imħallta, approvazzjoni tat-tip pass pass jew approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji, mill-komunikazzjoni lill-manifattur finali u lill-operaturi indipendenti tal-informazzjoni dwar it-tiswija u l-

manutenzjoni b'rabta mas-sistema, mal-komponent jew mal-unità teknika separata partikolari jew mal-istadju partikolari.

2. Il-manifattur finali għandu jkun responsabbli li jipprovdi informazzjoni dwar il-vettura kollha lill-operaturi indipendenti.

Artikolu 67

Ħlasijiet mitluba għall-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura

1. Il-manifattur jista' jitlob ħlasijiet raġonevoli u proporzjonati għall-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura għajr ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 65(8). Dawk il-ħlasijiet ma għandhomx jiskoraġġixxu l-aċċess għal dik l-informazzjoni billi ma jikkunsidrawx il-punt safejn din tintuża mill-operatur indipendenti.

2. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli l-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, inklużi servizzi transazzjonali, bħal ipprogrammar mill-ġdid, jew assistenza teknika, fuq bażi ta' kull siegħa, ta' kuljum, kull xahar u kull sena, bil-ħlasijiet għall-aċċess għal tali informazzjoni jvarjaw skont il-perjodi ta' żmien rispettivi li għalihom jingħata l-aċċess.

   Minbarra l-aċċess ibbażat fuq iż-żmien, il-manifatturi jistgħu joffru aċċess ibbażat fuq it-tranżazzjoni, li l-ħlasijiet għalih jintalbu għal kull tranżazzjoni u mhux abbażi tat-tul ta' żmien li għalih jingħata l-aċċess.

   Meta l-manifattur joffri ż-żewġ sistemi ta' aċċess, il-persuni indipendenti li jsewwu għandhom jagħżlu waħda minnhom, jiġifieri jew sistema ta' aċċess abbażi taż-żmien jew inkella waħda bbażata fuq it-tranżazzjoni.

Artikolu 68

Prova ta' konformità mal-obbligi tal-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni

1. Il-manifattur li applika għal approazzjoni tat-tip tal-UE jew applikazzjoni tat-tip nazzjonali għandu jipprovdi lill-awtorità tal-approvazzjoni bi prova ta' konformità mal-Artikoli 65 sa 70 fi żmien sitt xhur mid-data tal-approvazzjoni tat-tip rispettiva.

2. Meta dik il-prova ta' konformità ma tiġix ipprovduta fil-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa b'konformità mal-Artikolu 69.

Artikolu 69

Konformità mal-obbligi rigward l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD ta' vetturi u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi

1. Awtorità tal-approvazzjoni tista', fi kwalunkwe ħin, fuq inizjattiva tagħha stess, abbażi ta' ilment jew abbażi ta' valutazzjoni minn servizz tekniku, tivverifika l-konformità ta' manifattur mal-Artikoli 65 sa 70, kif ukoll mat-termini taċ-Ċertifikat dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni dwar l-OBD ta' vetturi u dwar it-Tiswija u l-Manutenzjoni ta' Vetturi stipulati fl-Appendiċi 1 tal-Anness XVIII.

2. Meta awtorità tal-approvazzjoni ssib li l-manifattur naqas milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu rigward l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD ta' vetturi u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi, l-awtorità tal-approvazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip rilevanti għandha tieħu l-miżuri xierqa sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni.

Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-irtirar jew is-sospensjoni tal-approvazzjoni tat-tip, multi jew miżuri oħrajn adottati skont l-Artikolu 89.

3. Meta operatur indipendenti jew assoċjazzjoni kummerċjali li tirrappreżenta lill-operaturi indipendenti jressqu ilment quddiem l-awtorità tal-approvazzjoni dwar in-nuqqas tal-manifattur milli jikkonforma mal-Artikoli 65 sa 70, l-awtorità tal-approvazzjoni għandha twettaq verifika sabiex tivverifika l-konformità mill-manifattur.

4. Meta twettaq il-verifika, l-awtorità tal-approvazzjoni tista' titlob lil servizz tekniku jew lil kwalunkwe espert indipendenti ieħor sabiex iwettaq valutazzjoni bil-għan li jivverifika jekk l-obbligi li jikkonċernaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar l-OBD ta' vetturi u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi ġewx issodisfati.

Artikolu 70
Forum dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni dwar il-Vetturi

1. Il-Forum dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni dwar il-Vetturi stabbilit b'konformità mal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu b'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness XVIII.

2. Il-Forum imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar il-miżuri maħsuba biex jipprevjenu l-użu ħażin tal-informazzjoni dwar l-OBD ta' vetturi u dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi.

KAPITOLU XV
IL-VALUTAZZJONI, IL-ĦATRA, IN-NOTIFIKA U L-MONITORAĠĠ TA' SERVIZZI TEKNIĊI

Artikolu 71
L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip responsabbli għas-servizzi tekniċi

1. L-awtorità tal-approvazzjoni magħżula mill-Istat Membru skont l-Artikolu 7(3), minn hawn 'il quddiem issir referenza għaliha bħala 'l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip' għandha tkun responsabbli għall-valutazzjoni, id-deżinjazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi, inklużi, fejn xieraq, is-sottokuntratturi jew sussidjarji ta' dawk is-servizzi tekniċi.

2. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha titwaqqaf, tiġi organizzata u tiġi operata sabiex tissalvagwardja l-oġġettività u l-imparzjalità tagħha u tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess mas-servizzi tekniċi.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi operata sabiex in-notifika ta' servizz tekniku ssir minn persunal differenti minn dak li wettaq il-valutazzjoni tas-servizz tekniku.

4. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ma għandhiex twettaq attivitajiet li jwettqu s-servizzi tekniċi u ma għandhiex tipprovdi servizzi ta' konsulenza fuq bażi kummerċjali jew kompetittiva.

5. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tikseb.

6. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandu jkollha numru suffiċjenti ta' membri tal-persunal kompetenti għad-dispożizzjoni tagħha għat-twettiq xieraq tal-kompiti previsti minn dan ir-Regolament.

7. L-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn b'informazzjoni dwar il-proċeduri tagħhom għall-valutazzjoni, id-dežinjazzjoni u n-notifika ta' servizzi tekniċi u għall-monitoraġġ ta' servizzi tekniċi, u dwar kwalunkwe bidla fihom.

8. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tkun soġġetta għal evalwazzjoni bejn il-pari minn żewġ awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' Stati Membri oħrajn kull sentejn.

L-Istati Membri għandhom ifasslu l-pjan annwali għall-evalwazzjoni bejn il-pari, billi jiżguraw rotazzjoni xierqa fir-rigward tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip li jagħmlu r-reviżjoni u dawk soġġetti għaliha, u mbagħad jissottomettuh lill-Kummissjoni.

L-evalwazzjoni bejn il-pari għandha tinkludi żjara fuq il-post lil servizz tekniku li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità riveduta. Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa fir-reviżjoni u tiddeċiedi dwar il-parteċipazzjoni tagħha abbażi tal-analiżi tal-valutazzjoni tar-riskju.

9. L-eżitu tal-evalwazzjoni bejn il-pari għandu jiġi kkomunikat lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni u sommarju tal-eżitu għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni għall-pubbliku. Dan għandu jiġi diskuss u għandhom joħorġu rakkomandazzjonijiet mill-Forum stabbilit fl-Artikolu 10 abbażi ta' valutazzjoni ta' dan l-eżitu mwettqa mill-Kummissjoni.

10. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra dwar kif indirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari.

Artikolu 72
Ħatra ta' servizzi tekniċi

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jaħtru servizzi tekniċi għal waħda jew aktar mill-kategoriji ta' attivitajiet li ġejjin, skont il-qasam ta' kompetenza tagħhom:

   (a) kategorija A: it-testijiet imsemmija f'dan ir-Regolament u fl-atti elenkati fl-Anness IV li dawk is-servizzi tekniċi jwettqu fil-faċilitajiet tagħhom stess;

   (b) kategorija B: is-superviżjoni tat-testijiet imsemmija f'dan ir-Regolament u fl-atti elenkati fl-Anness IV, meta dawk it-testijiet jitwettqu fil-faċilitajiet tal-manifattur jew fil-faċilitajiet ta' parti terza;

   (c) kategorija Ċ: il-valutazzjoni u l-monitoraġġ fuq bażi regolari tal-proċeduri tal-manifattur għall-kontroll tal-konformità tal-produzzjoni;

   (d) kategorija D: is-superviżjoni jew l-eżekuzzjoni tat-testijiet jew tal-ispezzjonijiet għas-sorveljanza tal-konformità tal-produzzjoni.

2. Stat Membru jista' jaħtar awtorità tal-approvazzjoni bħala servizz tekniku għal waħda jew aktar mill-kategoriji ta' attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1. Meta awtorità tal-approvazzjoni tinħatar bħala servizz tekniku u tkun iffinanzjata minn Stat Membru, jew tkun soġġetta għal kontroll finanzjarju u maniġerjali minn dak l-

Istat Membru, għandhom japplikaw l-Artikoli 72 sa 85 u l-Appendiċijiet 1 u 2 għall-Anness V.

3. Servizz tekniku għandu jiġi stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u jkollu personalità legali, ħlief għal servizz tekniku intern akkreditat ta' manifattur, kif imsemmi fl-Artikolu 76.

4. Servizz tekniku għandu jkollu assigurazzjoni ta' responsabbiltà għall-attivitajiet tiegħu, sakemm dik ir-responsabbiltà ma tintrefax mill-Istat Membru b'konformità mal-liġi nazzjonali, jew l-Istat Membru nnifsu jkun direttament responsabbli mill-valutazzjoni tal-konformità.

5. Is-servizzi tekniċi ta' pajjiż terz, minbarra dawk maħtura b'konformità mal-Artikolu 76, jistgħu jiġu nnotifikati għall-finijiet tal-Artikolu 78 biss meta jkun hemm ftehim bilaterali bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat li jipprevedi l-possibbiltà li jinħatru dawk is-servizzi tekniċi. Dan ma għandux iwaqqaf lil servizz tekniku stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru b'konformità mal-paragrafu 3 milli jistabbilixxi sussidjarji f'pajjiżi terzi, diment li s-sussidjarji jkunu direttament ġestiti u kkontrollati mis-servizz tekniku maħtur.

Artikolu 73
L-indipendenza tas-servizzi tekniċi

1. Servizz tekniku, inkluż il-persunal tiegħu, għandu jkun indipendenti u jwettaq l-attivitajiet li għalihom ikun inħatar bl-ogħla livell ta' integrità professjonali u bil-kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku li fih jopera u għandu jkun ħieles minn kull pressjoni u tentazzjonijiet, b'mod partikolari dawk finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tiegħu jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tiegħu, speċjalment pressjonijiet jew tentazzjonijiet li jirriżultaw minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.

2. Servizz tekniku għandu jkun organizzazzjoni jew entità ta' parti terza li ma tkunx involuta fil-proċess tad-disinn, tal-manifattura, tal-forniment jew tal-manutenzjoni tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata li hija tivvaluta, tittestja jew tispezzjona.

   Organizzazzjoni jew entità li tappartjeni għal assoċjazzjoni kummerċjali jew federazzjoni professjonali li tirrappreżenta lill-intrapriżi li huma involuti fid-disinn, fil-manifattura, fil-forniment jew fil-manutenzjoni tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li hija tivvaluta, tittestja jew tispezzjona, tista' titqies li tissodisfa r-rekwiżiti tal-ewwel subparagrafu, bil-kundizzjoni li l-indipendenza tagħha u n-nuqqas ta' konflitt ta' interess jintwerew lill-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina tal-Istat Membru rilevanti.

3. Servizz tekniku, il-maniġment fl-ogħla livell tiegħu u l-persunal responsabbli mit-twettiq tal-attivitajiet li għalihom jinħatru b'konformità mal-Artikolu 72(1) ma għandhomx jiddisinjaw, jimmanifatturaw, ifornu jew jagħmlu l-manutenzjoni ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li huma jivvalutaw, u lanqas jirrappreżentaw lill-partijiet involuti f'dawk l-attivitajiet. Dan ma għandux jipprekludi l-użu ta' dawk il-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati li huma meħtieġa għall-operat tas-servizz tekniku jew għall-użu ta' tali vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati għal skopijiet personali.

4. Servizz tekniku għandu jiżgura li l-attivitajiet tas-sussidjarji jew tas-subkuntratturi tiegħu ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tal-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikun inħatar.

5. Il-membri tal-persunal ta' servizz tekniku għandhom josservaw is-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, ħlief b'rabta mal-awtorità tal-approvazzjoni jew fejn mitlub mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni.

Artikolu 74
Il-kompetenza tas-servizzi tekniċi

1. Servizz tekniku għandu jkun jista' jwettaq l-attivitajiet kollha li għalihom ikun qed japplika biex jinħatar b'konformità mal-Artikolu 72(1). Huwa għandu juri lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li huwa għandu dawn kollha li ġejjin:

   (a) il-persunal tiegħu għandu l-ħiliet xierqa, l-għarfien tekniku speċifiku, it-taħriġ vokazzjonali u esperjenza xierqa u suffiċjenti sabiex iwettaq l-attivitajiet li għalihom qed ifittex li jinħatar;

   (b) huwa jippossjedi d-deskrizzjonijiet tal-proċeduri rilevanti għat-twettiq tal-attivitajiet li għalihom qed ifittex li jinħatar, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-livell ta' kumplessità tat-teknoloġija tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent jew tal-unità teknika separata rilevanti inkwistjoni, kif ukoll tan-natura ta' massa jew ta' serje tal-proċess ta' produzzjoni. Is-servizz tekniku għandu juri t-trasparenza u r-riproduċibbiltà ta' dawk il-proċeduri;

   (c) huwa għandu l-mezzi neċessarji biex iwettaq il-kompiti konnessi mal-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom qed ifittex li jinħatar u li jkollu aċċess għat-tagħmir jew għall-faċilitajiet kollha meħtieġa.

2. Servizz tekniku għandu juri wkoll li għandu l-ħiliet xierqa, l-għarfien tekniku speċifiku u esperjenza ppruvata biex iwettaq it-testijiet u l-ispezzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati ma' dan ir-Regolament, mal-atti regolatorji elenkati fl-Anness IV u mal-istandards elenkati fl-Appendiċi 1 għall-Anness V.

Artikolu 75
Sussidjarji tas-servizzi tekniċi u s-sottokuntrattar minnhom

1. Is-servizzi tekniċi jistgħu jissottokuntrattaw, bi qbil mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tinnominahom, uħud mill-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikunu nħatru b'konformità mal-Artikolu 72(1), jew inkella jqabbdu sussidjarju biex iwettaq dawk l-attivitajiet għalihom.

2. Meta servizz tekniku jissottokuntratta kompiti speċifiċi mill-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom ikun inħatar jew iqabbad sussidjarju biex iwettaq dawk il-kompiti, huwa għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarju jkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 73 u 74 u għandu jgħarraf b'dan lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip.

3. Is-servizzi tekniċi għandhom jerfgħu r-responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa mis-sottokuntratturi jew mis-sussidjarji tagħhom, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment tagħhom.

4. Is-servizzi tekniċi għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip, id-dokumenti rilevanti li jikkonċernaw il-valutazzjoni tal-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarju u l-kompiti mwettqa minnhom.

Artikolu 76
Servizzi tekniċi interni tal-manifattur

1. Servizz tekniku intern ta' manifattur għandu jinħatar għall-attivitajiet tal-kategorija A kif imsemmi biss fl-Artikolu 72(1)(a) biss fir-rigward tal-atti regolatorji elenkati fl-Anness XV. Servizz tekniku intern għandu jikkostitwixxi parti separata u distinta tal-kumpanija tal-manifattur u ma għandux ikun involut fid-disinn, fil-manifattura, fil-forniment jew fil-manutenzjoni tal-vetturi, tas-sistemi, tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati li huwa jivvaluta.

2. Servizz tekniku intern għandu jkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

   (a) ikun ġie akkreditat minn entità ta' akkreditazzjoni nazzjonali kif definit fil-punt 11 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u b'konformità mal-Appendiċijiet 1 u 2 għall-Anness V għal dan ir-Regolament;

   (b) is-servizz tekniku intern, inkluż il-persunal tiegħu, huwa identifikabbli fuq livell organizzazzjonali u għandu metodi ta' rapportar fil-kumpanija tal-manifattur li jifformaw parti minnha li jiżguraw l-imparzjalità tiegħu u juri dik l-imparzjalità lill-entità ta' akkreditazzjoni nazzjonali rilevanti;

   (c) la s-servizz tekniku intern u lanqas il-persunal tiegħu ma jkun involut f'attività li tista' tkun konfliġġenti mal-indipendenza jew l-integrità tiegħu sabiex iwettaq l-attivitajiet li għalihom inħatar;

   (d) huwa jforni s-servizzi tiegħu esklussivament lill-kumpanija tal-manifattur li minnha jifforma parti.

3. Servizz tekniku intern ma għandux bżonn jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni għall-finijiet tal-Artikolu 78, iżda l-informazzjoni li tikkonċerna l-akkreditazzjoni tiegħu għandha tingħata mill-manifattur li minnu jifforma parti jew mill-entità ta' akkreditazzjoni nazzjonali lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip fuq talba ta' dik l-awtorità.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 88 sabiex temenda l-Anness XV bil-għan li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi tekniċi u regolatorji billi taġġorna l-lista ta' atti regolatorji u r-restrizzjonijiet inklużi fihom.

Artikolu 77
Valutazzjoni u deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi

1. Qabel tinnomina servizz tekniku, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tivvalutah skont lista ta' kontroll tal-valutazzjoni li tal-inqas tkopri r-rekwiżiti elenkati fl-Anness 2 Appendiċi V. Il-valutazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni fuq il-post tal-bini tas-servizz tekniku li japplika, u, fejn rilevanti, ta' kwalunkwe sussidjarju jew sottokuntrattur, li jinsab ġewwa jew barra l-Unjoni.

   Rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip ta' mill-inqas żewġ Stati Membri oħrajn għandhom, f'koordinazzjoni mal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku applikant, u flimkien ma' rappreżentant tal-Kummissjoni, jiffurmaw tim ta' valutazzjoni konġunta u jieħdu

sehem fil-valutazzjoni tas-servizz tekniku applikant, inkluża l-valutazzjoni fuq il-post. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li jinnominaw tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku applikant għandha tagħti lil dawk ir-rappreżentanti aċċess puntwali għad-dokumenti meħtieġa sabiex jiġi vvalutat is-servizz tekniku applikant.

2. It-timijiet ta' valutazzjoni konġunta għandhom iqajmu sejbiet rigward in-nuqqas ta' konformità tas-servizz tekniku applikant mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85 u, Appendiċi 2 sa Anness V matul il-proċess ta' valutazzjoni. Dawn is-sejbiet għandhom jiġu diskussi bejn l-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina u t-tim ta' valutazzjoni konġunta bil-għan li jintlaħaq ftehim komuni fir-rigward tal-valutazzjoni tal-applikazzjoni.

3. It-tim ta' valutazzjoni konġunta għandu jipproduċi fi żmien 45 jum mill-valutazzjoni fuq il-post rapport li jistabbilixxi l-punt sa liema l-applikant jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85 u fl-Appendiċi 2 sa Anness V ta' dan ir-Regolament.

4. Dan ir-rapport ta' valuzzjoni għandu jinkludi sommarju tan-nuqqasijiet ta' konformità identifikati. Opinjonijiet diverġenti bejn il-membri tat-tim ta' valutazzjoni konġunt għandhom jiġu riflessi fir-rapport, flimkien ma' rakkomandazzjoni dwar jekk l-applikant jistax jintgħażel bħala servizz tekniku.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-ismijiet tar-rappreżentanti tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip lill-Kummissjoni li hi tkun tista' tibbaża fuqhom għal kull valutazzjoni konġunta.

6. Il-kompetenza ta' servizz tekniku għandha tiġi vvalutata b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi 2 għall-Anness V.

7. Ir-rapport ta' valutazzjoni għandu jiġi nnotifikat mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tad-deżinjazzjoni tal-Istati Membri l-oħrajn b'evidenza dokumentarja rigward il-kompetenza tas-servizz tekniku u l-arranġamenti fis-seħħ biex jiġi ssorveljat b'mod regolari s-servizz tekniku u jiġi żgurat li sejjer ikompli jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

   L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tan-notifika għandha tissottometti wkoll evidenza tad-disponibbiltà tal-persunal kompetenti għall-monitoraġġ tas-servizz tekniku skont l-Artikolu 71(6).

8. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jirrevedu r-rapport tal-valutazzjoni u l-evidenza dokumentarja, jistgħu jqajmu mistoqsijiet jew tħassib u jitolbu iktar evidenza dokumentarja fi żmien xahar min-notifika tar-rapport tal-valutazzjoni u l-evidenza dokumentarja.

9. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku applikant għandha twieġeb għall-mistoqsijiet, it-tħassib u t-talbiet għal iktar evidenza dokumentarja fi żmien erba' ġimgħat mir-riċevuta tagħhom.

10. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri l-oħrajn jew il-Kummissjoni jistgħu, b'mod individwali jew flimkien, jindirizzaw rakkomandazzjonijiet lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit is-servizz tekniku applikant fi żmien erba' ġimgħat mindu taslilhom it-tweġiba msemmija f'paragrafu 9 ta' hawn fuq. Dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet meta tieħu d-deċiżjoni dwar id-deżinjazzjoni tas-servizz tekniku. Fejn dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tiddeċiedi li ma ssegwix ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati mill-Istati Membri l-oħrajn jew mill-Kummissjoni,

għandha tagħti r-raġunijiet għalihom fi żmien ġimagħtejn minn meta tieħu d-deċiżjoni tagħha.

11. Il-validità tad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi għandha tkun limitata għal massimu ta' ħames snin.

12. L-awtorità tal-approvazzjoni li għandha l-ħsieb li tiġi nnominata bħala servizz tekniku b'konformità mal-Artikolu 72(2) għandha tiddokumenta l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament permezz ta' valutazzjoni mwettqa minn awdituri indipendenti. Dawk l-awdituri ma għandhomx jappartjenu għall-istess awtorità tal-approvazzjoni u għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Appendiċi 2 tal-Anness V.

Artikolu 78
Notifika lill-Kummissjoni dwar is-servizzi tekniċi

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-isem, l-indirizz, inkluż l-indirizz elettroniku, il-persuni responsabbli u l-kategorija ta' attivitajiet ta' kull servizz tekniku maħtur minnhom. In-notifika għandha tispeċifika biċ-ċar il-kamp ta' applikazzjoni tad-deżinjazzjoni, l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità u l-proċeduri, it-tip ta' prodotti u s-suġġetti elenkati fl-Anness IV li għalihom inħatru s-servizzi tekniċi, kif ukoll il-modifiki sussegwenti għal kwalunkwe minn dawk id-dettalji.

Dik in-notifika għandha ssir qabel titwettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 72(1) mis-servizzi tekniċi li jinnominaw.

2. Fi żmien 28 jum minn notifika, Stat Membru jew il-Kummissjoni tista' tqajjem oġġezzjonijiet bil-miktub, fejn telabora l-argumenti tagħha, fir-rigward tas-servizz tekniku jew il-monitoraġġ tiegħu mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip. Meta Stat Membri jew il-Kummissjoni tqajjem oġġezzjonijiet, l-effett tan-notifika għandu jiġi sospiż. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-partijiet involuti u għandha tiddeċiedi permezz ta' att ta' implimentazzjoni dwar jekk is-sospensjoni tan-notifika għandhiex titneħħa jew le. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 87(2).

Meta ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni jew meta l-Kummissjoni hija tal-opinjoni li n-notifika tista' tiġi aċċettata b'mod sħiħ jew parzjali, il-Kummissjoni għandha tippubblika n-notifika skont il-paragrafu 5.

3. L-istess servizz tekniku jista' jinħatar minn bosta awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri ta' dawk l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, irrispettivament mill-kategorija jew kategoriji ta' attivitajiet li dak is-servizz tekniku għandu jwettaq b'konformità mal-Artikolu 72(1).

4. Meta att regolatorju elenkat fl-Anness IV jitlob lil awtorità tal-approvazzjoni tat-tip taħtar organizzazzjoni speċifika jew entità kompetenti sabiex twettaq attività mhux inkluża fil-kategoriji ta' attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 72(1), l-Istat Membru għandu jagħmel in-notifika msemmija fil-paragrafu 1.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit elettroniku tagħha lista aġġornata flimkien mad-dettalji tas-servizzi tekniċi u tal-organizzazzjonijiet speċifiċi u l-entitajiet kompetenti li ġew innotifikati lilha b'konformità ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 79
Tibdil u tiġdid tal-ħatriet tas-servizzi tekniċi

1. Meta l-awtorità nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip tkun aċċertat jew ġiet mgħarrfa li servizz tekniku ma għadux konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, dik l-awtorità għandha tirrestrinġi, tissospendi jew tirtira l-ħatra, kif xieraq, skont is-serjetà tan-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

   L-awtorità nazzjonali għandha tgħarraf b'dan minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar kwalunkwe sospensjoni, restrizzjoni jew irtirar ta' notifika.

   Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-informazzjoni ppubblikata msemmija fl-Artikolu 78(4) kif xieraq.

2. Fil-każ ta' restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar tal-ħatra, jew meta s-servizz tekniku jkun waqqaf l-attività tiegħu, l-awtorità tal-approvazzjoni li tinnomina għandha tittrasferixxi l-fajls ta' dak is-servizz tekniku lil servizz tekniku ieħor għal ipproċessar ulterjuri jew inkella żżommhom disponibbli għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni jew għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tgħarraf lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip u lill-Kummissjoni meta n-nuqqas ta' konformità tas-servizzi tekniku jkollu impatt fuq iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip maħruġa fuq il-bażi tar-rapporti tal-ispezzjoni u t-testijiet maħruġin mis-servizz tekniku soġġetti għall-bidla fin-notifika.

   Fi żmien xahrejn mindu tkun innotifikat il-bidliet fin-notifika, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tissottometti rapport dwar is-sejbiet tagħha dwar in-nuqqas ta' konformità lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip l-oħrajn. Meta jkun hemm bżonn, sabiex tiżgura s-sikurezza tal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti jew unitajiet tekniċi separati diġà mqegħdin fis-suq, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tinnomina għandha tordna lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni kkonċernati sabiex tissospendi jew tirtira, fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli, kwalunkwe ċertifikat li ma kellux jinħareġ.

4. Iċ-ċertifikati l-oħra, li nħarġu fuq il-bażi tar-rapporti tal-ispezzjoni u tat-testijiet maħruġin mis-servizz tekniku li għalihom ġiet sospiża, ristretta jew irtirata n-notifika għandhom jibqgħu validi fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

   (a) fil-każ ta' sospensjoni ta' notifika: bil-patt li, fi żmien tliet xhur wara s-sospensjoni, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li ħarġet iċ-ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip tikkonferma bil-miktub lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni li tkun qiegħda tieħu taħt idejha l-funzjonijiet tas-servizz tekniku matul il-perjodu tas-sospensjoni;

   (a) fil-każ ta' restrizzjoni jew irtrar ta' notifika: għal perjodu ta' tliet xhur wara r-restrizzjoni jew l-irtirar. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li ħarġet iċ-ċertifikati tista' testendi l-validità taċ-ċertifikati għal perjodi ulterjuri ta' tliet xhur, għal perjodu massimu f'daqqa, ta' tnax-il xahar, diment li matul dak il-perjodu tkun qiegħda tieħu taħt idejha l-funzjonijiet tas-servizz tekniku li n-notifika tiegħu tkun ġiet ristretta jew irtirata.

   L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tkun qiegħda tieħu taħt idejha l-funzjonijiet tas-servizz tekniku għandha tinforma lill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, lis-servizzi tekniċi l-oħrajn u lill-Kummissjoni tiegħu minnufih.

5. Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dežinjazzjoni tas-servizz tekniku tista' tingħata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 77 u tkun soġġetta għan-notifika msemmija fl-Artikolu 78.

6. Dežinjazzjoni bħala servizz tekniku tista' tiġġedded biss wara li l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tkun ivverifikat jekk is-servizz tekniku għadux jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Dik il-valutazzjoni għandha ssir skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 77.

Artikolu 80
Il-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi

1. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tissorvelja bla heda s-servizzi tekniċi sabiex tiżgura li tinżamm konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness V.

   Fuq talba, is-servizzi tekniċi għandhom jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti kollha li dik l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tkun teħtieġ sabiex tkun tista' tivverifika l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

   Is-servizzi tekniċi għandhom, mingħajr dewmien, jgħarrfu lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip dwar kwalunkwe bidla, b'mod partikolari rigward il-persunal, il-faċiliatjiet, is-sussidjarji jew is-sottokuntratturi tagħhom, li jistgħu jaffettwaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness V, jew il-ħila tagħhom li jwettqu l-kompiti tal-valutazzjoni tal-konformità marbutin mal-vetturi, is-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li ġew iddežinjati għalihom.

2. Is-servizzi tekniċi għandhom iwieġbu mingħajr dewmien għal talbiet minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip jew mill-Kummissjoni b'rabta mal-valutazzjonijiet tal-konformità li wettqu.

3. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku għandha tiżgura li s-servizz tekniku jwettaq l-obbligu tiegħu stabbilit fil-paragrafu 2, sakemm ma jkunx hemm raġuni leġittima għaliex ma tagħmilx dan.

   Meta l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizzi tekniku tinvoka raġuni leġittima, din għandha tgħarraf lill-Kummissjoni b'dan.

   Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mingħajr dewmien lill-Istati Membri. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi permezz ta' att ta' implimentazzjoni jekk ir-raġuni leġittima hijiex ikkunsidrata ġġustifikata jew le. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmijin fl-Artikolu 87(2).

   Is-servizz tekniku jew l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tista' titlob li kwalunkwe informazzjoni mibgħuta lill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor jew lill-Kummissjoni tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali.

3. Tal-inqas kull 30 xahar, l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip għandha tivvaluta jekk kull servizz tekniku taħt ir-responsabbiltà tagħha għadux jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness V. Din il-valutazzjoni għandha tinkludi żjara fuq il-post lil kull servizz tekniku taħt ir-responsabbiltà tagħha.

Fi żmien xahrejn mill-finalizzazzjoni ta' din il-valutazzjoni tas-servizz tekniku, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw għand il-Kummissjoni u għand l-Istati Membri l-oħrajn dwar dawk l-attivitajiet tal-monitoraġġ. Ir-rapporti għandu jkun fihom sommarju tal-valutazzjoni li għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni pubblika.

4. Ħames snin wara n-notifika ta' servizz tekniku, u kull ħames snin wara, il-valutazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk is-servizz tekniku għadux konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 72 sa 76, fl-Artikoli 84 u 85, u fl-Appendiċi 2 għall-Anness V, għandha titwettaq mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku u tim tal-valutazzjoni konġunta ddeżinjat skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 77(1) sa (4).

Artikolu 81
Sfida għall-kompetenza tas-servizzi tekniċi

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn tkun inġibditilha l-attenzjoni għat-tħassib dwar il-kompetenza ta' servizz tekniku jew dwar il-konformità kontinwa minn servizz tekniku mar-rekwiżiti u tar-responsabbiltajiet li għalihom hija soġġetta skont dan ir-Regolament. Tista' tiftaħ it-tali investigazzjonijiet fuq inizjattiva tagħha stess ukoll.

   Il-Kummissjoni għandha tinvestiga r-responsabbiltà tas-servizz tekniku fil-każ fejn jintwera jew fejn hemm raġunijiet iġġustifikati biex jiġi kkunsidrat li ngħatat approvazzjoni tat-tip fuq il-bażi ta' dejta falza jew li r-riżultati tal-ittestjar ġew iffalsifikati jew li nżammet dejta jew speċifikazzjonijiet tekniċi li kienu jwasslu għar-rifjut tal-approvazzjoni tat-tip.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku bħala parti mill-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. L-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip ta' dak l-Istat Membru għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, fuq talba, bl-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-prestazzjoni u l-konformità min-naħa tiegħu tar-rekwiżiti li jikkonċernaw l-indipendenza u l-kompetenza tas-servizz tekniku kkonċernat.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni sensittiva kollha miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali.

4. Meta l-Kummissjoni taċċerta li servizz tekniku mhuwiex jew ma għadux konformi mar-rekwiżiti għall-ħatra tiegħu jew li huwa responsabbli għal xi azzjoni ħażina msemmija fil-paragrafu 1, hija għandha tgħarraf b'dan lill-Istat Membru tal-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip.

   Il-Kummissjoni għandha titlob lil dak l-Istat Membru sabiex jieħu miżuri restrittivi, inklużi s-sospensjoni, ir-restrizzjoni jew l-irtirar tal-ħatra, fejn ikun meħtieġ.

   Meta l-Istat Membru jonqos milli jieħu l-miżuri restrittivi neċessarji, il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tissospendi, tillimta jew tirtira d-deżinjazzjoni tas-servizz tekniku kkonċernat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2). Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat dwar id-deċiżjoni tiegħu u taġġorna l-informazzjoni ppubblikata msemmija fl-Artikolu 78(4) kif xieraq.

Artikolu 82

L-iskambju ta' informazzjoni dwar il-valutazzjoni, id-dežinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jikkonsultaw lil xulxin u lill-Kummissjoni fuq mistoqsijiet b'rilevanza ġenerali fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament b'rabta mal-valutazzjoni, id-dežinjazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi tekniċi.

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jikkomunikaw lil xulxin u lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-lista ta' kontroll tal-valutazzjoni mudell użata skont l-Artikolu 77(1) u, wara, l-adattamenti li jkunu saru f'din il-lista ta' kontroll sakemm il-Kummissjoni tkun adottat lista ta' kontroll tal-valutazzjoni armonizzata. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-mudell tal-lista ta' kontroll tal-valutazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

3. Meta r-rapporti tal-valutazzjoni msemmijin fl-Artikolu 77(3) jindikaw diskrepanzi fil-prattika ġenerali tal-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jistgħu jitolbu skambju ta' informazzjoni.

4. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jiġi kkoordinat mill-Forum imsemmi fl-Artikolu 10.

Artikolu 83

Il-kooperazzjoni mal-korpi tal-akkreditazzjoni nazzjonali

1. Meta d-dežinjazzjoni ta' servizz tekniku tkun ibbażata fuq l-akkreditazzjoni skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali li jkun akkredita servizz tekniku partikolari jinżamm informat mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip fuq ir-rapporti inċidenti u informazzjoni oħra marbutin ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kontroll tas-servizz tekniku meta dik l-informazzjoni tkun rilevanti għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-servizz tekniku.

2. L-Istati Membru għandhom jiżguraw li l-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali inkarigat mill-akkreditazzjoni ta' servizz tekniku partikolari jinżamm informat mill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku dwar sejbiet rilevanti għall-akkreditazzjoni. Il-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali għandu jgħarraf lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit is-servizz tekniku dwar is-sejbiet tiegħu.

Artikolu 84

Obbligi operazzjonali tas-servizzi tekniċi

1. Is-servizzi tekniċi għandhom iwettqu l-attivitajiet li għalihom inħatru b'konformità mal-Artikolu 72(1).

2. Is-servizzi tekniċi għandhom jikkonformaw f'kull ħin ma' dawn kollha li ġejjin:

   (a) jippermettu lill-awtorità tal-approvazzjoni tagħhom tagħti x-xhieda tagħha dwar l-eżekuzzjoni tas-servizz tekniku matul il-valutazzjoni tal-konformità;

   (b) jipprovdu lill-awtorità tal-approvazzjoni tagħhom, fuq talba, b'informazzjoni dwar il-kategoriji ta' attivitajiet li għalihom inħatru.

3. Meta servizz tekniku jsib li manifattur mhuwiex konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, huwa għandu jirrapporta dan lill-awtorità tal-approvazzjoni sabiex din tkun tista' titlob lill-manifattur jieħu miżuri korrettivi xierqa. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tirrifjuta li toħroġ ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip meta dawk il-miżuri korrettivi xierqa ma jkunux ittieħdu.

Artikolu 85
Obbligi ta' informazzjoni tas-servizzi tekniċi

1. Is-servizzi tekniċi għandhom jgħarrfu lill-awtorità tal-approvazzjoni tagħhom dwar dawn li ġejjin:

   (a) kwalunkwe nuqqas ta' konformità li ltaqgħu miegħu u li jista' jirrikjedi rifjut, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip;

   (b) kwalunkwe ċirkostanza li taffettwa l-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-ħatra tagħhom;

   (c) kwalunkwe talba għall-informazzjoni li rċevew mingħand l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rigward l-attivitajiet tagħhom.

2. Fuq talba mill-awtorità tal-approvazzjoni tagħhom, is-servizzi tekniċi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ħatra tagħhom u dwar kwalunkwe attività oħra mwettqa, inklużi attivitajiet transkonfinali u sottokuntrattar.

Artikolu 86
Tariffi nazzjonali għal spejjeż relatati mal-attivitajiet eżerċitati mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip

1. L-Istati Membri għandhom jimponu tariffi fuq is-servizzi tekniċi li jkun qegħdin japplikaw li jinħatru fit-territorju tagħhom biex ikopru b'mod sħiħ jew parzjali, il-kostijiet marbutin mal-attivitajiet eżerċitati mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-servizzi tekniċi skont dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiġi stabbilita l-istruttura u l-livell tat-tariffi msemmijin fil-paragrafu 1, filwaqt li tqis l-objettivi tas-sikurezza u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, u l-ambjent, l-appoġġ għall-innovazzjoni u l-kosteffettività. Meta jiġi stabbilit il-livell xieraq tat-tariffi, trid tingħata attenzjoni lis-servizzi tekniċi li jkunu ssottomettew ċertifikat validu pprovdut mill-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 83 u lis-servizzi tekniċi li jkunu impriżi żgħar u medji kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE[29]. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 87(2).

[29] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

KAPITOLU XVI
SETGĦAT IMPLIMENTATTIVI U DELEGATI

Artikolu 87
Il-proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur. Il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru. 182/2011.

Artikolu 88
Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 22(3), fl-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(5), fl-Artikolu 26(2), fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 29(6), fl-Artikolu 34(2), fl-Artikolu 55(2) u (3), fl-Artikolu 56(2), fl-Artikolu 60(3), fl-Artikolu 65(10), fl-Artikolu 76(4) u fl-Artikolu 90(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4(2), fl-Artikolu 5(2), fl-Artikolu 10(3), fl-Artikolu 22(3), fl-Artikolu 24(3), fl-Artikolu 25(5), fl-Artikolu 26(2), fl-Artikolu 28(5), fl-Artikolu 29(6), fl-Artikolu 34(2), fl-Artikolu 55(2) u (3), fl-Artikolu 56(2), fl-Artikolu 60(3), fl-Artikolu 65(10), fl-Artikolu 76(4) u fl-Artikolu 90(2) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li huwa diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(2), l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 22(3), l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 25(5), l-Artikolu 26(2), l-Artikolu 28(5), l-Artikolu 29(6), l-Artikolu 34(2), l-Artikolu 55(2) u (3), l-Artikolu 56(2), l-Artikolu 60(3), l-Artikolu 65(10), l-Artikolu 76(4) u l-Artikolu 90(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

KAPITOLU XVII
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 89
Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali għall-ksur mill-operaturi ekonomiċi u s-servizzi tekniċi mill-obligi tagħhom stabbiliti fl-Artikoli ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-Artikoli minn 11 sa 19 u minn 72 sa 76, 84 u 85 u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. It-tipi ta' ksur mill-operaturi ekonomiċi u s-servizzi tekniċi soġġetti għal penali għandhom ikunu tal-inqas dawn li ġejjin:

   (a) dikjarazzjonijiet foloz matul il-proċeduri tal-approvazzjoni jew il-proċeduri li jwasslu għal sejħa lura;

   (b) l-iffalsifikar tar-riżultati tat-test għall-approvazzjoni skont it-tip;

   (c) iż-żamma ta' dejta jew speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu jwasslu għas-sejħa lura mis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati jew għar-rifjut jew l-irtirar ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip;

3. Minbarra t-tipi ta' ksur stabbiliti fil-paragrafu 2, it-tipi ta' ksur mill-operaturi ekonomiċi li anki huma soġġetti għall-penali għandhom tal-inqas ikunu dawn li ġejjin:

   (a) ir-rifjut tal-għoti ta' aċċess għall-informazzjoni;

   (b) id-disponibbiltà fis-suq ta' vetturi, sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati soġġetti għal approvazzjoni mingħajr tali approvazzjoni jew l-iffalsifikar ta' dokumenti jew marki b'dik l-intenzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw il-paragrafi minn 1 sa 3 lill-Kummissjoni sal-jj/xx/ssss [*PO: please insert the date 12 months after entry into force of this Regulation.*] u għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni minnufih b'xi emendi oħra li jaffettwaw dawk id-dispożizzjonijiet.

5. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull sena dwar il-penali li jkunu ġew imposti.

Artikolu 90
Multi amministrattivi

1. Fejn il-verifika tal-konformità mill-Kummissjoni, imsemmija fl-Artikolu 9(1), u (4), jew l-Artikolu 54(1), issib nuqqas ta' konformità tal-vettura, tas-sistema, tal-komponent, u tal-unità teknika separata mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' timponi multi amministrattivi fuq l-operatur ekonomiku kkonċernat talli kiser dan ir-Regolament. Il-multi amministrattivi previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. B'mod partikolari l-multi għandhom ikunu proporzjonati man-numru ta' vetturi mhux konformi rreġistrati fis-suq tal-Unjoni, jew man-numru ta' sistemi, komponenti jew unità teknika separata mhux konformi magħmulin disponibbli fis-suq tal-Unjoni.

Il-multi amministrattivi imposti mill-Kummissjoni ma għandhomx ikunu addizzjonali għall-penali imposti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 89 għall-istess ksur u ma għandhomx jaqbżu t-EUR 30 000 għal kull vettura, sistema, komponent jew unità teknika separata li ma tikkonformax.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati skont l-Artikolu 88 biex tistabbilixxi l-metodi għall-kalkolu u l-ġbir tal-multi amministrattivi msemmijin fil-paragrafu 1.

3 L-ammonti ta' multi amministrattivi għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 91
Emendi għar-Regolament (KE) Nru 715/2007

1. Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu tar-Regolament huwa sostitwit b'li ġej:

'Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6)';

(2) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'li ġej:

'2. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għall-konformità waqt is-servizz, għad-durabbiltà tal-mezzi għall-kontroll tat-tniġġis, għas-sistemi OBD tal-vetturi u għall-kejl tal-konsum tal-karburanti.';

(3) fl-Artikolu 3, il-punti 14 u 15 huma mħassrin;

(4) l-Artikoli 6 sa 9 huma mħassrin;

(5) fl-Artikolu 13(2), il-punt (e) huwa mħassar.

(6) L-Artikolu 11a li ġej għandu jiddaħħal:

'*Artikolu 11a*

1. Abbażi ta' kampjuni xierqa u rappreżentattivi, l-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jivverifikaw li

(a) vetturi li jkunu daħlu fis-servizz jikkonformaw mal-valuri tal-konsum tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-fjuwil irreġistrati fiċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip u ċ-ċertifikati ta' konformità;

(b) l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-valuri tal-konsum tal-fjuwil stabbiliti permezz tal-proċedura tat-test applikabbli huma rappreżentattivi ta' emissjonijiet imkejla u kundizzjonijiet ta' sewqan reali.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina l-proċeduri ta' verifika msemmija fil-punti (a) u (b) u kwalunkwe azzjoni meħtieġa sabiex jittieħed f'kunsiderazzjoni r-riżultat ta' dawk il-verifiki. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu [...].'

2. Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet imħassrin tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fil-punt 1 tal-Anness XVIII għal dan ir-Regolament.

Artikolu 92
Emendi għar-Regolament (KE) Nru 595/2009

1. Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 huwa emendat kif ġej:

   (1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'li ġej:

   '2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll regoli għall-konformità waqt is-servizz ta' vetturi u magni, għad-durabbiltà tal-mezzi għall-kontroll tat-tniġġis, għas-sistemi OBD tal-vetturi, għall-kejl tal-konsum tal-karburanti u tal-emissjonijiet tas-CO_2 u għall-aċċessibbiltà tal-OBD tal-vetturi.'

   (2) fl-Artikolu 3, il-punti 11 u 13 huma mħassrin;

   (3) l-Artikolu 6 huwa mħassar;

   (4) fl-Artikolu 11(2), il-punt (e) huwa mħassar.

2. Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet imħassrin tar-Regolament (KE) Nru 595/2009 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fil-punt 2 tal-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 93
Emenda għar-Regolament (KE) Nru 692/2008

1. L-Anness XIV għar-Regolament (KE) Nru 692/2008 huwa mħassar.

2. Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet imħassrin tar-Regolament (KE) Nru 692/2008 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fil-punt 3 tal-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 94
Emendi għar-Regolament (UE) Nru 582/2011

1. Ir-Regolament (UE) Nru 582/2011 huwa emendat kif ġej:

   (1) L-Artikoli 2a sa 2h huma mħassrin;

   (2) L-Anness XVII huwa mħassar.

2. Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet imħassrin tar-Regolament (UE) Nru 582/2011 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fil-punt 4 tal-Anness XVIII għal dan ir-Regolament.

Artikolu 95
Revoka tad-Direttiva 2007/46/KE

Id-Direttiva 2007/46/KE tiġi rrevokata b'effett mill-1 ta' Jannar 201X.

Ir-referenzi għad-Direttiva 2007/46/KE għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fil-punt 5 tal-Anness XVIII għal dan ir-Regolament.

Artikolu 96
Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament ma għandux jinvalida approvazzjoni tat-tip għall-vettura kollha jew approvazzjoni tat-tip tal-UE mogħtija għal vetturi jew għal sistemi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati qabel il-[*PO: please insert the date of application as mentioned in Article 98*].

2. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni għandhom jagħtu estensjonijiet u reviżjonijiet ta' approvazzjonijiet tat-tip għall-vettura kollha u approvazzjonijiet tat-tip tal-UE għall-vetturi, għas-sistemi, għall-komponenti jew għall-unitajiet tekniċi separati msemmija fil-paragrafu 1 b'konformità mal-Artikoli 31 u 32 ta' dan ir-Regolament.

3. Il-validità tal-approvazzjonijiet tat-tip għall-vettura kollha msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi fi tmiemha sa mhux aktar tard mill-*[PO: please insert the date, which should be the date of application as mentioned in Article 98 + 5 years]* u l-awtoritajiet tal-approvazzjoni jistgħu biss iġeddu dawk l-approvazzjonijiet tat-tip għall-vettura kollha b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament.

4. Is-servizzi tekniċi diġà maħturin qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għall-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 77.

   Id-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi li huma diġà maħturin qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tiġġedded fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament fejn dawk is-servizzi tekniċi jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

   Il-validità tad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi magħmula qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tintemm tal-inqas sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 97
Ir-rapportar

1. Sal-31 ta' Diċembru 20xx *[PO: please insert the year, which should be the year of application as mentioned in Article 98 + 5 years]* l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip u l-proċeduri tas-sorveljanza tas-suq stipulati f'dan ir-Regolament.

2. Abbażi tal-informazzjoni fornuta taħt il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż dwar il-funzjonament tal-verifika ta' konformità skont l-Artikolu 9 sal-31 ta' Diċembru 20ss. *[PO: please insert the year, which should be the year 20xx as mentioned in paragraph 1 + 1 year]*

Artikolu 98
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 201X.

Madankollu, mill-[...] [*PO: please insert the date 12 months after entry into force of this Regulation.*], l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-

tip tal-UE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal tip ġdid ta' vettura, jew jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, it-tqegħid fis-suq jew id-dħul fis-servizz ta' vettura ġdida meta l-vettura kkonċernata tkun konformi ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati u implimentattivi adottati skont dan ir-Regolament, jekk manifattur jitlob dan.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam politiku/oqsma politiċi kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. L-għamla tal-proposta/inizjattiva

1.4. L-objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Id-durata u l-impatt finanzjarju

1.7. Il-modalità(jiet) tal-ġestjoni ippjanata/i

2. MIŻURI TA' MMANIĠĠJAR

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja baġitarja affettwata/linji baġitarji affettwati

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam politiku/oqsma politiċi kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB

1.3. L-għamla tal-proposta/inizjattiva

1.4. L-objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Id-durata u l-impatt finanzjarju

1.7. Il-modalità(jiet) tal-ġestjoni ippjanata/i

2. MIŻURI TA' MMANIĠĠJAR

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja baġitarja affettwata/linji baġitarji affettwati

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi

1.2. Qasam politiku/oqsma politiċi kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB[30]

Is-suq intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs - Is-suq intern għall-oġġetti u servizzi

1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida wara proġett pilota/azzjoni preparatorja**[31]

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

1.4. L-objettiv(i)

1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-Objettiv Ġenerali sabiex tiżgura suq intern miftuħ għal prodotti u servizzi li jwassal għal tkabbir u impjiegi

1.4.2. L-objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet tal-ABM/ABB ikkonċernata/i

L-objettiv speċifiku Nru 1: Li jiġu riveduti b'mod regolari r-regoli eżistenti dwar is-suq intern f'setturi speċifiċi u li jiġu proposti inizjattivi ġodda kull meta dan ikun xieraq

L-objettiv speċifiku Nru 2: Li tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-UE

L-objettiv speċifiku Nru 3: In-negozji tal-UE jibbenefikaw minn kundizzjonijiet regolatorji ekwi u aċċess konsistenti għas-suq fil-livell internazzjonali

L-attività/attivitajiet tal-ABM/ABB ikkonċernata/i

Suq intern għall-prodotti

[30] ABM: immaniġġjar ibbażat fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[31] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

– Iċ-ċittadini Ewropej (utenti ta' vetturi kif ukoll utenti oħrajn tat-triq) għandhom jibbenefikaw mill-miżuri li huma mmirati sabiex jevitaw prestazzjoni batuta tal-vetturi bil-mutur f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza u l-ambjent f'każijiet li fihom ikunu involuti prodotti awtomobilistiċi mhux sikuri u mhux konformi, li qegħdin jikkontribwixxu għal inċidenti fit-triq u kwalità ħażina tal-arja, li t-tnejn li huma jikkaġunaw ħsara għas-saħħa personali.

– L-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista awtomobilistika għandhom jibbenefikaw mill-miżuri mmirati sabiex ineħħu kundizzjonijiet li mhumiex ekwi u kompetizzjoni inġusta minn dawk li jinjoraw jew ma jirrispettawx ir-regoli tas-settur. L-SMEs fis-settur awtomobilistiku huma l-iktar vulnerabbli sabiex ibatu minn fallimenti tas-suq u nuqqasijiet regolatorji u tingħata attenzjoni partikolari għall-impatt potenzjali li jista' jkollhom fuqhom il-miżuri previsti.

– L-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar għandhom jibbenefikaw mill-miżuri mmirati sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet regolatorji u jevitaw piż addizzjonali fuqhom sabiex jirrimedjaw għal dawn in-nuqqasijiet billi jieħdu azzjonijiet korrettivi kontra prodotti mhux konformi u mhux sikuri fis-swieq tagħhom.

1.4.4. L-indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

– bidliet fil-fehmiet ta'/ilmenti mingħand konsumaturi riċevuti mill-awtoritajiet ta' infurzar b'rabta mal-vetturi bil-mutur u l-komponenti tal-vetturi;

– bidliet fin-numru/fil-perċentwal ta' prodotti awtomobilistiċi mhux konformi u mhux sikuri preżenti fis-suq tal-UE (eż. meta mqabblin mal-istħarriġijiet eżistenti);

– bidliet fin-numru/il-perċentwal ta' miżuri ta' salvagwardja meħudin mill-awtoritajiet tal-UE kontra prodotti mhux konformi u mhux sikuri kemm mingħand manifatturi/importaturi intra-UE kif ukoll dawk barra l-UE (jiġifieri filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti ikbar ta' traċċabbiltà għal prodotti awtomobilistiċi);

– bidliet fit-tendenzi fin-notifiki ta' RAPEX għall-vetturi; u

– bidliet fit-tendenzi fis-sejħiet lura volontarji ta' vetturi bil-mutur (bħala indikatur għall-effettività tal-għażliet tal-politika adottati għat-tnaqqis tan-numru ta' prodotti awtomobilistiċi fis-suq li jirrappreżentaw riskju għas-sikurezza jew għall-ambjent).

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Ir-rekwiżit(i) li jrid(u) jintlaħaq/jintlaħqu fit-terminu qasiru jew fit-tul

Il-qafas regolatorju eżistenti qiegħed jiġi kkritikat għaliex ma jiżgurax biżżejjed it-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-konformità ex-ante affidabbli u kontrolli ta' wara t-tqegħid fis-suq effettivi. Il-kritika bdiet issir wara s-sejbiet f'Settembru 2015 li VW kien ilha bosta snin timmanipula l-kontrolli tal-apparati li jittrattaw il-gass tal-egżost.

Bħala tweġiba għal din il-kritika u d-dgħjufijiet misjubin fl-evalwazzjoni tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip, din il-proposta fiha firxa wiesgħa ta' miżuri marbutin ma':

- it-traċċabbiltà tal-prodotti u r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista;

- ir-responsabbiltajiet ta' u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali differenti involuti fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar l-armonizzazzjoni teknika għall-vetturi bil-mutur;

- il-kwalità tal-approvazzjoni tat-tip u l-kompiti tal-valutazzjoni tal-konformità mwettqin mis-servizzi tekniċi;

- il-proċeduri ta' salvagwardja ta' wara t-tqegħid fis-suq u d-dispożizzjonijiet għas-sejħa lura tal-vetturi, u

- il-proċeduri għall-iżgurar tal-konformità tal-produzzjoni.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE

L-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fit-territorju tagħhom, iżda l-iżgurar ta' approċċ armonizzat u koordinat ibbażat fuq kriterji applikabbli b'mod komuni u applikati b'mod uniformi mill-Istati Membri huwa essenzjali sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE permezz ta' interpretazzjoni, implimentazzjoni u infurzar armonizzati tar-rekwiżiti dwar l-approvazzjoni tat-tip, u appoġġjati minn dispożizzjonijiet armonizzati dwar is-sorveljanza tas-suq sabiex l-Istati Membri jkollhom mezzi adegwati għall-kontrolli ta' wara t-tqegħid fis-suq u sabiex jieħdu azzjoni ta' rimedju effettiva u komuni kontra l-preżenza ta' prodotti mhux konformi u mhux sikuri fis-suq.

1.5.3. Il-lezzjonijiet miksubin minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Id-direttiva eżistenti marbuta mal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur ġiet soġġetta għal reviżjoni fl-2007. Madankollu, l-esperjenza bl-implimentazzjoni weriet li l-mekkaniżmi għall-iżgurar ta' implimentazzjoni u infurzar armonizzati mhumiex robusti biżżejjed. Feġġew diverġenzi importanti fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli, li b'hekk ixekklu l-objettivi ewlenin tad-direttiva, jiġifieri l-kisba ta' livell adegwat ta' sikurezza u prestazzjoni ambjentali tal-vetturi bil-mutur.

1.5.4. Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

Hija mistennija koerenza msaħħa ma' leġiżlazzjoni oħra fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip (eż. rigward tratturi agrikoli u muturi), li ġiet riveduta fl-2013.

Huma mistennijin sinerġiji fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq permezz ta' bini fuq il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet ta' referenza standard tar-Regolament 765/2008 dwar l-NLF u d-Deċiżjoni 768/2008.

1.6. Id-durata u l-impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul limitat**

– ☐ ☐Proposta/inizjattiva b'effett minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ ☐Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **tul illimitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2017 sal-2020,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Il-modalità(jiet) tal-ġestjoni ippjanata/i[32]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ ☐mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja jiġu inkarigati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew l-korpi li ddeżinjaw;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ il-korpi msemmijin fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni tas-servizz pubbliku diment li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma inkarigati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni inkarigati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk tiġi indikata iktar minn modalità tal-ġestjoni waħda, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima tal-"Kummenti".*

Kummenti

Il-Kummissjoni beħsiebha tiżgura l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati permezz ta' ġestjoni diretta ċentralizzata permezz tas-servizzi tagħha stess, b'mod partikolari permezz tal-JRC għall-appoġġ tekniku u xjentifiku, dan jista' jiġi rregolat permezz tal-istrument tal-arranġamenti amministrattivi.

[32] Id-dettalji dwar il-modalitajiet tal-ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

2. MIŻURI TA' MMANIĠĠJAR

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Kumitat Tekniku tal-Vetturi bil-Mutur (TCMV), imwaqqaf b'dan ir-Regolament, u l-Forum stabbilit fl-Artikolu 10 sejrin jipprovdu pjattaforma fejn jiġu diskussi b'mod regolari kwistjonijiet marbutin mal-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju msaħħaħ għall-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur.

L-Istati Membri sejjer ikollhom jirrapportaw għand il-Kummissjoni ta' kull sena l-penali li jkunu implimentaw.

Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip u l-proċeduri ta' sorveljanza tas-suq stabbiliti f'dan ir-Regolament. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tirrapporta għand il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid.

2.2. Sistema ta' mmaniġġjar u kontroll

2.2.1. Ir-riskju/i identifikat(i)

Il-miżuri proposti sabiex tiġi limitata d-durata tal-validità tad-deżinjazzjoni tas-servizzi tekniċi jistgħu jirriżultaw f'nuqqas temporanju ta' servizzi tekniċi u jistgħu jirriżultaw f'dewmien għall-manifatturi sabiex il-prodotti tagħhom jirċievu l-approvazzjoni tat-tip.

2.2.2. Informazzjoni rigward is-sistema ta' kontroll intern stabbilita

L-introduzzjoni ta' superviżjoni koordinata tas-servizzi tekniċi sejra tkun akkumpanjata minn dispożizzjonijiet tranżitorji xierqa sabiex ikun possibbli li s-servizzi tekniċi maħturin skont id-Direttiva 2007/46/KE tiġġeddilhom id-deżinjazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament il-ġdid, fi żmien perjodu ta' sentejn mid-data ta' dħul fis-seħħ tar-Regolament. Il-Kummissjoni għandha toħloq gwida sabiex tiżgura operat proporzjonat u li jista' jitħaddem tal-mekkaniżmu superviżorju l-ġdid.

2.2.3. Stima tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livelli mistenni ta' riskju ta' żball

Il-kostijiet għall-mekkaniżmu ta' kontroll superviżorju sejrin jikkonsistu fil-parteċipazzjoni ta' esperti mill-Istati Membri tal-UE u rappreżentanti tal-Kummissjoni f'awditjar konġunt tas-servizzi tekniċi. Il-benefiċċju sejjer ikun jikkonsisti fl-iżgurar ta' livell għoli ta' affidabbiltà fit-twettiq tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità mwettqin mis-servizzi tekniċi.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri tal-prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti

Minbarra l-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kontroll regolatorju kollha, is-servizzi tal-Kummissjoni sejrin ifasslu strateġija kontra l-frodi b'konformità mal-istrateġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi (CAFS) adottata fl-24 ta' Ġunju 2011 sabiex, inter alia, jiġi żgurat li l-kontrolli interni tagħha marbutin mal-ġlieda kontra l-frodi jkunu allinjati bis-sħiħ mas-CASF u li l-approċċ tagħha għall-immaniġġjar tar-riskju ta' frodi jkun immirat sabiex jidentifika l-oqsma ta' riskju ta' frodi, b'mod partikolari

b’rabta mal-finanzjament tal-attivitajiet ta’ implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament. B’mod partikolari, sejra tiġi implimentata sensiela ta’ miżuri bħal:

- deċiżjonijiet, ftehimiet u kuntratti li jirriżultaw mill-finanzjament tal-attivitajiet ta’ implimentazzjoni tar-Regolament sejrin jintitolaw b’mod espliċitu lill-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, u l-Qorti tal-Awdituri sabiex jagħmlu awditjar, verifiki fuq il-post u spezzjonijiet;

- matul il-fażi ta’ evalwazzjoni ta’ sejħa għal proposti/offerti, il-proponenti u l-offerenti sejrin jiġu kkontrollati fl-isfond tal-kriterji ta’ esklużjoni ppubblikati fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet u s-Sistema ta’ Twissija Bikrija (EWS);

Barra minn hekk, il-Kummissjoni sejra tikkontrolla applikazzjoni stretta tar-regoli dwar il-kunflitt ta’ interessi għall-azzjonijiet ta’ implimentazzjoni skont dan ir-Regolament.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja bağitarja affettwata/linji bağitarji affettwati

- Linji bağitarji eżistenti

Fl-ordni ta' intestaturi u linji bağitarji tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja bağitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Kapitolu 02.03 Suq intern tal-prodotti u s-servizzi	Diff./Mhux diff.[33].	minn pajjiżi tal-EFTA[34]	minn pajjiżi kandidati[35]	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1a	02.03.01 Operat u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi	Diff.	IVA	LE	LE	LE

[33] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Non-diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[34] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[35] Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. L-azzjonijet previsti f'dan l-abbozz ta' proposta għal Regolament mhu se jkollhom l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE fuq l-approprjazzjonijiet diġà previsti fl-ipprogrammar finanzjarju uffiċjali tal-Kummissjoni u lil hinn minnhom; għaldaqstant kwalunkwe rekwiżit għal riżorsi finanzjarji jkollu jiġi ssodisfat permezz ta' dħul assenjat u riallokazzjoni.

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

Miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1a	Kompetittività għat-Tkabbir u għall-Impjiegi

DĠ: GROW			Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	**TOTAL ta' snin 2017-2020**	Is-Snin ta' Wara[36]
• Approprjazzjonijiet operazzjonali								
Numru tal-linja baġitarja: 02.03.01	Impenji	(1)	9,450	9,285	9,020	6,557	**34,312**	6,594
	Ħlasijiet	(2)	5,600	9,835	9,170	9,707	**34,312**	
Approprjazzjonijiet ta' għamla amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[37]								
Numru tal-linja baġitarja		(3)						
TOTAL ta' approprjazzjonijiet għad-DĠ GROW	Impenji	=1+1a +3	9,450	9,285	9,020	6,557	**34,312**	6,594
	Ħlasijiet	=2+2a +3	5,600	9,835	9,170	9,707	**34,312**	

[36] Għall-perjodu wara l-31 ta' Diċembru 2020, l-ammont għandu jkun soġġett għall-qafas finanzjarju pluriennali fis-seħħ għall-perjodu li jibda fl-2021, skont l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

[37] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet (eks linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

• TOTAL ta' approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	9,450	9,285	9,020	6,557	**34,312**	6,594
	Ħlasijiet	(5)	5,600	9,835	9,170	9,707	**34,312**	
• TOTAL ta' approprjazzjonijiet ta' għamla amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)						
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1a tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	9,450	9,285	9,020	6,557	**34,312**	6,594
	Ħlasijiet	=5+ 6	5,600	9,835	9,170	9,707	**34,312**	

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	“Nefqa amministrattiva”

Miljuni ta’ EUR (sa tliet postijiet deċimali)

		Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	**TOTAL ta’ snin 2017-2020**	Is-Snin ta’ Wara[38]
DĠ: GROW							
• Riżorsi umani		1,206	1,206	1,206	1,206	**4,824**	1,206
• Nefqa amministrattiva oħra		0,235	0,240	0,244	0,249	**0,968**	0,254
TOTAL DĠ GROW	Approprjazzjonijiet	1,441	1,446	1,450	1,455	**5,792**	1,460

TOTAL ta’ approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Ħlasijiet totali)	1,441	1,446	1,450	1,455	**5,792**	1,460

Miljuni ta’ EUR (sa tliet postijiet deċimali)

		Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	**TOTAL ta’ snin 2017-2020**	**Is-Snin ta’ Wara**
TOTAL ta’ approprjazzjonijiet TOTAL ta’ approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	10,891	10,731	10,470	8,012	**40,104**	8,054
	Ħlasijiet	7,041	11,281	10,620	11,262	**40,104**	**1,460**

[38] Għall-perjodu wara l-31 ta’ Diċembru 2020, l-ammont għandu jkun soġġett għall-qafas finanzjarju pluriennali fis-seħħ għall-perjodu li jibda fl-2021, skont l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġix l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ ☒Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-eżiti			Sena **2017**		Sena **2018**		Sena **2019**		Sena **2020**		**TOTAL ta' snin 2017-2020**	Snin ta' wara	
			EŻITI										
⇩	Tip[39]	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	**Nru totali**	Kost totali	Kost
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[40]…			L-istabbiliment ta' mekkaniżmi li jiżguraw implimentazzjoni u infurzar armonizzati tar-regoli dwar l-approvazzjoni tat-tip u s-sorveljanza tas-suq mill-Istati Membri kollha b'ġestjoni sostenibbli, effettiva u kredibbli fil-livell tal-UE, b'aċċess għal kompetenza xjentifika u teknika interna u esterna, biex b'hekk ikun hemm koordinazzjoni, kooperazzjoni u qsim tar-riżorsi aħjar bejn l-awtoritajiet ta' infurzar fl-Istati Membri									
- Eżitu	TCMV u laqgħat tal-Forum tal-Infurzar		20 jum ta' laqgħat	0,500	20 jum ta' laqgħat	0,510	20 jum ta' laqgħat	0,520	20 jum ta' laqgħat	0,530	**2.06**	20 jum ta' laqgħat	0,541
- Eżitu	Appoġġ tekniku u xjentifiku (JRC)			7,700		7,500		7,200		4,700	**27,100**		4,700
- Eżitu	Awditjar/ valutazzjoniji et konġunti tas-servizzi tekniċi			1,250		1,275		1,300		1,327	**5,152**		1,353
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1				9,450		9,285		9,020		6,557	**34,312**		6,594

39 L-eżitu huwa l-prodotti u s-servizzi fornuti (pereżempju: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ)

40 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

KOST TOTALI		9,450		9,285		9,020		6,557	**34,312**		6,594

3.2.4. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4.1. Sommarju

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġix l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' għamla amministrattiva

– ☒ ☒Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' għamla amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

Miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

	Sena 2017	**Sena 2018**	**Sena 2019**	**Sena 2020**	**Total ta' snin 2017-2020**	Is-Snin ta' Wara
INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali						
Riżorsi umani (DĠ-GROW)	1,206	1,206	1,206	1,206	**4,824**	1,206
Nefqa amministrattiva oħra (DĠ-GROW)	0,235	0,240	0,244	0,249	**0,968**	0,254
Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	1,441	1,446	1,450	1,455	**5,792**	1,460

Barra l-INTESTATURA 5[41] tal-qafas finanzjarju pluriennali						
Riżorsi umani						
Infiq ieħor ta' natura amministrattiva						
Subtotal barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali						

TOTAL	1,441	1,446	1,450	1,455	**5,792**	1,460

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u nefqa oħra ta' għamla amministrattiva sejrin jittieħdu kollha minn approprjazzjonijiet tad-DĠ GROW li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew reġgħu ġew skjerati fi ħdan id-DĠ, flimkien ma', jekk hemm bżonn, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li setgħet ingħatat lid-DĠ maniġerjali skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

[41] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet (eks linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.4.2. Il-ħtiġijiet stmati ta' riżorsi umani

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ ☒Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li trid tingħata f'unitajiet ta' ekwivalenti għall-full time

		Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	Snin ta' Wara[42]
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)						
02 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni)		9 (GROW)	9 (GROW)	9 (GROW)	9 (GROW)	9 (GROW)
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)						
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)						
10 01 05 01 (Riċerka diretta)						
• Persunal estern (f'unità ta' Ekwivalenti għal Full Time: FTE)[43]						
XX 01 02 01 (AK, ENS, INT mill-"pakkett globali")						
XX 01 02 02 (AK, AL, ENS, INT u JED fid-delegazzjonijiet)						
XX 01 04 **ss** [44]	- fil-Kwartieri Ġenerali					
	- fid-Delegazzjonijiet					
XX 01 05 02 (AK, ENS, INT - Riċerka indiretta)						
10 01 05 02 (AK, ENS, INT - Riċerka diretta)						
Linji baġitarji oħrajn (speċifika)						
TOTAL		9	9	9	9	9

XX hija l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa sejrin jiġu pprovduti minn fost persunal tad-DĠ GROW li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip attwali u/jew ġie skjerat mill-ġdid fi ħdan jew barra d-DĠ (ħtiġijiet stmati: 6 AD/FTE u 3 AST/FTE).

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Kontroll tal-implimentazzjoni u l-infurzar xierqa ta' dan ir-Regolament; żvilupp tal-atti delegati/ta' implimentazzjoni u gwida; organizzazzjoni u superviżjoni tal-"valutazzjonijiet konġunti" tas-servizzi tekniċi u kontroll tal-proċess ta' dożinjazzjoni u monitoraġġ mill-Istati Membri; koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq fil-livell tal-UE
Persunal estern	

42 Ara, Nota f'qiegħ il-paġna 38

43 AK= Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; ENS= Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JED= Esperti Subalterni fid-Delegazzjonijiet.

44 Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (eks linji "BA").

3.2.5. Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

– ☒ ☒Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva sejra tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.6. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

– - Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għall-kofinanzjament minn partijiet terzi.

– ☒Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

	Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**	Total	Is-Snin ta' Wara
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament*: L-Istati Membri permezz tal-istruttura tat-tariffi nazzjonali tagħhom biex jiffinanzjaw l-approvazzjoni tat-tip u l-attivitajiet ta' sorveljanza tagħhom u biex jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-ittestjar indipendenti tal-verifika ta' konformità mill-Kummissjoni*						
TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati	7,700	7,500	7,200	4,700	27,100	xx

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ ☐Il-proposta/inizjattiva ma għandha ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☒ ☒Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ ☐fuq ir-riżorsi prorpji

– ☒ ☒fuq dħul mixxellanju (kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri kif indikat fit-taqsima 3.2.5)

Miljuni ta' EUR (sa tliet postijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/inizjattiva[45]						
		Sena **2017**	Sena **2018**	Sena **2019**	Sena **2020**			
Artikolu 6600		7,700	7,500	7,200	4,700			

Għal dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati.

02.0301 Operat u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul. MT MT MT MT MT MT MT MT MT MT MT MT MT MT MT MT MT

[45] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.